# Każijiet fil-Qosor 2025

UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN
MALTA



OMBUDSMAN

GĦALL-PERJODU TA'
JANNAR - DIĊEMBRU
2025

Edizzjoni 45

# Każijiet fil-Qosor 2025

UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN
MALTA



OMBUDSMAN

GĦALL-PERJODU TA'
JANNAR - DIĊEMBRU
2025

Edizzjoni 45

OMBUDSMAN

Indirizz: 11/12, Triq San Pawl, Valletta, VLT1210
Email: office@ombudsman.org.mt
Tel: +356 2248 3200, 2248 3216

L-Uffiċċju jkun miftuħ għall-pubbliku:
Ottubru – Mejju 08:30am – 12:00pm
01:30pm – 03:00pm
Ġunju – Settembru 08:30am – 12:30pm

**Website: www.ombudsman.org.mt**
**Facebook: Ombudsman Malta**

# Daħla



Din hija l-45 edizzjoni ta’ Każijiet fil-Qosor ippubblikata mill-Uffiċċju tal-Ombudsman minn meta l-istituzzjoni ġiet imwaqqfa permezz tal-Att dwar l-Ombudsman (Att XXI tal-1995 – Kapitolu 385 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Il-pubblikazzjoni tiffoka fuq l-iktar investigazzjonijiet importanti u li spikkaw matul l-2025. Dan ix-xogħol jiġbor fih għażla ta’ 38 każ li ġew investigati u konklużi mill-Ombudsman u mit-tliet Kummissarji. Il-ġabra ta’ każijiet hija maħsuba biex tilħaq l-aktar firxa wiesgħa ta’ qarrejja possibbli u tħaddan fiha sensiela estiża ta’ suġġetti w ilmenti li għandhom ikunu ta’ interess għal ħafna, inkluż l-entitajiet pubbliċi.

Din il-ħidma telenka fil-qosor l-investigazzjoni, il-kwistjonijiet ewlenin li ġew identifikati, u l-eżitu aħħari li huwa spjegat b’mod li kulħadd jista’ jifhem u jikkunsidra, anke meta saru r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa.

Il-Każijiet fil-Qosor jgħinu lill-qarrej biex jagħti valur u japprezza aħjar il-ħtieġa għal governanza tajba fis-servizzi pubbliċi u fil-prattiċi amministrattivi pubbliċi. L-entitajiet pubbliċi għandhom isibu dawn il-Każijiet fil-Qosor bħala utli, anke bħala mezz biex itejbu l-mod kif jittrattaw mal-pubbliku b’mod aktar ekwu u biex jindirizzaw b’mod effettiv it-tħassib u l-ilmenti mressqa mill-pubbliku.

Il-Każijiet fil-Qosor jgħinu lis-servizz pubbliku u lill-amministrazzjoni pubblika biex isaħħu l-istandards ta’ governanza tajba u jtejbu l-kwalità tas-servizzi li joffru, inkluż billi jtejbu l-metodoloġija u l-proċeduri tagħhom.

Nixtieq nesprimi l-apprezzament u l-gratitudni tiegħi lill-Kummissarji, lill-Investigaturi u lill-istaff fl-Uffiċċju tal-Ombudsman li kienu involuti fil-finalizzazzjoni u l-pubblikazzjoni ta’ din l-edizzjoni tal-Każijiet fil-Qosor.

**Imħallef Emeritus Joseph Zammit McKeon**
**Ombudsman Parlamentari**

**Nota:** Dawn il-każijiet fil-qosor jagħtu stampa tal-ilmenti li jiġu kkunsidrati mill-Ombudsman u l-Kummissarji. L-għan tagħhom hu li jservu ta' informazzjoni biex jintwerew il-prinċipji ġenerali u l-mod li bih l-Ombudsman jitratta kwistjonijiet partikolari.

F'dawn ir-rapporti, it-termini 'hu/hi' mhux intenzjonati li jidentifika l-persuna li ressaq l-ilment kinitx mara jew raġel. Dan il-kumment qiegħed isir sabiex titħares kemm jista' ikun l-anonimità ta' min ressaq l-ilment.

# WERREJ

**Daħla 3**

**Ombudsman Parlamentari 7**

Allegat nuqqas ta' interess leġittimu għall-aċċess tar-Reġistru tas-Sidien Benefiċċjarji 8

Talba inġusta għar-rifużjoni tal-allowance għall-kwalifika 11

Redeployment ta' impjegat jiġi kkunsidrat bħala wieħed żbaljat 13

Applikazzjoni allegatament inġusta tal-limitazzjonijiet tal-Proċedura tax-Schengen 15

Eliminazzjoni inġusta minn Sejħa għall-Applikazzjonijiet 17

Ilment dwar ħlas li sar lir-Reġistru Pubbliku għal riċerki magħmula 19

Ilment dwar ħsara kkawżata lil vettura b'riżultat ta' ħofra fit-triq 22

Ilment dwar ħsara kkawżata lil vettura b'riżultat ta' ħofra fit-triq 25

Allegazzjoni ta' trattament inġust mhux sostanzjat 28

L-Azzjoni Kattolika Maltija eskluża minn għotja ta' assistenza għall-istampar tal-gazzetta 'Il-Leħen' 30

L-aċċess pubbliku għall-kundizzjonijiet ta' bejgħ ta' ċilindri tal-gass GPL 33

Proċess ta' appell dwar l-irmonkar – dewmien u messaġġi mhux ċari 37

Allegat nuqqas ta' azzjoni korretta mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg 41

Trakk tal-iskart jitħalla jitla' fuq il-vapur minkejja r-riħa qawwija tiegħu u t-tħassib marbut mal-indafa 44

Nuqqasijiet sistemiċi fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin 47

**Kummissarju għall-Edukazzjoni 53**

Esklużjoni minn ftehim settorjali wara assimilazzjoni amministrattiva 54

Allowance mhux żvelata għal Letturi tal-ICT fl-MCAST tiġi investigata mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni 57

It-talba għall-estensjoni ta' kuntratt ta' lecturer wara l-età tal-irtirar tiġi miċħuda b'mod inġust 60

Iċ-Ċentru tar-Riżorsi San Miguel iċaħħad lill-ġenituri milli jkollhom rappreżentanza u aċċess għal informazzjoni bażika 63

Supply teacher jiġi mħallas inqas minn sħabu minkejja li għandu l-istess dmirijiet ... 66

Il-MATSEC jiċħad li jikkunsidra Arranġamenti ta' Aċċess Tard għal Eżamijiet għal studenta bid-dislessija ... 69

Nuqqas ta' involviment bejn l-awtoritajiet Edukattivi u l-UPE iwassal biex tifel li huwa ddikjarat li għandu xi bżonnijiet jitħalla mingħajr l-appoġġ tal-LSE ... 72

Student li għandu appoġġ ta' LSE fuq bażi one-to-one jiġi miċħud l-aċċess għal catch-up classes ... 75

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni jsostni l-ilmenti dwar il-libertà tal-espressjoni tal-edukaturi ... 77

**Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar ... 81**

Aġġustamenti tal-multi tal-ippjanar ... 82

Nuqqas ta' infurzar dwar kundizzjoni marbuta mal-ftuħ ta' triq ġdida ... 84

Tined fissi irregolari li ilhom installati quddiem is-Suq tal-Belt, ġewwa l-Belt Valletta ... 86

Monitoraġġ ta' xogħlijiet fil-Konkatidral ta' San Ġwann ... 88

L-iżvelar tal-identità tal-Uffiċjali ... 90

Tiġdid tal-Liċenzji ta' Operatur tal-Y-Plate ... 92

L-Esklużjoni tal-Kamra tal-Ġeoloġisti ta' Malta mis-sħubija fil-Kunsill Konsultattiv dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni ... 95

**Kummissarju għas-Saħħa ... 99**

Nuqqas ta' intitolament għal kura medika peress li l-kundizzjoni medika ma kinitx elenkata fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Parti II tal-Iskeda V) ... 100

Proċess tal-Għażla għall-Pożizzjoni ta' Kap ... 102

Allegat aġir mhux xieraq mill-istaff tal-isptar Mater Dei ... 105

Tiġi riżolta kwistjoni marbuta ma' iffitjar ta' prosteżi ... 108

Jiġi sostitwit l-oġġett li ġie mitluf fl-Isptar Mater Dei ... 110

Servizzi ta' Riabilitazzjoni għal pazjent li sofra trawma kbira ... 111

# Ombudsman Parlamentari

KAŻIJIET FIL-QOSOR



**Reġistru tal-Kumpaniji ta' Malta**

# Allegat nuqqas ta' interess leġittimu għall-aċċess tar-Reġistru tas-Sidien Benefiċċjarji

**L-ilment**

Il-persuna li ressaq l-ilment ħass li ġie trattat ħażin bil-pożizzjoni meħuda mir-Reġistru tal-Kumpaniji ta' Malta (Malta Business Registry) li jirrestrinġi l-aċċess għar-Reġistru tas-Sidien Benefiċjarji għall-awtoritajiet kompetenti u l-persuni suġġetti wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (CJEU) fil-Kawżi Konġunti C-37/20 u C-601/20 fejn il-CJEU tat deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE lill-Qorti Distrettwali tal-Lussemburgu fil-każ ta' WM u Sovim SA kontra r-Reġistri tal-Kumpaniji tal-Lussemburgu fit-22 ta' Novembru 2022.

**Il-fatti**

L-individwu li ressaq l-ilment iddikjara li, wara li ġie ingaġġat minn parti terza sabiex jipprovdi servizzi ta' diliġenza meħtieġa, huwa talab informazzjoni mingħand ir-Reġistratur tas-Sidien Benefiċċjarji fir-Reġistru tal-Kumpaniji ta' Malta (l-MBR). L-individwu li ilmenta allega li minkejja l-fatt li r-Regolamenti tal-Att dwar il-Kumpaniji (Reġistru tas-Sidien Benefiċjarji) (S.L. 386.19) jirrikjedu li l-informazzjoni fuq ir-Reġistru tas-Sid Benefiċjarji tkun aċċessibbli għall-pubbliku, l-MBR mhux biss ċaħad dan l-aċċess mingħajr ma ta raġuni valida iżda dewwem il-proċess bla bżonn. Huwa żied jgħid li t-talba tiegħu biex jikseb l-informazzjoni mill-MBR ġiet miċħuda għaliex ma kinitx il-persuna suġġetta (subject person).

Wara li saru talbiet għal tagħrif minn dan l-Uffiċċju, l-MBR beda billi informa lill-persuna li ressaq l-ilment li min-naħa tiegħu kien talab biex jingħata informazzjoni biex jikseb aċċess biex ikun jista' iwettaq id-diliġenza meħtieġa fuq

klijent tiegħu u jidentifika s-sidien fi ħdan l-istess struttura tal-klijent. Din it-talba kienet fil-qosor u indikat li l-individwu nnifsu ma kienx il-persuna suġġetta. L-MBR osserva li min ressaq l-ilment ma kienx speċifika liema hi l-kumpanija li dwarha kienet qed tintalab l-informazzjoni u, barra minn hekk, lanqas ma inkluda d-direttur jew id-diretturi ta' din il-kumpanija. Dan l-aħħar dettall kien importanti għaliex ir-Reġistru ma jistax joħroġ Ċertifikat ta' Sid Benefiċjarju Aħħari (UBO) mingħajr tal-inqas il-kunsens ta' wieħed mid-diretturi tal-kumpanija. L-MBR spjega illi dan iċ-Ċertifikat tal-UBO jista' jinħareġ biss wara li jkunu mgħarrfa u jagħtu kunsens id-diretturi jew is-sidien benefiċjarji nfushom.

L-individwu li ressaq l-ilment ma indikax b'mod speċifiku li l-informazzjoni mitluba kienet għas-sidien benefiċċjarja ta' kumpanija fir-Reġistru. Huwa naqas milli jipprovdi spjegazzjoni suffiċjenti dwar xiex kienet tikkonsisti eżattament din it-talba. L-MBR iddeċieda, fost affarijiet oħra, li t-talba lanqas biss ma inkludiet il-kriterji tas-sid benefiċjarju u l-bażi legali biex huwa jkun jista' jikseb l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji. Għalhekk, l-aċċess ġie miċħud.

L-MBR irribatta l-argument tal-individwu li ressaq l-ilment li r-Reġistru kien miftuħ għall-pubbliku ġenerali jew għal kull min jitlob informazzjoni. L-MBR kien qed isegwi d-*dicta* (l-pronunzja formali minn sors awtoritattiv) fil-Kawżi Konġunti C-37/20 u C-601/20, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkunsidrat li peress li r-Reġistru tas-Sidien Benefiċjarji jinkludi informazzjoni dwar individwi identifikati, jiġifieri s-sidien benefiċjarji ta' kumpaniji u entitajiet legali oħra inkorporati fl-Istati Membri, l-aċċess ta' kwalunkwe membru tal-pubbliku ġenerali għal din id-data jaffettwa d-dritt fundamentali għar-rispett tad-dritt għall-privatezza ta' dawn l-individwi.

Il-Qorti kienet tal-fehma li t-tqegħid ta' data personali għad-dispożizzjoni tal-pubbliku inġenerali b'dan il-mod ixekkel serjament id-drittijiet fundamentali fl-Artikoli 7 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem irrispettivament mill-użu sussegwenti tal-informazzjoni li tiġi kkomunikata. Il-Qorti talbet ukoll li l-persuni li jitolbu l-informazzjoni għandu jkollhom 'interess leġittimu' qabel ma jkunu jistgħu jingħataw kwalunkwe aċċess għall-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji. L-Istati Membri kellhom id-dritt li jistabbilixxu ċerti kundizzjonijiet dwar l-aċċess u saħansitra li jirrestrinġu l-aċċess għall-pubbliku ġenerali jekk ikun meħtieġ. Wara din is-sentenza u minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja

tal-Unjoni Ewropea ddikjarat l-Artikolu 30(5)(c) tad-Direttiva (UE) 2024/1640 (aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarja) qieset li dan kien invalidu, ir-Reġistratur iddeċieda li jirrestrinġi l-aċċess tar-Reġistru għall-pubbliku inġenerali. Fi kwalunkwe aċċess mill-pubbliku ġenerali jeħtieġ li jkun hemm 'interess leġittimu'.

Wara s-sentenza li ssemmiet aktar 'l fuq, l-awtorità li tirregola l-aċċess pubbliku għas-sidien benefiċjarja kien ristrett għal dawk il-persuni li għandhom interess leġittimu simili għal dak li tagħmel aċċenn għalih ir-Raba' Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus (Direttiva (UE) 2015/849). Għalkemm din l-aħħar direttiva m'għandhiex definizzjoni speċifika għal "interess leġittimu", id-Direttiva tħalli f'idejn l-Istati Membri biex jinterpretaw u jimplimentaw l-interess leġittimu.

L-MBR sostna li l-individwu li ilmenta ma pprovdiex b'mod sodisfaċenti u konkret lir-Reġistratur il-bażi legali tal-interess leġittimu tiegħu sabiex jikseb aċċess għar-Reġistru tas-Sidien Benefiċċjarji għaliex naqas milli:

- jindika speċifikament l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija li dwarha kien jeħtieġ informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarja;
- jindika r-relazzjoni tiegħu mal-entità li kkummissjonatu biex iwettaq dan l-inkarigu;
- jindika r-relazzjoni kummerċjali jew jindika l-partijiet involuti fl-entità li kkummissjonatu jew saħansitra juri l-'interess leġittimu' tiegħu mas-sidien benefiċjarji u l-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu; u
- jagħti l-assigurazzjonijiet meħtieġa li s-sidien benefiċjarji ma jkunux esposti għall-ebda ħsara jew riskju sproporzjonat.

**Konklużjoni**

L-Ombudsman ma sostniex dan l-ilment. Ir-Reġistru tal-Kumpaniji ta' Malta kien aġixxa b'mod korrett meta ma ppermettiex aċċess għar-Reġistru tas-Sidien Benefiċjarji. L-individwu li ressaq l-ilment ma kellux l-interess leġittimu meħtieġ għal dan u ma kienx ipprovda l-informazzjoni neċessarja biex juri li kien kiseb u kellu l-interess leġittimu.

**Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi**

# Talba inġusta għar-rifużjoni tal-allowance għall-kwalifika

**L-ilment**

Individwu ressaq ilment mal-Ombudsman wara d-deċiżjoni tal-Ministeru fejn kien jaħdem li jirrifondi l-ammont li ġie mħallas lilu għall-allowance ta' kwalifika. L-allowance kienet ġiet approvata mill-management tal-Ministeru, iżda aktar tard ġiet meqjusa li kienet ġiet awtorizzata b'mod żbaljat u għalhekk saret it-talba għal rifużjoni. L-individwu li ilmenta allega li d-deċiżjoni tal-Ministeru kienet waħda inġusta billi sostna li l-allowance kienet ġiet approvata kif suppost u kienet titħallas lill-uffiċjali pubbliċi fi gradi oħra.

**Il-fatti**

L-individwu li ressaq l-ilment kien ipprova jsolvi din il-kwistjoni billi ressaq petizzjoni lill-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi li rrefera l-kwistjoni lill-Bord tal-Ilmenti. Il-Bord sab li l-ħlas tal-allowance kienet dovuta għal diploma postgradwatorja fejn fir-reklutaġġ kienet mitluba lawrja. Peress li min ilmenta ma kellux diploma postgradwatorja, l-allowance ma setgħetx titqies meħtieġa u, allura, it-talba għar-rifużjoni kienet waħda ġustifikata.

Fir-regolamenti rilevanti tas-Servizz Pubbliku nsibu li l-allowances ta' kwalifika ma jibqgħux jitħallsu meta uffiċjal pubbliku jinħatar fi grad fl-Iskala tas-Salarju 4 jew ogħla. L-allowance hija maħsuba biex tħeġġeġ lill-uffiċjali pubbliċi biex jiksbu kwalifiki rilevanti marbuta mad-dmirijiet tagħhom. Japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi bħal per eżempju allowance li titħallas għall-ogħla kwalifika u restrizzjonijiet fuq il-ħlas ta' allowances fejn il-kwalifika hija rekwiżit ta' eliġibbiltà għall-ħatra partikolari. Fil-każ ta' diplomi, dawk postgradwati biss jikkwalifikaw jekk ir-rekwiżit tad-dħul ikun jirrikjedi l-ewwel grad ta' lawrja, ħlief għal ċerti gradi fis-Servizz Ġenerali.

L-individwu li ressaq l-ilment kien inħatar bħala Senior Manager. Dan kien jirrikjedi lawrja fil-Livell 6 tal-MQF. Kellu wkoll lawrja tal-Masters (Livell 7 tal-MQF) li, peress li hija rekwiżit ta' eliġibbiltà, ma kien dovut l-ebda ħlas ta' allowance għall-kwalifika. Lanqas ma seta' jirċievi allowance għad-diploma tiegħu għaliex kienet kwalifika undergraduate fil-Livell 5 tal-MQF. F'dan l-aspett, il-Bord tal-Ilmenti kellu raġun meta qal li ma kelliex titħallas allowance għad-diploma undergraduate.

Dan l-iżball ġie skopert wara li saret Valutazzjoni ta' Konformità tal-HR. Il-ħlas ġie mwaqqaf u l-individwu li ilmenta ntalab li jirrimborża l-ammont skont ma jitlob l-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili li jippermetti li jsir l-irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti fi żmien sentejn minn meta jiġi magħruf li sar ħlas skorrett jew żbaljat.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-Ombudsman innota li l-individwu li ressaq l-ilment ħass illi kien ġie ggwidat ħażin mill-Ministeru li min-naħa tiegħu messu informah li skont ir-regolamenti applikabbli l-allowance ma kinitx dovuta lilu. Peress li min ilmenta kien segwa l-proċedura tal-applikazzjoni korretta, li kienet ġiet approvata, ma kellux jiġi meqjus li rċieva allowance li ma kinitx awtorizzata.

L-Ombudsman saħaq li filwaqt li l-azzjoni biex jiġu rkuprati dawn il-flus min-naħa tal-Ministeru kienet legalment ġustifikata, din l-azzjoni setgħet titqies li mhix raġonevoli, mhix ekwa u mhux ġusta skont il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba li jeħtieġu li d-deċiżjonijiet ikunu proporzjonali u ġusti.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

L-Ombudsman ikkonkluda li l-azzjoni tal-Ministeru għall-irkupru tal-allowance kienet waħda li ma kinitx raġonevoli, mhux ġusta u żbaljata. Huwa rrakkomanda li l-Ministeru jirtira t-talba tiegħu għal rifużjoni tal-ammont mitlub.

Fil-5 ta' Settembru 2025 il-Ministeru kkonċernat aċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman u ġiet implimentata.

**Awtorità tad-Djar**

# Redeployment ta' impjegat jiġi kkunsidrat bħala wieħed żbaljat

**L-ilment**
L-individwu li ressaq l-ilment kien jaħdem fl-Awtorità tad-Djar u ilmenta li l-Awtorità kienet għamlet ħatra fil-grad ta' Senior Officer mingħajr sejħa formali għall-applikazzjonijiet. Huwa sostna li hu kien kwalifikat biex japplika iżda ġie skartat minħabba li ngħatat preferenza lil persuna li ġiet trasferita minn entità pubblika oħra. Huwa qies dan bħala aġir inġust u diskriminatorju.

**Il-fatti**
Wara li dan l-Uffiċċju talab għal aktar informazzjoni mill-Awtorità tad-Djar, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' dak iż-żmien wieġeb li l-ħatra kienet waħda fejn persuna tintbagħat tagħti s-servizzi tagħha f'post ieħor (redeployment) u li din l-azzjoni ġiet awtorizzata mid-Diviżjoni għan-Nies u Standards fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. L-individwu li ġie trasferit fil-fatt inħatar mingħajr sejħa għall-applikazzjonijiet għaliex intqal li l-pożizzjoni ma kinitx waħda ġdida iżda waħda ta' trasferiment ta' rwol eżistenti.

Is-CEO spjega li l-impjegat li ġie trasferit kellu esperjenza preċedenti fir-rwol u li l-individwu li ilmenta ma kienx jikkwalifika għall-pożizzjoni ta' Senior Officer. Ir-redeployment kien ġustifikat skont l-Artiklu 16 tal-Att dwar Servizzi ta' Impjiegi u Taħriġ li jippermetti lill-impjegati jintbagħtu jadqu dmirijiethom f'post ieħor minħabba ristrutturar jew riorganizzazzjoni fi ħdan entitajiet pubbliċi. Il-kunfidenzjalità ssemmiet bħala raġuni oħra għaliex ma nħarġitx is-sejħa għall-applikazzjonijiet peress li l-individwu li ġie trasferit beda jaħdem fl-uffiċċju tas-CEO.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-bażi legali għar-redeployment ġiet eżaminata bir-reqqa. L-Artiklu 16(1) tal-Att iċċitat jippermetti redeployment meta l-impjegat jista' jitlef l-impjieg tiegħu minħabba ristrutturar jew riorganizzazzjoni. F'dan il-każ, it-trasferiment sar fuq talba għal trasferiment mill-individwu li sussegwentement ġie trasferit għaliex talab hu stess biex jitlaq mill-entità pubblika fejn kien qed jaħdem. Din l-entità ma kinitx għaddejja minn ristrutturar. Fil-fatt, din l-entità pubblika talbet biex jintbagħtilha sostitut li jindika li ma kien hemm l-ebda telf ta' impjieg. Għalhekk, ir-redeployment ma kienx jissodisfa l-kriterji legali skont Artiklu 16(1) tal-Att dwar Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ.

**Konklużjoni**

L-Ombudsman ikkonkluda li l-Awtorità tad-Djar ikkawżat inġustizzja meta naqset milli toħroġ sejħa għall-applikazzjonijiet, u ċaħdet lill-individwu li ressaq l-ilment u lill-impjegati oħra mill-opportunità li javvanzaw fil-karriera tagħhom. Il-bażi legali tar-redeployment kienet żbaljata peress li ma kien hemm l-ebda ristrutturar jew riskju ta' telf ta' impjieg. L-individwu li ġie redeployed kien talab volontarjament biex imur f'din l-Awtorità u x-xewqa tiegħu ntlaqgħet.

Il-ħatra ffavorixxiet individwu li ġie minn barra a skapitu tal-impjegati tal-Awtorità, u dgħajfet l-ekwità, il-ġustizzja u t-trasparenza. Għalkemm l-individwu li ressaq l-ilment talab li jitħallas b'lura u jingħata l-aġġustamenti tal-pensjoni, l-Ombudsman ma qabilx għaliex ma kien hemm l-ebda garanzija li kieku kien hemm sejħa ta' applikazzjonijiet, kien ikun hu li jintgħażel u jingħata din il-ħatra.

L-Ombudsman ikkonkluda li l-individwu li ġie trasferit u beda jaqdi dmirijietu f'din l-Awtorità kien gawda minn vantaġġ inġust fuq l-impjegati regolari tal-Awtorità u kien fixkel il-karriera tagħhom.

**Pulizija tal-Immigrazzjoni Maltija**

# Applikazzjoni allegatament inġusta tal-limitazzjonijiet tal-Proċedura tax-Schengen

**L-ilment**

Ċittadin Ġermaniż ressaq ilment dwar l-applikazzjoni tal-limitazzjonijiet tas-soġġorn ta' Schengen li kienu ġew imposti mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni Maltija fuq il-mara tiegħu li kienet Ingliża, minkejja li huma kienu qed jivvjaġġaw flimkien lejn Malta. Hu kellu ċittadinanza Ġermaniża u tal-Unjoni Ewropea, u martu hija ċittadina Ingliża u huma residenti fir-Renju Unit.

**Il-fatti**

L-ilment irrefera għall-informazzjoni mogħtija lilu mill-Europe Direct Contact Centre li l-hekk imsejħa limitazzjoni ta' soġġorn ta' 90 jum f'180 jum fiż-żona Schengen ma tapplikax għal membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE meta dawn jivvjaġġaw flimkien f'pajjiż ta' Schengen minbarra dak tan-nazzjonalità taċ-ċittadin tal-UE. Il-Pulizija allegatament ma aċċettatx din il-pożizzjoni.

Il-Pulizija, wara li l-Ombudsman talab li jingħata tagħrif dwar dan il-każ, spjegat li ċ-ċittadini tar-Renju Unit huma kkunsidrati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi u għalhekk soġġetti għar-regoli tad-dħul u l-ħruġ ta' Schengen inkluża l-limitazzjoni ta' 90/180 jum. Il-Pulizija spjegat li mart l-individwu li ressaq l-ilment setgħet toqgħod f'Malta mingħajr viża biss jekk ma taqbiżx l-ammont ta' żmien ta' dan il-perjodu. Jekk dan il-perjodu jinqabeż, hi jkollha bżonn viża sakemm ma jkollhiex karta ta' residenza valida bħala membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE. Il-Pulizija nnutat ukoll il-possibbiltà li hija setgħet tapplika għal karta ta' residenza skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/38/KE li permezz tagħha kienet teżentaha mill-bżonn li jkollha viża meta tkun qed takkumpanja liċ-ċittadin tal-UE, jiġifieri f'dan il-każ, żewġha stess.

**Konklużjoni**

L-Ombudsman ikkonkluda li l-Pulizija tal-Immigrazzjoni Maltija aġixxiet b'mod korrett meta ġibditlu l-attenzjoni dwar il-konsegwenzi jekk tinqabeż il-limitazzjoni ta' soġġorn ta' 90 jum mingħajr viża. Ċittadini tar-Renju Unit li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor sa tliet xhur mingħajr formalitajiet għajr li jkollhom passaport jew karta tal-identità validi, iżda dan huwa soġġett għal viża tad-dħul sakemm ma jkollhiex karta ta' residenza valida.

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA)**

# Eliminazzjoni inġusta minn Sejħa għall-Applikazzjonijiet

**L-ilment**
Individwu ressaq ilment kontra l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) wara li l-Awtorità ċaħdet l-applikazzjoni tiegħu għall-pożizzjoni ta' Chief Officer (Licensing and Permitting). Huwa allega li kien sofra minn att ta' amministrazzjoni ħażina minħabba li l-applikazzjoni tieghu ghall-kariga ma ġietx aċċettata għar-raġuni li hu ma kellux esperjenza biżżejjed fix-xogħol speċifiku tal-ħatra.

L-individwu li ressaq l-ilment ikkontesta din iċ-ċaħda internament iżda ġie infurmat li hu ma kellux l-għaxar snin esperjenza meħtieġa f'qasam relatat mal-pożizzjoni u għalhekk ma setax jitqies eliġibbli biex japplika.

**Il-fatti**
Wara li l-Ombudsman beda l-istħarriġ fuq il-każ, irċieva tweġiba dwar dan l-ilment mill-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tal-Industrija tal-Kostruzzjoni. Il-Ministeru tenna l-pożizzjoni dwar il-fatt li l-individwu li ilmenta ma kienx jissodisfa l-kriterju ta' aktar minn għaxar snin esperjenza relattiva għal-liċenzjar u l-permessi kif meħtieġa fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Dan l-Uffiċċju investiga l-esperjenza tal-kandidat li fil-fatt inħatar f'din il-pożizzjoni. Dan l-individwu kien ġie impjegat mal-Awtorità aktar tard mill-individwu li ressaq l-ilment, u meta applika hu kellu biss sitt xhur esperjenza fl-industrija tal-kostruzzjoni. Minkejja dan, il-Ministeru kkunsidra li l-impjieg preċedenti tiegħu fl-amministrazzjoni tat-taxxa kienet tammonta bħala esperjenza fil-qasam tal-bini. Għall-kuntrarju ta' dan, l-individwu li ressaq l-ilment kien ħadem ħafna iktar fl-industrija tal-kostruzzjoni barra minn Malta. Mhux hekk biss, imma xogħlu

fl-Awtorità kien jikkonsisti fit-tmexxija tat-taqsimiet tal-liċenzjar, tal-edukazzjoni u tal-permessi tal-bini.

L-Ombudsman sostna illi li tqis bħala ekwivalenti l-amministrazzjoni tat-taxxa mal-liċenzjar u l-permessi tal-kostruzzjoni ma kienx raġonevoli minħabba li dawn iż-żewġ oqsma kienu fundamentalment differenti. Fid-deċiżjoni tagħha l-Awtorità kienet injorat l-esperjenza estensiva tal-individwu li ressaq l-ilment.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

L-Ombudsman sab li l-individwu li ressaq l-ilment kien sofra inġustizzja. Ma kienx ġustifikat il-fatt li l-applikazzjoni ta' dan l-individwu kienet tqieset bħala mhux eliġibbli u ġie miċħud milli joqgħod għall-intervista tal-għażla abbażi ta' interpretazzjoni stretta u mgħawwġa tar-rekwiżit dwar l-esperjenza fil-qasam relatat. L-esperjenza tiegħu fil-kostruzzjoni u l-liċenzjar kienet direttament rilevanti u sinifikanti għar-rwol li jeħtieġ regolamentazzjoni serja minħabba t-tħassib dwar is-sigurtà. Għal din il-kariga l-individwu li ilmenta kien ġie skwalifikat inġustament u b'mod mhux korrett.

L-Ombudsman irrakkomanda li l-proċess tal-għażla għall-pożizzjoni ta' Chief Officer (Licensing and Permitting) jiġi annullat, u minflok tinħareġ sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet billi tittieħed konjizzjoni ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u jerġa' isir proċess tal-għażla mill-ġdid.

**Identità**

# Ilment dwar ħlas li sar lir-Reġistru Pubbliku għal riċerki magħmula

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment kien mar personalment fl-uffiċini ta' Identità biex jordna li jsirulu riċerki fuq kuntratti ta' fidi ta' ċens relatati ma' ħmistax-il persuna, bil-għan li jsib il-kuntratti tagħhom li kienu saru mal-Awtorità tad-Djar. Minkejja li wera l-kuntratt personali tiegħu biex jispjega eżattament x'ried u x'kien jeħtieġ, ir-riżultat ma kienx sodisfaċenti. Dan għaliex ma ħarġet l-ebda informazzjoni fuq għaxra mill-persuni identifikati minnu, u l-ħamsa l-oħra ma kinux il-persuni li hu talab riċerka dwarhom, kif ukoll ġew inklużi dokumenti li hu qatt ma kien talab. Għalhekk talab li jingħata l-ħlas lura, iżda l-Aġenzija ċaħdet it-talba tiegħu.

**Il-pożizzjoni tal-Aġenzija**

L-Aġenzija sostniet li meta l-individwu li ressaq l-ilment talab għar-riċerki in kwistjoni, kienet ingħatatlu spjegazzjoni dettaljata dwar it-tifsir tal-kategoriji tar-riċerki, spjega ġenerali fil-qosor dwar x'jinvolvu d-dokumenti, kif ukoll informazzjoni oħra relatata mal-ipproċessar tar-riċerki, u li hu kkonferma ripetutament li ried biss Noti ta' Fidi. Imbagħad iffirma d-dokumenti meħtieġa, u b'hekk ikkonferma li s-search orders tiegħu kienu jkopru biss Noti ta' Fidi. Meta huwa ilmenta mal-Aġenzija, għall-fini ta' verifiki ulterjuri din irrevediet u eżaminat bir-reqqa kull waħda mit-tfittxijiet li kienu ġew ordnati minnu. Hawnhekk irriżulta li kienu ġew mitluba biss Noti ta' Fidi, u li dawn kollha kienu inħarġulu. Sussegwentement, l-Aġenzija għamlet tfittxija taħt il-heading 'Trasferimenti', u minn din il-kategorija irriżultaw in-noti li kien jixtieq l-individwu li ilmenta.

Skont l-Aġenzija, ir-riċerki saru eżatt skont il-parametri indikati mill-individwu li ilmenta, u l-kuntratti li kien qed ifittex fil-fatt jaqgħu taħt il-kategorija Trasferimenti, mhux Fidi.

**Kunsiderazzjonijiet**
Fl-ilment tiegħu lil dan l-Uffiċċju, min ilmenta sostna li hu kien mar l-Aġenzija personalment proprju sabiex, permezz tal-kuntratt personali tiegħu, juri eżatt x'riċerki xtaq li jsiru, u li n-noti u l-kuntratti li huwa kellu bżonn sabhom aktar tard mir-Reġistru tal-Artijiet, u li għalihom kien ħallas u għamel spejjeż oħra. Mill-banda l-oħra, skont l-Aġenzija, dakinhar li l-individwu mar biex jordna r-riċerki, hu kien ġie mogħti spjegazzjoni fid-dettall dwar it-tipi ta' riċerki, u li kien hu stess li ordna biss Noti ta' Fidi.

Mill-investigazzjoni li għamel dan l-Uffiċċju, deher illi, probabbilment, dak li ġara meta min ilmenta mar sabiex jordna r-riċerki mir-Reġistru Pubbliku, fis-Sezzjoni tar-Riċerki, kien riżultat ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet: l-individwu li ressaq l-ilment wera l-kuntratt personali tiegħu sabiex juri b'mod ċar x'tip ta' kuntratti kien qed ifittex iżda baqa' jirreferi għalihom bħala kuntratti ta' fidi ta' ċens, filwaqt illi teknikament, dawn kienu jaqgħu taħt il-kategorija 'trasferimenti'. Ir-riċerka ġiet irreġistrata u ipproċessata taħt il-kategorija ta' Fidi, mentri fil-fatt din kellha ssir taħt 'Trasferimenti'.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**
Mill-verifiki li għamlet l-Aġenzija wara li kien tressaq dan l-ilment magħha, irriżulta li n-Noti mixtieqa minn dan l-individwu ġew identifikati meta t-tfittxija saret għal 'Trasferimenti'. Għalhekk, li kieku r-riċerka saret mill-ewwel taħt din il-kategorija, huwa kien ikollu r-riżultat mixtieq. Iżda deher li probabbilment dakinhar kien hemm xi nuqqas ta' ftehim u r-riċerka saret taħt il-kategorija żbaljata.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ilment ġie sostnut u saret rakkomandazzjoni biex l-Aġenzija tirrifondi l-ispejjeż imħallsa mill-individwu li ressaq l-ilment għar-riċerki in kwistjoni, dan wara li ssir il-verifika meħtieġa tal-ammont skont l-irċevuti preżentati.

**L-eżitu**

Fis-17 ta’ Marzu 2025, Identità informat lil dan l-Uffiċċju li aċċettat ir-rakkomandazzjoni tiegħu u ġiet implimentata.

**Kunsill Lokali San Ġwann**

# Ilment dwar ħsara kkawżata lil vettura b'riżultat ta' ħofra fit-triq

**L-ilment**

Fil-11 ta' Frar 2023, it-tyre tal-vettura tal-persuna li ressqet l-ilment ġarrbet ħsara wara li daħlet f'ħofra fonda fi Triq Sliema, il-Kappara. Il-persuna li ilmentat talbet li tingħata kumpens mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann, iżda din it-talba ġiet miċħuda, bil-Kunsill jattribwixxi l-ħofra għall-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp li ma kellux kontroll fuqhom u sostna li l-Kunsill ma jikkunsidrax talbiet bħal dawn. Min-naħa tagħha, il-persuna li ilmentat sostniet li l-ħsara kienet saret b'riżultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni tat-triq, u mhux tal-kundizzjoni tat-temp.

**Il-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann**

Il-Kunsill irrikonoxxa r-responsabbiltà tiegħu għat-triq, iżda argumenta li l-ħofra kienet saret b'riżultat ta' kundizzjonijiet ħżiena tat-temp wara l-Maltempata Helios u minħabba għargħar qawwi, u ċaħad li kien hemm xi negliġenza min-naħa tiegħu. Il-Kunsill qal ukoll li t-tiswijiet saru minnufih malli l-kundizzjonijiet tat-temp ippermettew li jsir dan u li l-Kunsill kien issodisfa l-obbligi kollha tiegħu.

**Kunsiderazzjonijiet**

Wara investigazzjoni dwar każ separat li jinvolvi l-istess Kunsill Lokali, id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ħarġet Ċirkulari fit-2 ta' April 2024 li tistabbilixxi proċedura standard biex il-Kunsilli Lokali kollha jittrattaw talbiet għal rimedju b'mod konsistenti. Il-proċedura tirrikjedi li min jilmenta għandu jissottometti dokumentazzjoni relevanti, inkluż rapport tal-pulizija u, fejn applikabbli, rapport mediku minn ċentru tas-saħħa, u wara li l-Kunsill jirrevedi l-evidenza jieħu deċiżjoni. Għalkemm din iċ-Ċirkulari kienet għadha mhux fis-seħħ meta ġara l-każ in eżami, kienet diġà inħarġet gwida preċedenti mill-Bord tal-Gvern Lokali għall-Kunsilli Lokali kollha

permezz ta' direttiva datata 25 ta' Frar 2015. Din kienet tipprovdi linji gwida dwar kif għandhom jiġu trattati talbiet għal danni kkawżati mill-kundizzjoni tat-toroq. Minkejja dan, il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann naqas milli jipprovdi l-Minuti li juru li t-talba tal-persuna li ressqet l-ilment ġiet diskussa b'mod xieraq qabel ma ġiet miċħuda, u aktar tard il-Kunsill ammetta li jista' ikun li din kienet ġiet trattata b'mod informali. Fil-fatt, it-talba kienet ġiet miċħuda unilateralment mis-Segretarju Eżekuttiv.

Dwar l-obbligu tas-sewwieqa li jsuqu bl-attenzjoni dovuta, dan l-Uffiċċju ma sab l-ebda evidenza ta' xi negliġenza jew veloċità eċċessiva min-naħa tal-persuna li ilmentat. It-talba tagħha kienet sostnuta b'ritratti, rapport tal-pulizija, irċevuta u rapport tar-roadside assistance, u stqarret li hi kienet qed issuq bil-mod u li la setgħet tara u lanqas tevita l-ħofra b'mod sigur minħabba nuqqas ta' viżibilità.

Ir-ritratti kienu juru li l-ħofra kienet ta' riskju għas-sigurtà u li qabel kienet diġà saret xi tiswija (patching) fiha, li tissuġġerixxi manutenzjoni mhux adegwata jew tiswijiet difettużi. Anke jekk ix-xita kkontribwiet biex tifforma l-ħofra, dan seta' kien b'riżultat ta' tiswijiet ta' livell baxx, u r-responsabbiltà ta' dan kienet baqgħet tal-Kunsill. Id-dikjarazzjoni tal-Kunsill li ma jikkunsidrax talbiet għal kumpens bħal dawn tissuġġerixxi li qed tiġi addottata policy ta' rifjut ġenerali, li tmur kontra l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

**Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet**

Il-konklużjoni ta' dan l-Uffiċċju f'dan il-każ kienet ibbażata fuq dak li tqies bħala xieraq u ġust. Fl-opinjoni ta' dan l-Uffiċċju, l-inċident ma ġiex ikkawżat minħabba negliġenza tal-persuna li ressqet l-ilment u li l-Kunsill naqas milli jevalwa t-talba tagħha b'mod xieraq, billi b'mod inġust attribwixxa l-ħsara għall-kundizzjonijiet tat-temp mingħajr ma qies il-fatturi kollha. L-eżistenza tal-ħofra qatt ma ġiet ikkontestata, u ċ-ċittadini għandhom aspettattiva leġittima u raġonevoli li t-toroq pubbliċi jinżammu fi stat tajjeb u sigur. Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali li jiżgura li t-toroq taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu jkunu siguri u miżmuma tajjeb. Din ir-responsabbiltà tingħata importanza ewlenija fl-Att dwar il-Gvern Lokali. Il-Kunsill ma jistax jevita milli jerfa' ir-responsabbiltajiet tiegħu billi jsostni u jargumenta favur tiegħu stess mingħajr ma jikkunsidra b'mod xieraq il-merti tal-każ, partikolarment fid-dawl tad-dmirijiet legali tiegħu u tal-fiduċja mogħtija lilu mill-elettorat lokali.

L-ilment ġie sostnut u dan l-Uffiċċju rrakkomanda li l-Kunsill Lokali ta' San Ġwann għandu:

(i) jevalwa t-talbiet għal kumpens fuq il-merti tagħhom skont il-proċeduri stabbiliti u jikkunsidrahom b'ġudizzju tajjeb;

(ii) jadotta aġir li huwa aktar proattiv billi jwettaq spezzjonijiet regolari tat-toroq, tal-bankini u tal-passaġġi taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu sabiex jiżgura li dawn jinżammu f'kundizzjoni tajba, flimkien ma' tiswijiet f'waqthom tal-ħsarat li jiġu identifikati biex jiġi evitat aktar deterjorament jew riskju għall-pubbliku; u

(iii) jirrimborża lill-persuna li ilmentat għall-ispejjeż tat-tyre li biddlet.

**L-eżitu**

Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann informa lil dan l-Uffiċċju li ma qabilx mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu. L-Ombudsman ressaq il-kwistjoni għall-attenzjoni tal-Prim Ministru fit-13 ta' Ġunju 2025. Minħabba li dan l-Uffiċċju ma rċieva l-ebda reazzjoni, fil-5 ta' Awwissu 2025, l-Ombudsman bagħat l-Opinjoni Finali tiegħu lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati għall-attenzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

**Infrastructure Malta**

# Ilment dwar ħsara kkawżata lil vettura b'riżultat ta' ħofra fit-triq

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment, allega li fil-11 ta' Frar 2023 għall-ħabta tal-11:30 ta' filgħaxija, waqt li kien qed isuq fi Triq il-Missjunarji Maltin, il-Mosta, daħal f'ħofra mimlija bl-ilma tax-xita li ma kinitx tidher, u din ikkawżatlu ħsara fir-rim u fit-tyre tal-vettura tiegħu. Huwa talab lil Infrastructure Malta (l-Aġenzija) biex tħallsu għall-ispejjeż li għamel, iżda t-talba tiegħu ġiet miċħuda abbażi tal-fatt li t-trinka li kkawżat l-inċident kienet saret minn entità privata biex issir il-konnessjoni meħtieġa għal dar privata. L-individwu li ilmenta sostna li t-triq hija waħda arterjali u taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija, u għalhekk din kellha tiżgura li kwalunkwe xogħol li sar fit-triq kien skont l-istandards meħtieġa.

**Il-pożizzjoni ta' Infrastructure Malta**

Infrastructure Malta qalet li mhijiex responsabbli għall-ħruġ ta' permessi jew għas-sorveljanza tax-xogħlijiet fit-toroq, peress li din taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Transport Malta (TM/l-Awtorità). Ix-xogħlijiet f'dan il-każ kienu jikkonsistu fi trinka għal konnessjoni ta' dar privata, u TM ikkonfermat li ma kien inħareġ l-ebda permess, u għalhekk ix-xogħol sar mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa. L-Aġenzija sostniet li x-xogħlijiet ma ġewx ordnati minnha, u għalhekk ma setgħetx tikkumpensa lill-individwu li ressaq l-ilment, u lanqas ma setgħet tieħu azzjoni kontra l-entità privata – li f'dan il-każ ma kinitx identifikata – għax ma għandiex funzjoni regolatorja.

TM kkonfermat li x-xogħlijiet kienu saru mingħajr permess, u li l-kuntratturi li huma irreġistrati magħha huma koperti b'polza ta' assigurazzjoni u huma suġġetti għal multa ta' €500 f'każ ta' xogħlijiet li mhumiex awtorizzati. Iżda f'dan il-każ, ix-xogħol fit-triq ma ġiex innutat minnha jew irrappurtat lilha, u għalhekk TM ma setgħetx tidentifika min wettqu. TM stqarret li l-Awtorità saret taf b'dan il-każ biss permezz ta' u skont l-ilment imressaq.

**Kunsiderazzjonijiet**
L-Aġenzija spjegat li talbiet għall-ħlas ta' danni jiġu diskussi f'laqgħa tal-Claims Committee u li r-risposta tintbagħat immedjatament lill-applikant permezz ta' email. Dan l-Uffiċċju nnota li minkejja li waslitilha t-talba tal-individwu li ressaq l-ilment, biex jingħata kumpens għall-ħsara li ġarrab b'riżultat tax-xogħlijiet mhux awtorizzati li saru fi triq taħt ir-responsabbiltà tagħha, l-Aġenzija ma ħadet l-ebda azzjoni ulterjuri apparti milli kkomunikat id-deċiżjoni tagħha. Dan l-Uffiċċju osserva li kien ikun aktar xieraq kieku l-Aġenzija ħadet inizjattiva biex isiru verifiki addizzjonali bil-għan li tiġi identifikata l-entità privata li wettqet ix-xogħlijiet mingħajr permess. Anke jekk ma għandhiex funzjoni regolatorja, l-Aġenzija setgħet tinforma lil Transport Malta dwar dak li seħħ sabiex tiġi eżaminata xi forma ta' azzjoni possibbli, inkluż permezz ta' rapport lill-pulizija. Iżda TM ma kinitx konxja tal-każ u kkonfermat li saret taf bih permezz tal-ilment imressaq f'dan il-każ.

Fir-rigward tar-responsabbiltà tas-sewwieq, dan l-Uffiċċju rrikonoxxa l-obbligu ġenerali tas-sewwieqa li jsuqu b'attenzjoni u b'diliġenza raġonevoli. Madankollu, f'dan il-każ partikolari, l-individwu li ilmenta iddikjara li ma setax jevita l-ħofra peress li kienet mimlija bl-ilma tax-xita u għalhekk ma kinitx tidher. Ġie innutat ukoll li l-Aġenzija qatt ma attribwiet xi forma ta' ħtija jew negliġenza lil min ilmenta dwar dan l-inċident.

**Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet**
L-Aġenzija qatt ma kkontestat l-eżistenza tal-ħofra msemmija jew allegat negliġenza min-naħa tal-individwu li ressaq l-ilment. Il-ħofra kienet hemm, u ma setgħetx tiġi evitata għaliex ma kinitx tidher bil-lejl u kienet mgħottija bl-ilma tax-xita. Fl-opinjoni ta' dan l-Uffiċċju, l-inċident ma kienx minħabba traskuraġni jew negliġenza ta' min ilmenta. Kull min jagħmel użu mit-toroq pubbliċi għandu aspettattiva leġittima u raġonevoli li t-toroq jinżammu f'kundizzjoni tajba, u li l-użu tagħhom ma jwassal għall-ebda riskju, spiża jew inkonvenjent bla bżonn.

It-triq in kwistjoni hija waħda arterjali u taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Infrastructure Malta, li tibqa' responsabbli għall-manutenzjoni tagħha anke meta l-ħsara tkun saret bix-xogħol ta' terzi, kemm jekk tali xogħol ikun awtorizzat u anke jekk ma jkunx. Id-deċiżjoni tal-Aġenzija li ma tikkumpensax lill-individwu li ressaq l-ilment ma kinitx ġusta.

L-ilment ġie sostnut u ġie rakkomandat li Infrastructure Malta: teżamina t-talbiet skont iċ-ċirkostanzi u mhux titrasferixxi r-responsabbiltà tagħha fuq min ikun wettaq ix-xogħol; tfittex li tidentifika lil min ikun wettaq xogħlijiet mhux awtorizzati; u tirrimborża l-ispejjeż li saru mill-individwu li ressaq l-ilment.

**L-eżitu**

Fis-27 ta' Mejju 2025, Infrastructure Malta informat lil dan l-Uffiċċju li r-rakkomandazzjonijiet kollha ġew implimentati: l-individwu li ressaq l-ilment tħallas tal-ispejjeż; l-Aġenzija ser tibqa' kommessa li tittratta bir-reqqa każijiet bħal dawn; u se tkompli tagħmel użu siewi mill-għodda kollha disponibbli li għandha sabiex jiġu stabbiliti l-fatti meħtieġa.

**Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Ppjanar**

# Allegazzjoni ta' trattament inġust mhux sostanzjat

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment applika għall-kariga ta' Maniġer tal-Operazzjonijiet f'dipartiment tal-Gvern. Huwa naqas milli jikseb biżżejjed marki fl-intervista għall-għażla u allega li ma kienx ġie trattat b'mod ekwu. Hu sostna li l-marki baxxi mogħtija lilu ma kinux jirrappreżentaw b'mod preċiż l-esperjenza u l-kwalifiki estensivi tiegħu. Huwa ressaq petizzjoni lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC) li min-naħa tagħha ma annullatx ir-riżultat tal-bord tal-għażla.

**Il-fatti**

L-individwu li ressaq l-ilment sostna li r-riżultat ma kienx jirrifletti l-kontribut sinifikanti u r-responsabbiltajiet li kellu fit-taqsima inkluż il-ħidma maniġerjali fil-weekends u l-festi pubbliċi. Huwa saħaq li kien hemm diskrepanza bejn ir-rimarki li saru dwaru fl-intervista u l-valutazzjonijiet tal-prestazzjoni tiegħu li wrew livell għoli ta' professjonalità fuq il-post tax-xogħol. Il-PSC qabel mal-bord tal-għażla li l-individwu li ilmenta ma weriex li għandu l-għarfien jew il-kompetenza adegwati għal dan ir-rwol.

L-Ombudsman talab u ngħata dokumentazzjoni komprensiva inklużi l-kriterji tal-bord, il-marki, il-mistoqsijiet tal-intervista u n-noti. Il-bord kien unanimu fid-deċiżjoni tiegħu u qabel li l-individwu li ressaq l-ilment ma laħaqx il-livell meħtieġ. Kien minnu li fil-valutazzjoni tiegħu l-bord kellu element qawwi ta' kriterji suġġettivi. Madanakollu nstab ukoll li l-valutazzjoni kienet ibbażata fuq kriterji stabbiliti minn qabel u kienet trasparenti u koerenti.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-Ombudsman saħaq li r-rwol tal-bord tal-għażla kien li jevalwa l-kandidati skont il-kompetenza u l-integrità tagħhom, u li d-deċiżjonijiet tal-bord ma setgħux jiġu kkontestati mingħajr evidenza ċara ta' negliġenza. Il-kriterji suġġettivi, filwaqt li huma inqas trasparenti, huma meħtieġa għall-valutazzjoni tal-kwalitajiet ta' tmexxija. Ma kien hemm l-ebda evidenza li l-kriterji kienu mfassla biex jiffavorixxu xi kandidat jew li l-valutazzjoni tal-individwu li ressaq l-ilment ma kinitx ġusta u imparzjali.

**Konklużjoni**

Għalkemm l-individwu li ressaq l-ilment ma qabilx mal-marki li ngħatawlu, ma nstabet ebda evidenza oġġettiva li indikat xi irregolarità, preġudizzju jew negliġenza. Konsegwentement, l-Ombudsman ma laqax l-ilment u qabel mar-riżultat tal-proċess tal-għażla.

**Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali**

# L-Azzjoni Kattolika Maltija eskluża minn għotja ta' assistenza għall-istampar tal-gazzetta 'Il-Leħen'

**L-ilment**

L-Azzjoni Kattolika Maltija (AKM) ressqet ilment fejn sostniet li l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qassam għotjiet lil diversi media houses iżda f'dan il-proċess eskluda l-gazzetta 'Il-Leħen' ippubblikata mill-AKM. Dawn l-għotjiet kienu għajnuniet tal-gvern maħsuba biex jassistu lill-pubblikaturi tal-gazzetti biex ikopru l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni. Min-naħa tagħha l-AKM kienet diġà ppruvat issolvi din il-kwistjoni mal-Ministeru mingħajr ebda suċċess.

**Il-fatti**

Wara li l-Ombudsman stħarreġ din il-kwistjoni u talab l-informazzjoni meħtieġa, il-Ministeru kkonferma li kienu ngħataw għotjiet lil sitt media houses iżda mhux lill-għaqda li ressqet l-ilment. Ingħad li kien ġie ffirmat ftehim formali bejn dawn il-media houses u l-Ministeru. Dan il-ftehim kellu l-għan li jippromwovi l-ġurnaliżmu, il-libertà tal-espressjoni u jkopri parti mill-ispejjeż tal-ġurnaliżmu stampat. Il-Gvern impenja ruħu li jalloka l-ammont ta' €500,000 fis-sena, imqassam b'mod proporzjonat skont l-ispejjeż tal-istampar u n-numru ta' impjegati.

Ir-raġuni għad-deċiżjoni tal-Ministeru li jeskludi lill-AKM kienet li l-għotja kienet riservata għal-media houses li jirrappurtaw aħbarijiet kurrenti u 'Il-Leħen' ma kinitx meqjusa li tippubblika aħbarijiet kurrenti iżda artikli dwar l-istil tal-ħajja u l-opinjonijiet. Il-Ministeru ma kkunsidrax dan tal-aħħar bħala ġurnaliżmu. Intqal ukoll li 'Il-Leħen' tiġi stampata darba fil-ġimgħa kull nhar ta' Ħadd u għalhekk ma tikkwalifikax bħala gazzetta li tippubblika aħbarijiet kurrenti.

**Kunsiderazzjonijiet u kummenti**

L-Ombudsman irrikonoxxa l-għan iddikjarat tal-Gvern li jgħin lill-media houses li, bla dubju, huwa għan utli u leġittimu. Madankollu, ma setgħux jiġu aċċettati r-raġunijiet mogħtija għall-esklużjoni tal-AKM, l-għaqda li ressqet l-ilment, jiġifieri li 'Il-Leħen' ma tippubblikax aħbarijiet kurrenti għax tiġi ppubblikata darba fil-ġimgħa. L-Ombudsman innota li l-ġurnaliżmu huwa aktar wiesgħa minn sempliċi aħbarijiet kurrenti u li l-gazzetti li jiġu stampati kull ġimgħa anke jekk limitati fil-kontenut tal-aħbarijiet kurrenti tagħhom, xorta jaqgħu taħt il-kappa ta' 'ġurnaliżmu'. Il-ftehim jisħaq li l-appoġġ kien ser jingħata lill-media houses u, għalhekk, il-media houses kollha għandhom jiġu inklużi u jibbenefikaw minn din l-għotja.

Il-gazzetta tal-għaqda li ilmentat ilha tiġi ppubblikata mill-1928 u l-kontenut tagħha huwa fondat fuq it-tagħlim Kattoliku. Fil-fatt, mill-Gvern hija rikonoxxuta uffiċjalment bħala gazzetta. Il-libertà tal-espressjoni, li l-Gvern ried jippromwovi, kellha tiġi estiża wkoll għal din il-pubblikazzjoni Kattolika.

L-Ombudsman innota li l-esklużjoni ta' din il-pubblikazzjoni Kattolika mill-għajnuna tal-gvern filwaqt li jiġu appoġġjati media houses oħra bi ftit jew xejn konnessjoni mal-fidi Kattolika jew il-moralità Nisranija, tqajjem tħassib. Il-protezzjoni Kostituzzjonali kontra d-diskriminazzjoni tapplika mhux biss għal individwi iżda wkoll għal entitajiet legali bħall-AKM. Iċ-ċaħda tal-Gvern li jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-pubblikazzjoni tal-AKM ma kienx ġustifikat u kien diskriminatorju, barra li kien ukoll nieqes minn kriterji oġġettivi għall-esklużjoni.

Id-deċiżjoni tal-Ministeru tidher li ġiet ibbażata fuq definizzjoni ristretta ta' ġurnaliżmu li huwa ffukat fuq ġrajjiet kurrenti li teskludi l-kontenut reliġjuż u spiritwali. Din l-esklużjoni tista' tidher li hija forma ta' ċensura li tillimita l-aċċess pubbliku għal perspettivi reliġjużi u morali li huma rikonoxxuti fil-Kostituzzjoni u huma ta' interess għall-pubbliku Malti.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

L-Ombudsman ikkonkluda li l-Gvern irid jirrispetta l-libertà tal-espressjoni u għalhekk għandu l-obbligu li jipprovdi assistenza finanzjarja lill-gazzetta tal-AKM. L-AKM, bħala organizzazzjoni rreġistrata li ma topperax bi qliegħ (non-profit), tiffaċċja spejjeż sinifikanti ta' pubblikazzjoni u li jiġġustifikaw appoġġ. F'dan il-każ il-prinċipju għal trattament ugwali kellu jiġi applikat u l-Gvern għandu jevita li joħloq anomaliji jew xi trattamenti diskriminatorji.

L-Ombudsman sostna dan l-ilment u rrakkomanda li l-Ministeru jipprovdi għajnuna finanzjarja lill-AKM skont il-ftehim iffirmat mal-media houses l-oħra.

**L-eżitu**

Il-Ministeru min-naħa tiegħu ma implimentax din ir-rakkomandazzjoni. Għalhekk ir-rapport intbagħat għall-attenzjoni tal-Prim Ministru, iżda baqgħet ma ttieħdet ebda azzjoni min-naħa tal-Gvern. Fid-9 ta' Ottubru 2025, ir-Rapport intbagħat lill-iSpeaker u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

**REWS**

# L-aċċess pubbliku għall-kundizzjonijiet ta' bejgħ ta' ċilindri tal-gass GPL

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment joqgħod viċin ħanut li jinsab fil-livell tat-triq li permezz tal-attività kummerċjali tiegħu fost affarijiet oħra jbiegħ ukoll iċ-ċilindri tal-gass (Gass Petroleum Likwefatt (GPL)). Minħabba n-natura perikoluża u volatili tal-GPL, l-individwu li ilmenta kellu tħassib serju dwar is-saħħa u s-sigurtà marbuta mal-attività ta' dan il-ħanut. Peress li l-attività hija regolata mir-REWS, huwa kiteb lir-Regolatur fejn:

a) talab li jingħata kopja tal-permess mogħti lill-ħanut inkluż l-eżitu ta' kwalunkwe case study; u

b) talab spjegazzjoni dwar għaliex ir-residenti li huma direttament affettwati minn din l-attività ma ġewx infurmati li ġiet sottomessa applikazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' permess għall-bejgħ ta' ċilindri tal-gass GPL.

Peress li l-email tiegħu mibgħuta lir-REWS baqgħet mingħajr tweġiba, huwa pproċeda biex iressaq ilment ma' dan l-Uffiċċju fejn talab li r-Regolatur jipprovdi risposta sodisfaċenti.

**Il-fatti**

Wara l-intervent ta' dan l-Uffiċċju, l-individwu li ressaq l-ilment ingħata tweġiba uffiċjali mir-REWS, fejn fost affarijiet oħra ġie infurmat li s-sid tan-negozju kellu Awtorizzazzjoni uffiċjali maħruġa mir-Regolatur biex ibiegħ ċilindri tal-GPL minn punt fiss ta' bejgħ. Ir-Regolatur elabora li sabiex jikseb l-Awtorizzazzjoni msemmija, l-applikant kellu jissodisfa numru ta' kundizzjonijiet inkluż il-preżentazzjoni ta' rapporti tekniċi, il-kisba ta' permess tal-ippjanar, l-għoti ta' garanzija bankarja, kopertura tal-assigurazzjoni u li jissottometti rapport annwali. L-individwu li

ilmenta ngħata wkoll kopja tal-Kampjun tal-Kundizzjonijiet ta' Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Attività tal-Bejgħ bl-Imnut ta' Ċilindri Mimlijin bil-GPL minn Punt Fiss ta' Bejgħ. Madankollu, l-individwu li ressaq l-ilment ma kienx sodisfatt bit-tweġiba mogħtija lilu u talab lil dan l-Uffiċċju biex jinvestiga l-kwistjonijiet li ġibed l-attenzjoni għalihom fl-ilment tiegħu.

L-aktar żewġ punti ewlenin ta' tħassib għall-individwu li ressaq l-ilment kienu li:

a) l-pubbliku inġenerali ma kellu ebda forma ta' aċċess għall-kundizzjonijiet tal-Awtorizzazzjoni; u

b) l-pubbliku inġenerali ma ngħatax l-opportunità li jagħmel rappreżentazzjonijiet qabel ma tingħata jew tiġġedded l-Awtorizzazzjoni.

**L-awtorizzazzjoni**

Il-bejgħ ta' ċilindri mimlija bil-GPL minn punt fiss ta' bejgħ jeħtieġ Awtorizzazzjoni. Il-fornitur li jingħata l-Awtorizzazzjoni għandu jissodisfa kwalunkwe kundizzjoni li hija speċifikata fl-Awtorizzazzjoni nnifisha, kif ukoll dawk li jinsabu fir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt u kwalunkwe liġi oħra. Il-liġi tirrikjedi wkoll li r-Regolatur jimponi aktar kundizzjonijiet fuq il-fornitur inklużi dawk relattivi għal "… *il-konvenjenza tal-faċilità fir-rigward ta' sigurtà, saħħa, sigurezza, sustanzi perikolużi, ambjent, użu tal-art u ħtiġiet tal-ippjanar*"[1].

Ir-Regolatur informa lil dan l-Uffiċċju li l-liġi ma titlobx li l-Kundizzjonijiet ta' Awtorizzazzjoni marbuta ma' fornitur speċifiku jkunu pubbliċi – għalhekk dawn m'humiex aċċessibbli. Ġie infurmat ukoll li jekk membru tal-pubbliku jixtieq ikollu aċċess għall-kundizzjonijiet imsemmija, ikun jeħtieġ li ssir talba għal-Libertà tal-Informazzjoni (FOI) li min-naħa tagħha tkun soġġetta għal kunsiderazzjonijiet tal-GDPR. Dan l-Uffiċċju josserva li filwaqt li t-talbiet għall-FOI huma mezz li permezz tiegħu wieħed jista' jikseb l-informazzjoni li jeħtieġ, dawn huma mxekkla b'limitazzjonijiet sinifikanti. L-effettività ta' din l-għodda tista' tiġi kompromessa jekk tiġi soġġetta għal użu żbaljat.

Dan l-Uffiċċju jinnota wkoll, li filwaqt li l-fornitur awtorizzat għandu jirrispondi lir-Regolatur, dan tal-aħħar għandu, għall-inqas fit-teorija, jirrispondi lill-pubbliku. Huwa imperattiv li fl-interess tat-trasparenza u s-serħan il-moħħ tal-komunità u

1 Regolament 10(2)(g) tas-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt (L.S. 545.20).

tal-pubbliku inġenerali li l-Kundizzjonijiet ta' Awtorizzazzjoni fl-intier tagħhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku. Wieħed irid iżomm f'rasu wkoll il-ħtieġa li dawn ikunu aċċessibbli għal partijiet terzi sabiex ikunu f'qagħda li jistgħu jirrappurtaw ksur tal-istess kundizzjonijiet u jressqu ilmenti. Kif inhuma l-affarijiet bħalissa, kwalunkwe parti interessata titħalla mingħajr ebda informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċifiċi (li jorbtu lill-fornituri awtorizzati) li jirregolaw il-bejgħ ta' dan il-prodott tant perikoluż.

Fir-rigward tal-kwistjoni tar-rappreżentazzjonijiet, fit-tweġibiet tagħha lil dan l-Uffiċċju, ir-REWS irreferiet għall-proċeduri tal-permess tal-ippjanar li jippermettu rappreżentazzjonijiet minn persuni jew organizzazzjonijiet meta dawn il-permessi jkunu qed jiġu pproċessati. Dan l-Uffiċċju jinnota li filwaqt li hemm xi elementi li jikkonċidu parzjalment bejn permess tal-ippjanar u l-Awtorizzazzjoni għall-bejgħ tal-GPL, tal-ewwel huwa limitat fl-ambitu bl-iskop primarju tiegħu li huwa li jirregola l-iżvilupp. Fil-fatt, minħabba l-impatt sinifikanti fit-tul li avveniment bħal dan għandu fuq il-viċinat tal-madwar, il-pubbliku inġenerali jingħata l-opportunità li jagħmel rappreżentazzjonijiet. Mill-banda l-oħra, l-Awtorizzazzjoni tirregola attività kontinwa u perikoluża li wkoll jista' ikollha impatt sinifikanti fuq il-viċinat tal-madwar. Il-possibbiltà li l-pubbliku inġenerali jista' iressaq rappreżentazzjonijiet kemm dwar l-għoti inizjali tal-Awtorizzazzjoni kif ukoll dwar kwalunkwe tiġdid sussegwenti hija daqstant urġenti, jekk mhux aktar, għall-komunità.

Bħala parti mill-investigazzjonijiet tiegħu, dan l-Uffiċċju nnota wkoll li REWS ma kellha l-ebda proċeduri ta' ilmenti maħsuba għal partijiet terzi interessati li mhumiex konsumaturi - u dan aggrava l-kwistjonijiet dwar it-trasparenza u l-kontabbiltà. Il-websajt tar-Regolatur ipprovdiet għall-istanzi fejn ikum hemm it-tilwim bejn il-konsumaturi u l-fornituri awtorizzati iżda ma kinitx attrezzata biex tikkunsidra l-possibbiltà ta' problemi li setgħu jaffetwaw lil partijiet terzi (bħall-inidividwu li ressaq l-ilment). In-nuqqas ta' mezzi li jittrattaw ilmenti b'mod xieraq ta lok għal riskju akbar li dawn l-ilmenti ma jiġux aċċettati u trattati - li huwa proprju dak li ġara f'dan il-każ.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-bejgħ ta' sustanza volatili ħafna u perikoluża bħalma huwa l-GPL, għalkemm ibbottiljat, iġib miegħu tħassib akbar dwar is-sikurezza, speċjalment meta din l-attività ta' bejgħ qed issir f'żona residenzjali. Għalhekk, it-trasparenza

u l-kontabbiltà dwar kif l-Awtorizzazzjonijiet huma immaniġġjati (matul il-proċess kollu tagħhom) mir-Regolatur huma importanti ferm speċjalment għall-komunità fil-viċin tagħha. Sfortunatament, dan l-Uffiċċju sab li l-immaniġġjar ta' din il-kwistjoni kien pjuttost vag, li kien imur kontra, mhux biss il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, iżda kien joħloq ukoll riperkussjonijiet fuq il-benesseri tal-komunità msemmija. Dan l-Uffiċċju sab ukoll li kien hemm il-ħtieġa li ssir reviżjoni mir-REWS dwar il-mod kif jiġu mħaddma l-prattiċi ta' sikurezza. Għalhekk, dan l-Uffiċċju rrakkomanda li:

1. jittieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-Kundizzjonijiet ta' Awtorizzazzjoni jkunu aċċessibbli għall-pubbliku;
2. jittieħdu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-pubbliku jingħata l-opportunità li jagħmel rappreżentazzjonijiet kull darba li Awtorizzazzjoni tkun qed tiġi evalwata biex tingħata jew tiġġedded;
3. tiddaħħal proċedura ċara u faċli li permezz tagħha jistgħu jitressqu ilmenti biex tintuża għal partijiet terzi li mhumiex 'konsumaturi'; u
4. r-Regolatur iwettaq reviżjoni regolatorja komprensiva tal-prattiċi u l-proċeduri tiegħu, bil-kontribut tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, filwaqt li jiġu osservati l-obbligi kif stabbiliti fir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt u kwalunkwe liġi applikabbli oħra.

**L-eżitu**

**Aċċessibilità**: dan l-Uffiċċju ġie infurmat li l-Formola ta' Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni tar-REWS ġiet modifikata biex tinkludi dispożizzjoni li tagħti s-setgħa lir-REWS li tagħti lil partijiet terzi l-informazzjoni u/jew id-dokumenti li jkunu ġew ippreżentati bħala parti mill-applikazzjoni.

**Rappreżentazzjonijiet**: dan l-Uffiċċju ġie infurmat li kien hemm qbil dwar din ir-rakkomandazzjoni u li kienu qed isiru konsultazzjonijiet ma' entitajiet oħra.

**Proċeduri ta' ilmenti**: ġiet implimentata proċedura ta' ilmenti għal partijiet terzi li mhumiex klijenti.

**Reviżjoni regolatorja**: kienu qed jittieħdu passi biex tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni msemmija. Sadanittant, żdiedet il-frekwenza ta' spezzjonijiet sabiex jimplimentaw struttura għal spezzjonijiet aktar stretti.

**LESA**

# Proċess ta' appell dwar l-irmonkar – dewmien u messaġġi mhux ċari

**L-ilment**

Il-vettura tal-persuna li ressqet l-ilment ġiet irmonkata minn uffiċjali tal-LESA f'Diċembru 2023. Dan sar mingħajr ebda avviż minn qabel u ġara proprju ftit qabel ma din il-persuna siefret barra minn Malta. Meta waslet lura Malta hija dlonk marret fl-Uffiċċji tal-LESA fejn talbet li tiġi murija r-ritratti li juru b'mod ċar li l-avviżi taż-żona ta' irmonk kienu twaħħlu f'post viżibbli 48 siegħa qabel l-azzjoni ta' irmonk. Madanakollu, it-talba tagħha ġiet miċħuda abbażi ta' kunsiderazzjonijiet marbuta mal-GDPR. Min-naħa tagħha hija ħallset il-multa u ressqet petizzjoni quddiem il-Bord tal-Petizzjonijiet. Għalkemm irċeviet acknowledgement mingħand il-LESA, il-kwistjoni baqgħet pendenti għal aktar minn sitt xhur minkejja diversi komunikazzjonijiet min-naħa tagħha. Eventwalment ġiet infurmata li l-appell ġie miċħud. Għalhekk hija pproċediet biex tressaq ilment ma' dan l-Uffiċċju fejn talbet li jiġi investigat dan li ġej:

- in-nuqqas ta' avviżi xierqa taż-żona ta' irmonk;
- l-ebda notifika qabel ma seħħet l-azzjoni ta' irmonk;
- ir-rifjut mill-uffiċjal tal-LESA li jipprovdilha l-evidenza fotografika li turi li l-avviżi kienu fil-fatt ġew imwaħħla f'post prominenti 48 siegħa qabel l-azzjoni ta' irmonk;
- in-nuqqas ta' informazzjoni dettaljata dwar il-possibbiltà li jsir appell waqt li jsir il-ħlas tal-multa;
- id-dewmien sinifikanti biex il-persuna li ressqet l-ilment tingħata deċiżjoni wara li bagħtet il-petizzjoni; u
- in-nuqqas ta' trasparenza fil-proċess tal-appelli. Hija sostniet li d-deċiżjoni ma kinitx dettaljata biżżejjed u li ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni dwar kif intlaħqet din id-deċiżjoni.

**L-avviżi**

Il-persuna li ilmentat sostniet li l-fatt li l-uffiċjali tal-LESA ma kkuntattjawhiex qabel ma rmonkaw il-vettura kien inġust. Dan l-Uffiċċju jinnota li l-liġi ma tobbligax lill-entitajiet tal-infurzar (LESA, Kunsilli Lokali, Transport Malta u l-Pulizija) biex qabel ma tittieħed azzjoni ta' rmonkar javżaw lis-sid li l-vettura tagħhom qed tkun ta' ostaklu. Ħarsa ħafifa lejn il-websajt tal-LESA turi li fejn sid ta' vettura jissottoskrivi għas-servizzi elettroniċi tal-LESA u jipprovdi numru ta' kuntatt, isiru sforzi biex dan l-individwu jiġi kkuntattjat qabel ma tiġi rmonkata l-vettura li tkun qed toħloq ostaklu. Madanakollu, m'hemm l-ebda obbligu min-naħa tal-uffiċjali tal-LESA biex jagħmlu dan.

Meta jkun jeħtieġ li ssir bidla f'żona ta' parkeġġ għal waħda ta' żona li mhux permess il-parkeġġ, din tirrikjedi li jitwaħħlu avviżi xierqa f'pożizzjoni prominenti, 48 siegħa qabel il-bidla fil-post soġġett għall-bidla msemmija. Wara li dan l-Uffiċċju talab għat-tagħrif meħtieġ fuq dawn l-avviżi, ingħata tliet ritratti. Tnejn minnhom wrew b'mod ċar li l-avviżi ta' 'tow zone' ġew imwaħħla f'post viżibbli iżda mingħajr indikazzjoni ta' data u ħin. It-tielet ritratt wera d-data u l-ħin, iżda kien ritratt ta' skrin ta' mowbajl li wera ritratt bi sfond skur ħafna ta' avviż mhux ċar. Id-dettalji tal-imsemmi avviż ma setgħux jinqraw u l-post tal-imsemmi avviż lanqas ma seta' jiġi identifikat. Għalhekk, l-ebda waħda mir-ritratti ma pprovdiet evidenza li l-avviżi tpoġġew f'post viżibbli 48 siegħa qabel ma ttieħdet l-azzjoni ta' irmonk. Peress li l-kwalità tal-evidenza ma kinitx kwistjoni iżolata, dan l-Uffiċċju, bħala parti minn investigazzjoni separata, kien ressaq numru ta' rakkomandazzjonijiet[2] biex dan jiġi rimedjat u fil-fatt ġew implimentati **wara** li seħħew il-fatti ta' dan il-każ.

**Il-customer care u l-appell**

Dan l-Uffiċċju ġie infurmat mil-LESA li bħala parti mill-proċessi tagħha l-ufficċjali tagħha għandhom jipprovdu r-ritratti lis-sid reġistrat tal-vettura meta dawn jintalbu fl-istadju tal-'Customer Review' u wara li ssir talba mal-uffiċċju tal-appelli ta' irmonk. Madankollu, il-persuna li ressqet l-ilment insistiet li t-talbiet tagħha ġew miċħuda. Għalhekk, jidher li kien hemm nuqqas ta' qbil sinifikanti bejn dak li suppost kellu jiġri (li jiġu pprovduti ritratti meta mitluba) u dak li fil-fatt ġara (li kien hemm rifjut kategoriku). Dwar il-proċess tal-appell, dan l-Uffiċċju ġie infurmat li l-uffiċjali tal-LESA ġew

2 1. Ir-ritratti għandhom ikunu b'data u ħin ċar; 2. Ir-ritratti għandhom jinkludu dettalji ċari tal-avviż u li jistgħu jinqraw; u 3. Ir-ritratti tal-avviż għandhom ukoll jinkludu ż-żona li dan l-avviż kien ser ikopri.

mogħtija struzzjonijiet sabiex jipprovdu lill-klijenti dettalji dwar kif jistgħu jappellaw kif ukoll jipprovdu fuljett lis-sidien tal-vetturi li fih kemm l-indirizz elettroniku kif ukoll l-indirizz postali fejn jistgħu jippreżentaw dawn l-appelli. Is-sidien tal-vetturi huma wkoll mħeġġa sabiex jagħmlu użu mill-websajt tal-LESA u l-paġna tal-FAQs tagħha fejn huma jistgħu jsibu dettalji, inklużi l-limiti ta' żmien biex jappellaw, fejn jappellaw, u lil min għandu jiġi indirizzat l-appell. F'dan il-każ deher li kien hemm xi konfużjoni dwar liema rimedju kien disponibbli għall-persuna li ilmentat hekk kif indirizzat l-appell tagħha lill-Bord tal-Petizzjonijiet (li huwa mekkaniżmu ta' appell indipendenti mhux affiljat mal-LESA) waqt li użat l-indirizz elettroniku tal-appelli ta' irmonk tal-LESA. Mhuwiex ċar jekk din il-konfużjoni kinitx ir-riżultat ta' nuqqas ta' tagħrif xieraq mill-istaff tal-customer care tal-LESA, jew jekk l-imsemmi staff m'għaddiex l-informazzjoni b'mod ċar jew mill-persuna li ilmentat li ma fehmitx sew jew taħlita tat-tnejn jew tax-xenarji kollha. Din il-konfużjoni setgħet faċilment tiġi ċċarata fil-korrispondenza sussegwenti li saret mal-LESA. Dan l-Uffiċċju jinnota li mhux biss dan ma sarx iżda l-persuna li ressqet l-ilment tħalliet mingħajr feedback sostantiv dwar il-każ tagħha għal xhur sħaħ konsekuttivi (minkejja li f'diversi okkażjonijiet[3] hi baqgħet issegwi l-kwistjoni). Dan bi ksur ċar tad-Direttiva 4.2 '*Standards For Service of Excellence Offered By The Public Administration to the Public And to Public Employees*' – li tistabbilixxi skadenzi stretti ħafna li fihom l-amministrazzjoni pubblika trid twieġeb għall-mistoqsijiet magħmula mill-pubbliku ġenerali. Dawn in-nuqqasijiet varji wrew li kien hemm problemi ċari fir-relazzjonijiet tal-customer care tal-LESA.

Dwar l-ittra fejn ġiet miċħuda t-talba tagħha, il-persuna li ressqet l-ilment saħqet li din ma kinitx motivata biżżejjed. L-enfasi ewlenija tal-appell tagħha kienet dwar in-nuqqas ta' avviżi fiż-żona ta' irmonk li kellhom ikunu mwaħħla f'post prominenti. Dan l-Uffiċċju jinnota li l-ittra ta' avviż indirizzat dan il-punt b'mod sħiħ peress li għamlet referenza speċifika għall-avviżi u l-ġustifikazzjoni tal-LESA li twettaq l-azzjoni ta' irmonk.

Dwar il-mekkaniżmu tal-appell intern tal-LESA nnifsu, ma kien hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar kif jitmexxa l-proċess quddiem il-Bord tal-LESA, u lanqas ma kien hemm tagħrif dwar kif inhu kompost il-Bord. Dan l-Uffiċċju osserva li n-nuqqas ta' trasparenza seta' jagħti lok għal perċezzjonijiet negattivi dwar l-ekwità u l-effettività tiegħu.

3 Total ta' 9 emails intbagħtu mill-persuna li ilmentat li għalihom irċeviet biss żewġ tweġibiet.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

**Azzjoni ta' irmonk**: dan l-Uffiċċju qies li r-ritratti li ġew provduti mil-LESA ma jagħtu ebda evidenza li l-avviżi tqegħdu f'post li huwa viżibbli 48 siegħa qabel ma saret l-azzjoni ta' irmonk. Għalhekk, l-azzjoni ta' irmonk ma kinitx ġustifikata u, għaldaqstant, irrakkomanda li l-€200 jitħallsu lura lill-persuna li ilmentat;

**L-istadju ta' Customer Review**: Dan l-Uffiċċju rrakkomanda li l-istaff jieħu konjizjoni tad-Direttiva 4.2 u li din tiġi osservata. Barra minn hekk, il-LESA trid tiżgura li l-informazzjoni tingħata b'mod ċar u konsistenti lil dawk is-sidien tal-vetturi li jixtiequ jikkontestaw l-azzjoni ta' irmonk.

**Il-proċess tal-appell**: Il-mekkaniżmu intern dwar l-appell tal-LESA kien pjuttost vag u mhux ċar biżżejjed, u nieqes milli jipprovdi serħan il-moħħ lill-pubbliku ġenerali li l-każ tagħhom qed jiġi kkunsidrat b'mod xieraq. Għalhekk, dan l-Uffiċċju rrakkomanda li l-informazzjoni dwar il-mod kif inhu kompost il-Bord u l-proċess adottat meta jiġi trattat appell jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-LESA.

**L-eżitu**

Wara li saru r-rakkomandazzjonijiet il-LESA bagħtet dan ir-rispons taghha kif ġej:

***Azzjoni ta' irmonk***: ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata u implimentata u l-persuna li ressqet l-ilment irċeviet ir-rifużjoni ta' €200.

***L-istadju tal-Customer review***: L-Aġenzija rrikonoxxiet ir-rakkomandazzjoni ta' dan l-Uffiċċju. Dwar il-proċess tal-appell, l-Aġenzija fil-fatt żviluppat proċedura, li issa jinsab f'dokument stampat li jiġi mogħti lill-klijenti kollha malli jħallsu l-multa ta' irmonk. Barra minn hekk, il-proċess tal-appell huwa ppubblikat ukoll fuq il-websajt tal-Aġenzija u jinstab fuq il-paġna tal-FAQs tagħha. L-Aġenzija adottat ukoll proċess ta' notifika immedjata, fejn il-klijenti li ma jiġbrux il-vetturi tagħhom fi żmien 8 ijiem, tintbagħtilhom ittra biex jiġu nnotifikati bl-azzjoni li tkun se tittieħed.

***Il-proċess tal-Appell***: L-Aġenzija rrikonoxxiet din ir-rakkomandazzjoni. Il-proċess li qed jiġi adottat diġà jinsab ippubblikat. L-Aġenzija se tieħu l-passi meħtieġa biex iżżid it-trasparenza u tippubblika kif il-bord huwa kompost.

**Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER)**

# Allegat nuqqas ta' azzjoni korretta mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment allega li d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) naqas milli jinvestiga kif suppost it-talba li huwa għamel fis-17 ta' Mejju 2024. Huwa qal li kien impjegat bħala lift attendant, mingħajr kuntratt bil-miktub bejn it-23 ta' Marzu u l-25 ta' April 2024. Huwa sostna li kien irċieva żewġ pagamenti ta' €855 u €765 għas-sigħat li kien ħadem, minbarra li allegatament kien dovut s-somma ta' €1,400 oħra. Huwa allega li kien hemm dewmien fil-komunikazzjoni mid-DIER, li d-dipartiment issottovaluta l-ammont li kien għadu pendenti, naqas milli jibda bla telfien ta' żmien il-proċedimenti kriminali kontra l-eks mgħallem tiegħu (min kien qiegħed iħaddmu), u ma ġiex protett kif jixraq mill-allegat sfruttament.

**Il-fatti**

Fl-20 ta' Awwissu 2025 dan l-Uffiċċju talab lid-dipartiment sabiex ifornih bil-kummenti tiegħu, id-DIER wieġeb fit-28 ta' Awwissu 2025 fejn spjega l-passi li ttieħdu minn meta tressaq l-ilment. Id-DIER iddikjara li pprova jikkuntattja lill-individwu li ilmenta diversi drabi biex ikun jista' jagħmel laqgħa miegħu, iżda sa Diċembru 2024 baqa' ma rnexxielux jagħmel kuntatt mal-individwu ikkonċernat. L-individwu li ressaq l-ilment innifsu rrikonoxxa l-fatt li d-dewmien kien ikkawżat minħabba li hu rriloka ruħu fl-Istati Uniti. Sadanittant, matul dan il-perjodu, id-DIER kien ikkuntattja lil min kien iħaddmu u kiseb dokumentazzjoni li tikkonferma l-pagamenti li kienu diġà saru.

Fid-9 ta' Jannar 2025 saret laqgħa online, li matulha d-DIER irreveda d-dokumentazzjoni ta' min kien iħaddem lill-individwu li ilmenta u kkalkula l-ammont pendenti li kien għadu dovut lill-ħaddiem in kwistjoni. Ġie mħejji Statement of Account (SOA), li indika l-bilanċ li kien fadal ta' €375.75, li l-individwu li ressaq l-ilment qabel miegħu u ffirmah. Id-DIER kien ukoll ġibidlu l-attenzjoni li talbiet addizzjonali, bħalma huwa kumpens, ma kienx jaqa' fil-kompetenza tad-dipartiment skont l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452), u li dawn kienu jeħtieġu proċedimenti ċivili separati.

Fil-21 ta' Marzu 2025, id-DIER irrefera l-każ lill-Pulizija ta' Malta, u sussegwentement inħarġu akkużi kriminali. L-individwu li ilmenta ġie infurmat b'dan fis-26 ta' Marzu 2025. Id-DIER aktar tard ikkonferma li min kien iħaddmu kien għadu ma ħallasx l-ammont pendenti. Fl-20 ta' Awwissu 2025, min iħaddem ikkuntattja lid-DIER fejn esprima r-rieda tiegħu li jsolvi l-kwistjoni u għalhekk bagħat ċekk indirizzat lill-individwu li ressaq l-ilment. Minħabba li dan l-individwu kien jinsab resident barra minn Malta, id-DIER ipprova jipperswadi lil min iħaddem biex joħroġ trasferiment bankarju. Min-naħa tiegħu dan tal-aħħar qabel u għamel trasferiment bankarju fit-22 ta' Awwissu 2025. Is-seduta fil-qorti kienet skedata għat-8 ta' Ottubru 2025.

Id-DIER iddikjara li kellu l-intenzjoni li jipproċedi sakemm ma tiġix ipprovduta prova li l-ħlas dovut kien tħallas kollu. Ġie nnutat li ladarba jinħarġu l-akkużi, ir-responsabbiltà li jiġu nnotifikati l-partijiet kienet taqa' f'idejn il-Pulizija ta' Malta.

Wara li rreveda l-fatti, dan l-Uffiċċju nnota li d-DIER kien bagħat acknowledgement fil-pront u ħa l-passi investigattivi meħtieġa. Għalkemm l-individwu li ilmenta saħaq li d-DIER naqas milli jieħu azzjoni f'waqtha d-dewmien kien parzjalment attribwit minħabba n-nuqqas ta' tweġiba min-naħa tiegħu stess u anke sforz l-isfidi loġistiċi. Dwar in-nuqqas ta' tweġiba min-naħa tad-DIER għall-email tal-individwu li ilmenta datata 25 ta' Ġunju 2025, dan l-Uffiċċju osserva li l-komunikazzjoni f'waqtha hija element essenzjali ta' amministrazzjoni tajba. Madankollu, fil-kuntest tal-impenji wiesa' tad-DIER, din l-ommissjoni ma kinitx tammonta għal amministrazzjoni ħażina.

L-allegazzjoni li d-DIER naqas milli jibda proċedimenti kriminali kienet bla bażi, peress li d-DIER irrefera l-kwistjoni lill-Pulizija fil-21 ta' Marzu 2025 u nħarġu l-akkużi meħtieġa. Id-DIER kien avża b'mod korrett lill-individwu li ressaq l-ilment li t-talbiet marbuta mal-liġi ċivili kienu jaqgħu barra mill-kompetenza tiegħu u kienu jeħtieġu azzjoni legali separata. Rigward il-valutazzjoni tat-talba pendenti, il-valutazzjoni tad-DIER kienet ibbażata fuq dokumentazzjoni riveduta mal-individwu li ilmenta, li anke iffirma l-SOA. M'hemm l-ebda evidenza li d-DIER aġixxa b'mod mhux raġonevoli jew mhux xieraq fil-kalkolu tal-bilanċ pendenti. Dan l-Uffiċċju saħaq illi r-rwol tiegħu huwa li jevalwa l-ekwità tal-proċedura tad-DIER, u mhux li jerġa' jikkalkula mill-ġdid it-talba għall-ħlas dovut. Fl-aħħar nett, id-DIER kompla jikkomunika ma' min iħaddem biex jiġi faċilitat il-ħlas, minkejja li ma setax iġiegħel lil min iħaddem juża metodu ta' ħlas speċifiku.

**Konklużjoni**

L-Ombudsman ikkonkluda li d-DIER għamel sforzi raġonevoli biex jinvestiga t-talba tal-individwu li ressaq l-ilment u li skont il-Kapitolu 452 irrefera l-kwistjoni b'mod xieraq lill-Pulizija. Għalhekk, l-ilment ma kienx ġustifikat.

**Gozo Channel Limited u WasteServ Malta Ltd**

# Trakk tal-iskart jitħalla jitla' fuq il-vapur minkejja r-riħa qawwija tiegħu u t-tħassib marbut mal-indafa

**L-ilment**

Skont l-Artikolu 13(2) tal-Kap 385 l-Ombudsman nieda investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu dwar it-trasport ta' trakkijiet tal-iskart fuq il-vapuri tal-Kumpanija Gozo Channel. L-Ombudsman beda din l-investigazzjoni wara li kien preżenti u ra trakk maħmuġ tal-WasteServ jittella' fuq il-vapur tal-Gozo Channel. Matul il-vjaġġ, fl-istaġun sħun tas-sajf, it-trakk beda jarmi riħa qawwija ta' żibel fl-ispazju magħluq tal-gverta fejn jinġarru l-vetturi. L-Ombudsman qies illi din il-kwistjoni kienet ta' riskju għas-saħħa pubblika u ta' inkonvenjent għall-passiġġieri.

**Il-fatti**

F'Ġunju tal-2025, l-Ombudsman ivvjaġġa fuq il-vapur mill-Imġarr għaċ-Ċirkewwa. Meta huwa tela' abbord il-proċess tal-imbark kien għadu għaddej. Mal-wasla tiegħu fil-port taċ-Ċirkewwa, l-Ombudsman innota li t-trakk tal-iskart tal-WasteServ bin-numru ta' reġistrazzjoni WSM 061 kien tħalla jitla' abbord f'kundizzjoni li kkawża riħa qawwija ta' żibel fil-garaxx tal-vapur.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman staqsa lill-WasteServ u lill-Gozo Channel jekk kellhomx proċeduri (SOPs) li jistabbilixxu l-permess dwar it-trakkijiet tal-iskart li jivvjaġġjaw fuq il-vapur. Huwa talab informazzjoni dwar jekk isirux kontrolli qabel it-tlugħ tagħhom abbord biex jiġi kkonfermat li t-trakkijiet huma nodfa, diżinfettati, issiġillati, u sikuri biex jinġarru fi spazju magħluq.

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-WasteServ irrikonoxxa l-inċident u esprima d-dispjaċir tiegħu u sostna li s-sitwazzjoni ma kinitx aċċettabbli. Min-naħa tagħha WasteServ

qalet li se tintroduċi kontrolli aktar stretti. Dawn kienu jinkludu tindif komplut ta' kuljum tat-trakkijiet tal-iskart u l-ħtieġa li dawn jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel ma trakk jitħalla jitlaq biex jipproċedi għal vjaġġ lejn it-terminal tal-vapur.

Il-Gozo Channel qalet li l-WasteServ għandha d-dmir li tiżgura li t-trakkijiet ikunu nodfa qabel ma jivvjaġġaw fuq toroq pubbliċi u qabel ma jitilgħu fuq il-vapur. Il-Gozo Channel qalet li t-trakkijiet li ma jkunux nodfa m'għandhomx jitħallew jitilgħu abbord. Qalet li x'aktarx dan kien nuqqas min-naħa tal- istaff li jippermetti t-tlugħ abbord li wassal biex dan it-trakk jiġi aċċettat. Gozo Channel qalet li se tiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema tagħha dwar l-istandards mistennija u se tikkoordina aktar ma' WasteServ.

L-Ombudsman innota wkoll li r-regoli tal-UE jeħtieġu li t-trasport tal-iskart jevita riskji għas-saħħa u għall-ambjent, inkluż inkonvenjent minn irwejjaħ ta' intejjen. Dawn ir-rekwiżiti huma parti mil-liġi Maltija.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

L-Ombudsman irrikonoxxa l-impenn li ttieħed miż-żewġ entitajiet iżda xorta waħda qies li dan l-inċident kien sinjal ċar li kien jeħtieġ li jsir titjib fil-kontrolli u l-infurzar.

L-Ombudsman irrakkomanda li WasteServ:

- tiżgura li t-trakkijiet kollha tal-iskart jitnaddfu u jiġu diżinfettati qabel ma jitilgħu abbord kwalunkwe vapur tal-Gozo Channel;
- tiżgura li t-trakkijiet jitilgħu abbord bil-bokkaporti magħluqa jew mgħottija kif suppost; u
- jaraw li ssir s-superviżjoni meħtieġa biex tikkonferma li trakk ikun f'kundizzjoni tajba biex jivvjaġġa qabel ma jitlaq għat-terminal tal-vapur.

L-Ombudsman irrakkomanda li l-Gozo Channel:

- twettaq kontrolli qabel l-imbark biex tikkonferma li t-trakkijiet tal-iskart jissodisfaw l-istandards bażiċi tas-saħħa pubblika u l-indafa;
- tirrifjuta t-tlugħ abbord lil kwalunkwe trakk li jkollu xi forma ta' tnixxija, riħa qawwija, jew nuqqas ta' ndafa; u
- timmaniġġja t-tagħbija sabiex, fejn possibbli, it-trakkijiet tal-iskart jinżammu 'l bogħod miż-żoni ta' moviment ta' passiġġieri abbord.

Biex ikun hemm titjib fit-trasparenza u l-kontabilità, l-Ombudsman irrakkomanda li ż-żewġ entitajiet:

- jippubblikaw il-proċeduri standard tagħhom għat-trasport ta' trakkijiet tal-iskart fuq il-vapur tal-passiġġieri;
- jipprovdu mezz faċli kif il-passiġġieri jistgħu jirrapportaw inċidenti simili; u
- tinżamm koordinazzjoni regolari bejn iż-żewġ entitajiet biex jevitaw li jerġa' ikun hemm każijiet simili.

**L-eżitu**

Il-Gozo Channel infurmat lill-Uffiċċju tal-Ombudsman li se timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Hija sostniet li qed tħejji sett uffiċjali ta' proċeduri (SOPs) dwar it-trasport ta' trakkijiet tal-iskart fuq il-vapur tal-passiġġieri. Min-naħa tagħha kkonfermat li għandha customer care desk sabiex tirċievi l-ilmenti. Qalet ukoll li qed isiru laqgħat regolari bejn iż-żewġ entitajiet dwar it-trasport ta' materjali tal-iskart.

**Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi**

# Nuqqasijiet sistemiċi fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin

**L-ilment**
Fl-2021 l-Ombudsman nieda investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu wara rapporti persistenti fil-midja dwar il-kundizzjonijiet u l-prattiċi fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. L-għaqda non-governattiva (NGO) Moviment Graffitti kitbet ukoll lill-Ombudsman u qajmet tħassib possibbilment dwar ksur tar-regoli tal-ħabs u d-drittijiet bażiċi.

L-Ombudsman iddeċieda li l-allegazzjonijiet kienu serji biżżejjed li jiġġustifikaw reviżjoni sistemika, aktar milli reviżjoni limitata għal inċident wieħed. L-investigazzjoni ffokat prinċipalment fuq il-perjodu minn Lulju 2018, meta l-Kurunell Alexander Dalli nħatar Direttur tal-Ħabsijiet, sa Diċembru 2021, meta ma baqax fil-kariga u ġie sostitwit mis-Sur Robert Brincau.

**Il-fatti**
L-investigazzjoni ġabret il-provi minn firxa wiesgħa ta' sorsi. Dawn inkludew priġunieri attwali u oħrajn preċedenti, staff tal-ħabs bl-uniformi u oħrajn li mhumiex, u xhieda oħra msejħa biex jagħtu l-informazzjoni meħtieġa.

Għalkemm il-perjodu ta' żmien li qed jiġi rivedut kien minn Lulju 2018 sa Diċembru 2021, l-investigazzjoni sabet li wħud mill-problemi kellhom għeruq aktar fondi. Kienu tlieta l-kwistjonijiet li sawru ħafna min-nuqqasijiet identifikati. Dawn kienu l-mod kif id-Direttur kien jittratta lil ċerti priġunieri, il-problema endemika tad-droga fil-faċilità, u sa ċertu punt, it-tensjoni operattiva fi żmien il-perjodu tal-Covid-19.

Mill-evidenza eżaminata, l-Uffiċċju tal-Ombudsman identifika tliet oqsma ewlenin ta' amministrazzjoni ħażina.

**Nuqqas ta' funzjoni endemika fil-maniġment tal-ħabs**
L-investigazzjoni sabet li l-amministrazzjoni tal-ħabs ma kinitx topera b'mod ċar u bid-dixxiplina mistennija f'ambjent magħluq fejn in-nies jiddependu għal kollox fuq l-Istat għas-sigurtà, is-saħħa u l-istandards bażiċi.

L-Uffiċċju sab nuqqas mifrux ta' ċarezza dwar min kien responsabbli għal xiex. L-investigazzjoni sabet ukoll nuqqas ta' Standard Operating Procedures (SOPs (Proċeduri Operattivi Standard)). Dan fisser li l-istaff tal-ħabs ma kellux sistema ta' gwida konsistenti dwar kif għandu jaġixxi f'sitwazzjonijiet ta' rutina u f'sitwazzjonijiet fejn ir-riskju kien wieħed għoli.

L-investigazzjoni sabet fehim mhux korrett tad-drittijiet tal-priġunieri u tal-modi kif il-priġunieri jistgħu jiksbu rimedju meta jkun hemm ksur tar-regoli. Dan kien importanti għaliex, f'ambjent ta' ħabs, il-kapaċità li persuna tressaq it-tħassib tagħha b'mod sikur tiddependi fuq regoli ċari, rekords, u proċessi affidabbli.

L-Uffiċċju sab ukoll nuqqasijiet fiż-żamma bażika tar-rekords. L-investigazzjoni sabet li r-reġistri obbligatorji meħtieġa mill-Att dwar il-Ħabs u r-Regolamenti dwar il-Ħabs ma kinux qed jinżammu kif suppost, jew ma kinux jingħataw meta jiġu mitluba.

Punt ewlieni kien li din il-problema ma jidhirx li kienet limitata u marbuta ma' individwu wieħed jew għal żmien partikolari. Id-Direttur li ħa post il-Kurunell Dalli, is-Sur Robert Brincau, ukoll ma setax jipprovdi kopji tal-Proċeduri Operattivi Standard jew tar-reġistri speċjali preskritti, meta dawn intalbu waqt l-investigazzjoni.

L-Uffiċċju rrefera wkoll għal rapport li ġie ppreżentat lill-ministeru responsabbli fid-9 ta' Diċembru 2021 mill-Professur Anton Grech, Dr Gorg Grech, u Dr Janice Formosa Pace. Għalkemm dak ir-rapport kien limitat għal kwistjonijiet dwar is-saħħa mentali, enfasizza nuqqasijiet operattivi aktar wiesa' fil-faċilità u kompla saħħaħ it-tħassib dwar sistemi u salvagwardji mhux xierqa.

**Trattament degradanti tal-priġunieri**
L-investigazzjoni sabet evidenza li xi priġunieri kienu soġġetti għal trattament degradanti b'mod deliberat u b'mod ripetut. L-Uffiċċju qies li dan kien bi ksur serju tal-istandards meħtieġa mir-regoli tal-ħabs u mill-aspettattivi bażiċi għal trattament uman.

L-Ombudsman saħaq li l-priġunerija tfisser it-telf tal-libertà kif ordnat minn qorti. Dan m'għandux isarraf f'kastig addizzjonali permezz ta' trattament inuman. L-investigazzjoni sabet li, fil-prattika, il-kundizzjonijiet u t-trattament ta' xi priġunieri kien mar *oltre* minn dak li kien meħtieġ għal segregazzjoni leġittima jew biex tinżamm is-sigurtà, l-ordni u d-dixxiplina.

**L-intimidazzjoni użata bħala għodda operattiva**
Mill-investigazzjoni nstab li l-intimidazzjoni saret metodu frekwenti użat biex jintlaħqu għanijiet speċifiċi ġewwa l-ħabs. L-Uffiċċju nnota li għanijiet bħal ma huma ż-żamma tad-dixxiplina, il-prevenzjoni tal-kuntrabandu u l-protezzjoni tas-sigurtà tal-ħabs huma għanijiet leġittimi. It-tħassib kien il-mod aċċettat ta' kif jintlaħqu dawn l-għanijiet.

L-Uffiċċju sab li ddaħħlet mentalità fejn l-istaff juża metodi ħorox u dawn jitqiesu bħala aċċettabbli jekk jagħtu r-riżultati mixtieqa. L-investigazzjoni sabet li l-intimidazzjoni spiss wasslet għal, jew kienet imqabbla ma', trattament degradanti. Dan ħoloq ambjent fejn il-biża' setgħet tissostitwixxi l-proċedura xierqa, u fejn il-kontabilità saret aktar diffiċli minħabba li n-nies kienu inqas probabbli li jitkellmu. L-Ombudsman osserva wkoll li xi priġunieri li kellhom dipendenza qawwija fuq sustanzi illeċiti dehru li jittolleraw, jew saħansitra jilqgħu, l-intimidazzjoni meta din kienet marbuta ma' miżuri mmirati biex iwaqqfu d-drogi. L-Ombudsman ċaħad l-idea li dan seta' jiġġustifika l-prattiċi illegali jew dawk degradanti.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**
L-Ombudsman stabbilixxa prinċipju ċar. Sentenza ta' ħabs tneħħi l-libertà iżda ma tneħħix id-dinjità tal-bniedem. Wieħed li huwa detenut m'għandux jiffaċċja kastig miżjud billi jingħata trattament degradanti.

L-Ombudsman saħaq ukoll li r-restrizzjonijiet fuq il-ħabsin, kemm dawk b'sentenza ta' ħabs kif ukoll jekk jinsabu f'detenzjoni preventiva, iridu jkunu skont

il-liġi u jkunu strettament neċessarji għal soċjetà demokratika. Ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu immirati b'mod ġenwin li jiksbu separazzjoni leġittima, sigurtà, ordni, u dixxiplina. M'għandhomx isiru għodod ta' kastig mingħajr kontroll.

Abbażi tal-provi miġbura, l-investigazzjoni kkonkludiet li l-amministrazzjoni ħażina sistemika seħħet fil-faċilità ta' Kordin u li din kienet tkopri l-provvedimenti kollha stabbiliti fl-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Ombudsman, ħlief għal kategorija waħda.

Il-konklużjonijiet prinċipali għall-perjodu taħt reviżjoni kienu kif ġej:

- Fl-ewwel lok, ksur sistematiku tar-regolamenti tal-ħabs u r-rekwiżiti amministrattivi bażiċi. L-investigazzjoni deherilha li dan kien minħabba n-nuqqas ta' funzjoni xierqa tal-amministrazzjoni fil-ħabs, inkluż in-nuqqas ta' Proċeduri Operattivi Standard, iż-żamma fjakka tar-rekords, u l-kultura fejn il-konformità mar-regoli ma kinitx trattata bħala essenzjali.
- It-tieni, in-nuqqas serju fl-assenjar ta' dmirijiet, flimkien mal-isforzi biex jiġi eżerċitat trattament iebes. Ħafna uffiċjali ma kinux konxji b'mod sħiħ dwar ir-rwoli jew l-obbligi tagħhom. F'xi każijiet, il-ħaddiema deheru li qed jimitaw u jimxu fuq it-tip ta' imġieba ħarxa li kienet qed tiġi adottata minn min kien fit-tmexxija ta' din l-istituzzjoni. L-Ombudsman ikkunsidra li dan wassal biex aggrava l-amministrazzjoni ħażina u żied ir-riskju ta' abbuż.
- It-tielet, ossessjoni li jinkisbu r-riżultati mingħajr il-kunsiderazzjoni tal-impatt li dawn seta' ikollhom. L-Ombudsman irrikonoxxa li matul il-perjodu taħt reviżjoni fil-ħabs kien hemm anqas ċans li jiddaħħlu u jiċċirkolaw id-drogi. Madanakollu, l-Ombudsman xorta kkonkluda li l-għanijiet leġittimi ma jistgħux jiġġustifikaw il-mezzi li jiksru r-regoli tal-ħabs jew idgħajfu d-dinjità tal-bniedem.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman sab li r-rapport tal-Moviment Graffitti kien sostanzjalment korrett.

Dwar l-imwiet u s-suwiċidji fil-ħabs f'dan il-perjodu, l-Ombudsman sostna li kien moralment konvint li l-ħabsin vulnerabbli kienu affettwati b'mod negattiv bit-trattament aħrax li kienu irċevew kif daħlu fil-faċilità u matul iż-żmien li qattgħu f'dan il-post, u li dan seta' ta kontribut għal dawn ir-riżultati traġiċi. L-Ombudsman sostna li din il-fehma ma tissostitwixxix ir-rwol tal-qrati fi kwalunkwe każ kriminali, pendenti jew futur.

L-Ombudsman iddikjara wkoll li mhijiex il-funzjoni tal-Uffiċċju li jiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà politika għal dak li ġara. Dak il-ġudizzju huwa fil-kompetenza ta' ħaddieħor.

**Rakkomandazzjonijiet**

L-Ombudsman għamel rakkomandazzjonijiet li huma immirati biex tiddaħħal mill-ġdid il-governanza skont il-liġi, is-sorveljanza, u l-fiduċja fis-sistema tal-ħabs.

- L-ewwel punt, jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika dwar l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, b'mod partikolari dawk identifikati bħala parzjalment implimentati jew mhux implimentati fil-follow up report tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ta' Novembru 2024. L-Ombudsman enfasizza l-ħtieġa għal sistema formali ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-istaff, taħriġ strutturat mill-bidu u li jkompli maż-żmien, aktar postijiet ta' xogħol fejn jistgħu jintbagħtu l-priġunieri, u abbozz urġenti biex jiġu finalizzati l-*policies* u l-i*standard Operating Procedures.*

- It-tieni, jiġu adottati r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Inkjesta Grech. L-Ombudsman jaqbel dwar il-ħtieġa li tiġi riveduta l-konċentrazzjoni eċċessiva ta' poter marbut mar-rwol ta' Direttur tal-Ħabsijiet, minħabba r-riskju ta' abbuż. L-Ombudsman ġibed l-attenzjoni dwar l-oqsma bħal deċiżjonijiet dwar *remission* u l-użu tal-iżolament solitarju, fejn kienu meħtieġa salvagwardji aktar b'saħħithom u kontrolli xierqa.

- It-tielet, jissaħħaħ l-iskrutinju u t-trasparenza. L-Ombudsman appella għal aċċess akbar tal-midja f'postijiet ta' iżolament regolat bi protokoll ċar. Il-protokoll għandu jevita diskriminazzjoni mhux xierqa u għandu jara li jkun hemm bilanċ bejn is-sigurtà tal-ħabs u l-privatezza tal-priġunieri. L-Ombudsman sostna li sistema ta' viżibilità ta' rutina setgħet tgħin biex tipprevjeni jew tnaqqas xi wħud mill-problemi identifikati.

- Ir-raba', l-użu tas-salvagwardji eżistenti dwar l-aċċess għall-ħabs. L-Ombudsman innota li ħafna uffiċjali ma kinux familjari mad-dispożizzjonijiet legali li jippermettu d-dħul fil-faċilità ta' ċerti viżitaturi uffiċjali, inklużi membri tal-ġudikatura. L-investigazzjoni sabet ukoll li l-ktieb uffiċjali tal-viżitaturi li huwa meħtieġ skont il-liġi, meta ntalab ma kienx disponibbli. L-Ombudsman ħeġġeġ għarfien aħjar u użu xieraq ta' din is-salvagwardja.

- Il-ħames, l-introduzzjoni ta' valutazzjonijiet psikoloġiċi għall-istaff ewlieni. L-Ombudsman irrakkomanda valutazzjonijiet bir-reqqa għall-istaff maħtur biex jaqdi dmirijietu fil-ħabs, b'mod partikolari d-Direttur tal-Ħabs, li jaġixxi wkoll bħala l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, kif ukoll għall-uffiċjali għolja tal-ħabs. L-Ombudsman qies li dan kien essenzjali f'ambjent ta' stress għoli fejn ġudizzju ħażin jista' malajr iwassal għal abbuż u jkun ta' dannu serju għar-reputazzjoni tal-Istat.
- Is-sitt, isaħħu r-rwol u l-indipendenza tal-Kummissarju għall-Ħarsien u l-Iżvilupp tal-Priġunieri. L-Uffiċċju tal-Kummissarju nħoloq fis-17 ta' Diċembru 2021 wara l-Bord ta' Inkjesta Grech. L-Ombudsman innota li dan l-uffiċċju għen biex isolvi ħafna ilmenti tal-priġunieri f'ħin qasir, ħafna drabi anke permezz ta' kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Ombudsman. Fl-istess waqt, l-Ombudsman innota li ħafna priġunieri xorta waħda kienu jqisu lil dan il-Kummissarju bħala parti mill-Ministeru aktar milli bħala salvagwardja indipendenti. L-Ombudsman irrakkomanda aktar miżuri sabiex il-priġunieri jħossuhom siguri li javviċinaw lill-Kummissarju mingħajr il-biża' ta' xi preġudizzju jew forma ta' ritaljazzjoni.

**L-eżitu**

Fit-3 ta' April 2025, l-Imħallef Joseph Zammit McKeon kiteb lill-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol. Fl-Ittra tiegħu l-Ombudsman talab li jingħata tweġiba formali dwar jekk ir-rakkomandazzjonijiet kinux se jiġu implimentati u talab lill-Ministeru biex jiddeskrivi kif kien se jimplimentahom.

Fis-16 ta' April 2025, il-Ministru wieġeb permezz ta' ittra dettaljata. Huwa ddeskriva proċess ta' riforma li għaddej fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi u rrefera għal bidliet ewlenin introdotti wara l-Inkjesta Grech tal-2021, li ukoll saret referenza għaliha fir-rapport tal-Ombudsman. Huwa rrefera għal riformi legali, il-ħolqien tal-Kummissarju għall-Ħarsien u l-Iżvilupp tal-Priġunieri, titjib fl-infrastruttura, investiment fi programmi ta' riabilitazzjoni, u kollaborazzjoni aktar b'saħħitha mas-soċjetà ċivili u entitajiet internazzjonali.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman ippubblika l-ittra tal-Ombudsman u t-tweġiba tal-Ministru fl-intier tagħhom bħala parti mill-impenn tiegħu għat-trasparenza.

Fl-10 ta' Settembru 2025, l-Ombudsman żar l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi u l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin biex ikompli jsegwi r-rakkomandazzjonijiet li saru fl-investigazzjoni li saret fuq inizjattiva tiegħu stess.

# Kummissarju għall-Edukazzjoni

KAŻIJIET FIL-QOSOR



**Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR)**

# Esklużjoni minn ftehim settorjali wara assimilazzjoni amministrattiva

**L-ilment**

Il-persuna li ressqet l-ilment kienet tmexxi ċentru ta' tagħlim tul il-ħajja (Lifelong Learning Centre) fis-sistema edukattiva pubblika. Hija kienet ilha tokkupa rwol amministrattiv għoli għal diversi snin u kienet ilha żmien twil b'ħatra indefinita. Filwaqt li d-dmirijiet ewlenin tagħha baqgħu sostanzjalment l-istess matul iż-żmien, il-firxa tar-responsabbiltajiet tagħha żdiedet b'mod sinifikanti.

Fl-2022, l-persuna li ilmentat ġiet infurmata li, fuq bażi personali, il-pożizzjoni tagħha kienet ġiet assimilata amministrattivament fi grad ieħor. Din il-bidla ġiet ippreżentata lilha bħala forma ta' aġġustament tekniku li kien limitat għan-nomenklatura. Din il-persuna allegat li b'riżultat ta' din l-assimilazzjoni hija ġiet eskluża mill-aħħar ftehim kollettiv applikabbli għas-settur tal-edukazzjoni, u hija tqiegħdet fi żvantaġġ meta mqabbla ma' uffiċjali oħra li jwettqu funzjonijiet komparabbli ma' tagħha u li bbenefikaw minn gradi u kundizzjonijiet finanzjarji aħjar.

**Il-fatti**

L-investigazzjoni kkonfermat li meta oriġinarjament ġew stabbiliti pożizzjonijiet amministrattivi ekwivalenti fi ħdan ċentri ta' tagħlim tul il-ħajja u edukazzjoni vokazzjonali, dawn kienu regolati minn sejħiet, dmirijiet, skali tas-salarji u kundizzjonijiet ta' impjieg identiċi. Maż-żmien, saru bidliet fl-istrutturi u fit-titli, iżda materjalment dawn ma biddlux in-natura tar-rwoli.

Fin-negozjati għall-ftehim settorjali attwali, ir-rwol tal-persuna li ilmentat tħalla barra mill-istruttura tal-gradi. Dan ġie rikonoxxut anke mill-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni, li kkonferma li l-kariga tal-persuna li ilmentat ma kinitx taqa' fi ħdan dan il-ftehim, filwaqt li rwoli oħra komparabbli kienu ġew assimilati fi gradi ogħla.

Il-Kummissarju sab li, permezz ta' serje ta' bidliet amministrattivi u fin-nomenklatura, il-persuna li ressqet l-ilment kienet effettivament mogħtija l-ġenb u tħalliet barra. Jekk dan irriżultax minħabba nuqqas ta' attenzjoni jew minn deċiżjoni konxja titqies bħala irrilevanti. Fiż-żewġ każijiet, il-Ministeru naqas milli jeżerċita l-attenzjoni dovuta (duty of care) fil-konfront tal-persuna li ilmentat. Din l-ommissjoni wasslet li ġabet telf finanzjarju u tbatija personali, partikolarment fid-dawl tas-snin ta' servizz li tat din il-persuna li ilmentat fit-tagħlim tul il-ħajja.

Ġie innotat li din l-investigazzjoni kienet tixbaħ ferm każ preċedenti deċiż mill-Uffiċċju tal-Ombudsman, fejn trattament komparabbli nstab li jammonta għal imġieba inġusta u diskriminatorja b'mod mhux xieraq.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni kkonkluda li dan l-ilment kien ġustifikat u ġie sostnut. Il-mod kif ġiet trattata l-persuna f'dan l-ilment kien wieħed żbaljat fil-prinċipju, inġust, u diskriminatorju b'mod mhux xieraq, u bi ksur tal-Att dwar l-Ombudsman.

Il-Kummissarju rrakkomanda li ssir assimilazzjoni ulterjuri fuq bażi personali sabiex l-persuna li ressqet l-ilment tiġi taqa' fi grad xieraq skont il-ftehim settorjali attwali, b'effett mid-data li fiha daħal fis-seħħ il-ftehim.

**L-eżitu**

Wara li nħarġet l-Opinjoni Finali, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni talab konferma mingħand il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni dwar jekk ir-rakkomandazzjoni kinitx se tiġi aċċettata. Ebda tweġiba ma ntbagħtet b'reazzjoni fil-perjodu ta' żmien stipulat, minkejja li saħansitra ġiet mitluba li tingħata estensjoni.

Għalhekk, skont l-Att dwar l-Ombudsman il-kwistjoni sussegwentement tressqet għall-attenzjoni tal-Prim Ministru. Peress li ma ttieħdet l-ebda azzjoni, ir-rapport intbagħat lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati biex jiġi ppreżentat fil-Parlament.

**Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST)**

# Allowance mhux żvelata għal Letturi tal-ICT fl-MCAST tiġi investigata mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni

**L-ilment**

Fl-20 ta' Ġunju 2024, għalliem li huwa membru tal-istaff fil-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) ressaq ilment mal-Uffiċċju tal-Ombudsman. L-individwu li ilmenta allega diskriminazzjoni mhux xierqa u nuqqas ta' trasparenza b'konnessjoni ma' top-up allowance sigrieta ta' €8,160 fis-sena, li allegatament ġiet mogħtija lil grupp magħżul ta' letturi tal-ICT fl-MCAST. Skont dan l-individwu li ressaq l-ilment, l-aċċess għal din l-allowance kien limitat għall-istaff li ġie avviċinat personalment biex itemm kors qasir, u b'hekk il-letturi kwalifikati l-oħrajn ma kienux konxji b'dan l-arranġament u ġew esklużi mill-iskema.

**Il-fatti**

L-investigazzjoni żvelat li t-top-up allowance oriġinarjament ġiet introdotta fl-2006, meta Smart City Malta kienet fl-istadji bikrija tagħha. Memorandum tal-Kabinett kien esprima tħassib li l-Istitut tal-ICT tal-MCAST kien qed jitħabat biex jattira u jżomm letturi kwalifikati minħabba l-kompetizzjoni mis-settur privat. Din l-allowance kienet maħsuba bħala inċentiv biex is-salarji akkademiċi tal-MCAST jiġu allinjati mal-istandards tal-industrija u biex jiġu attirati gradwati tal-ICT fir-rwoli tat-tagħlim.

Għalkemm l-allowance kellha l-approvazzjoni uffiċjali, qatt ma ġiet inkorporata f'ebda ftehim kollettiv u sussegwentement ġiet assorbita fil-prattiċi amministrattivi tal-Istitut tal-ICT. L-MCAST innifsu kkonferma li din l-allowance u l-kriterji ta' eliġibilità għaliha kienu magħrufa biss fi ħdan l-Istitut tal-ICT u mhux mill-istaff ta' dipartimenti oħra li jgħallmu suġġetti simili relatati mal-ICT. Barra minn hekk, l-allowance ma kinitx inkluża fis-sejħiet għal postijiet vakanti reklamati pubblikament, u dan iqajjem tħassib serju dwar it-trasparenza.

Il-Kulleġġ sostna li l-letturi tal-ICT kienu infurmati dwar l-allowance permezz ta' email interna u waqt ir-reklutaġġ tagħhom, iżda rrikonoxxa li kien hemm oħrajn li ma kinux ġew infurmati biha. Il-Kummissarju nnota li s-segretezza li kienet tiċċirkonda din l-allowance -- kemm jekk intenzjonata kif ukoll jekk b'negliġenza -- kienet ħolqot sitwazzjoni inġusta u diskriminatorja b'mod mhux xieraq, u ċaħdet lil letturi oħra mill-opportunità li jakkwistaw u jkollhom paga ugwali jew jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-karriera.

Deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-2023 bl-istess mod ikkritikat lill-MCAST talli kompliet bl-għoti ta' din l-allowance minkejja li r-raġuni oriġinali għall-introduzzjoni tagħha ma kinitx għadha tapplika aktar, u apparentament mingħajr ma ġiet imġedda l-awtorizzazzjoni.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni kkonkluda li l-ilment kien ġustifikat u li l-allegazzjonijiet kienu sostanzjalment ippruvati. Skont l-Artikolu 22(1)(b) u (d) tal-Att dwar l-Ombudsman il-prattika li jiġi limitat l-għarfien dwar u l-aċċess għal top-up allowance għal grupp magħżul ta' letturi kienet tammonta għal amministrazzjoni ħażina. In-nuqqas ta' trasparenza titqies kemm bħala aġir diskriminatorju b'mod mhux xieraq kif ukoll bħala wieħed żbaljat fil-prinċipju.

Il-Kummissarju rrakkomanda li l-MCAST għandu jippubblika immedjatament id-dettalji u l-kriterji ta' eliġibilità għal din l-allowance fuq il-websajt tiegħu. Barra minn hekk, fl-interess tat-trasparenza u l-kontabiltà, l-MCAST għandu jiżvela n-numru ta' letturi li rċevew l-allowance sa mill-bidu tagħha (mingħajr ma jsemmi individwi) u l-ammont totali mħallas matul is-snin.

**L-eżitu**

Peress li l-MCAST ma implimentax ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni, fl-14 ta' April 2025 l-Ombudsman Parlamentari u l-Kummissarju bagħtu r-rapport dwar dan il-każ lill-Prim Ministru. Ladarba ma ttieħdet l-ebda azzjoni, ir-rapport sussegwentement intbagħat lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati biex jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

**Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST)**

# It-talba għall-estensjoni ta' kuntratt ta' lecturer wara l-età tal-irtirar tiġi miċħuda b'mod inġust

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment kien impjegat bħala lettur fl-Istitut tal-Inġinerija u t-Trasport fl-MCAST għal aktar minn tlieta u għoxrin sena. Huwa laħaq l-età statutorja tal-irtirar ta' erbgħa u sittin sena f'Awwissu 2024. L-MCAST tah estensjoni ta' sena sa Awwissu 2025.

Meta l-individwu reġa' applika għal estensjoni oħra wara Awwissu 2025, l-MCAST ċaħad din it-talba. Il-komunikazzjoni dwar ir-rifjut iddikjarat li l-estensjonijiet wara l-età tal-irtirar kienu jingħataw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta ma' ħtiġijiet operattivi, iżda ma ngħataw ebda raġunijiet speċifiċi.

Min-naħa tiegħu l-individwu li ilmenta allega li dan ir-rifjut kien wieħed inġust u diskriminatorju. Huwa sostna li l-letturi oħra li jgħallmu fl-istess qasam, li kienu saħansitra akbar minnu fl-età, kellhom il-kuntratti tagħhom estiżi. Huwa ilmenta wkoll li l-MCAST naqas milli jagħtih raġunijiet validi għaliex it-talba tiegħu kienet ġiet miċħuda.

**Il-fatti**

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni beda l-investigazzjoni fuq il-każ u talab spjegazzjonijiet dettaljati mingħand l-MCAST. Dan inkluda kjarifika dwar iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li fuqhom kien qed jibbaża ruħu l-Kulleġġ, informazzjoni dwar il-letturi l-oħra li jinsabu f'sitwazzjonijiet simili, u kopji ta' kwalunkwe assessjar jew minuti relatati mad-deċiżjoni.

L-MCAST ikkonferma li l-impjieg wara l-età tal-irtirar kien diskrezzjonali u marbut mar-rekwiżiti operattivi. Madankollu, naqas milli jibgħat evidenza dwar il-proċess trasparenti jew strutturat li jirregola din id-diskrezzjoni. Ma kienet teżisti l-ebda proċedura interna ppubblikata dwar l-assessjar ta' talbiet għal estensjonijiet wara l-età tal-irtirar.

Minkejja talbiet ripetuti, l-MCAST ma pproduċa l-ebda valutazzjoni kontemporanja li turi kif ġiet evalwata t-talba tal-individwu li ressaq l-ilment. Kien biss wara li d-Direttur tar-Riżorsi Umani ġiet imsejjħa biex tagħti xhieda tagħha li l-MCAST issottometta dokumenti qosra li allegatament jiġġustifikaw id-deċiżjoni. Dawn id-dokumenti ma kinux ippreparati fil-ħin tad-deċiżjoni u dehru li nħolqu *ex post facto*.

Il-Kummissarju sab li r-raġunijiet mogħtija kontra min ilmenta ma kinux kredibbli. L-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' ħiliet rilevanti u prestazzjoni mhux sodisfaċenti kienu f'kontradizzjoni mal-kwalifiki tal-individwu li ilmenta, mal-istorja twila li kellu fit-tagħlim, u l-involviment estensiv fi proġetti ta' restawr ewlenin. Fl-informazzjoni mogħtija ma ġiet prodotta l-ebda evidenza li turi min kien wettaq il-valutazzjoni jew min kien ġie kkonsultat.

L-investigazzjoni stabbiliet li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet kien nieqes mit-trasparenza, il-kontabiltà u l-ġustizzja proċedurali. L-individwu li ressaq l-ilment ma kellu l-ebda opportunità u mod li jkun jaf, li jikkontesta jew li jwieġeb għall-kummenti negattivi li affettwaw l-eżitu dwar it-talba tiegħu.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissarju kkonkluda li l-ilment kien ġustifikat. Ir-rifjut li jiġi estiż il-kuntratt tal-individwu li ressaq l-ilment kien irraġonevoli, inġust, ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti, u kien jikser il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Ladarba kienet naqset il-fiduċja bejn min ilmenta u l-istitut ikkonċernat, il-Kummissarju ma rrakkomandax li terġa' ssir kunsiderazzjoni għat-talba tal-individwu. Minflok, il-Kummissarju rrakkomanda li l-MCAST jadotta b'mod urġenti proċedura ċara, trasparenti u kontabbli għall-immaniġġjar tat-talbiet kollha għall-estensjonijiet ta' kuntratti wara l-età tal-irtirar.

Il-proċedura rakkomandata għandha tirrikjedi li jingħataw ir-raġunijiet veri kollha għal din iċ-ċaħda u għandu ukoll ikun permess li l-applikanti jikkontestaw il-valutazzjonijiet negattivi li jistgħu jinfluwenzaw l-eżitu tat-talbiet tagħhom.

**L-eżitu**

Wara l-opinjoni finali tal-Kummissarju, l-MCAST aċċetta r-rakkomandazzjoni. Filwaqt li sostna li kellu raġunijiet oġġettivi għad-deċiżjoni meħuda, l-MCAST saħaq illi sa tmiem is-sena akkademika attwali, kien ser jimpenja ruħu li jiżviluppa u jimplimenta proċedura formali li tirregola l-kuntratti tax-xogħol għal dawk li jilħqu l-età tal-irtirar.

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni rrikonoxxa dan l-impenn u rreġistra l-ilment bħala wieħed sostnut, u li r-rakkomandazzjoni magħmula ġiet aċċettata. L-MCAST ġie infurmat li l-Uffiċċju jistenna li jinżamm infurmat b'mod sħiħ dwar l-adozzjoni tal-proċedura l-ġdida, partikolarment peress li skont l-Artikolu 29(2) tal-Att dwar l-Ombudsman id-deċiżjoni kienet qed tiġi ppubblikata fl-interess pubbliku.

**(Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR))**

# Iċ-Ċentru tar-Riżorsi San Miguel iċaħħad lill-ġenituri milli jkollhom rappreżentanza u aċċess għal informazzjoni bażika

**L-ilment**

Grupp ta' sitt ġenituri li wliedhom jattendu s-San Miguel Resource Centre ressqu ilment mal-Uffiċċju tal-Ombudsman wara li kellhom diffikultajiet mal-awtoritajiet edukattivi.

Meta dawn il-ġenituri talbu laqgħa mad-Direttur Ġenerali għas-Servizzi Edukattivi, li oriġinarjament kienet skedata għall-25 ta' Novembru 2025, huma talbu li jkunu akkumpanjati minn żewġ rappreżentanti tal-għażla tagħhom, A.B. u C.B. Dawn iż-żewġ persuni – raġel u mara – kienu diġà taw appoġġ lil ġenituri fi kwistjonijiet simili u kellhom esperjenza estensiva relatata mal-edukazzjoni ta' tfal bi bżonnijiet speċjali, peress li huma stess qabel kellhom wild li kien jattendi f'resource centre. Id-Direttur Ġenerali rrifjuta l-parteċipazzjoni tal-koppja A.B. u C.B., u meta l-ġenituri baqgħu jinsistu, il-laqgħa ġiet ikkanċellata.

Fil-31 ta' Ottubru 2025, skont l-Artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Ombudsman, dan l-ilment (flimkien ma' ilment sekondarju dwar in-nuqqas ta' disponibiltà ta' time-table bażika tal-iskola) ġew ikkomunikati formalment lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni. Madanakollu, l-Ombudsman baqa' ma rċieva ebda kummenti mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti sad-data tal-iskadenza mogħtija għat-tweġiba.

**Il-fatti**

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni sab li l-edukazzjoni, speċjalment dwar tfal minorenni ta' età obbligatorja li jattendu l-iskola, teħtieġ kooperazzjoni u komunikazzjoni miftuħa bejn il-ġenituri u l-awtoritajiet edukattivi. L-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 605) jistabbilixxi d-dritt tal-ġenituri li jkunu infurmati bis-sħiħ dwar l-edukazzjoni ta' wliedhom u li jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom b'mod effettiv. Dan jinkludi d-dritt li jaħtru persuni tal-għażla tagħhom biex jirrappreżentawhom f'diskussjonijiet mal-awtoritajiet.

Aġir li jimpedixxi lill-ġenituri milli jiġu rappreżentati, partikolarment minn individwi b'esperjenza rilevanti, kien kemm irraġonevoli kif ukoll amministrattivament oppressiv. Il-Kummissarju nnota wkoll li tali rappreżentanza hija element importanti għal-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà ta' espressjoni. Il-ġenituri ma jistgħux jiġu mġiegħla li, fil-każ ta' rappreżentanza, jiddependu biss fuq entitajiet bħas-CRPD jew l-MFOPD.

Dwar il-kwistjoni sekondarja tat-time-table, il-Kummissarju eżamina l-ġustifikazzjonijiet mogħtija mill-Kap tal-Iskola għan-nuqqas li t-time-table tkun disponibbli. Filwaqt li rrikonoxxa l-kumplessitajiet fit-tmexxija ta' skola speċjalizzata fejn xi kultant tkun meħtieġa flessibiltà, il-Kummissarju ma sab l-ebda raġuni aċċettabbli għaliex time-table bażika ma tistax tiġi pprovduta fir-rigward ta' studenti li jattendu full-time. Il-Kummissarju saħaq li meta l-ġenituri jiġu mċaħħda minn time table tkun qed tiddgħajjef il-kapaċità tagħhom li jifhmu u jappoġġjaw il-programm edukattiv ta' wliedhom. L-inkonvenjent amministrattiv ma jistax jintuża bħala ġustifikazzjoni ġenerali għaż-żamma ta' informazzjoni essenzjali.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissarju kkonkluda li ż-żewġ elementi tal-ilment kienu ġustifikati.

Ir-rifjut li r-rappreżentanti magħżula mill-ġenituri jitħallew jattendu għal-laqgħa mad-Direttur Ġenerali titqies bħala mhux raġonevoli, inġust, bi ksur tal-liġi, u żbaljat fil-prinċipju skont l-Artikolu 22(1) tal-Att dwar l-Ombudsman. Bl-istess mod iċ-ċaħda tat-time-table bażika ukoll ma kinitx raġonevoli.

Il-Kummissarju rrakkomanda li:

1. Ir-rappreżentanti A.B. u C.B. jitħallew jattendu u jassistu lill-ġenituri fil-laqgħa li ġiet skedata mill-ġdid fit-2 ta' Diċembru 2025; u
2. Il-ġenituri jingħataw, mingħajr aktar dewmien, time-table bażika li tistabbilixxi l-attivitajiet ta' wliedhom fiċ-ċentru tar-riżorsi.

**L-eżitu**

Fit-13 ta' Novembru 2025, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, permezz tal-Internal Audit and Compliance Office, informa lill-Kummissarju li ma kellux l-intenzjoni li jaċċetta r-rakkomandazzjoni relatata mar-rappreżentanza tal-ġenituri. Il-Ministeru ppreżenta diversi argumenti dwar l-operazzjonijiet tal-iskola u qajjem tħassib dwar l-individwi li l-ġenituri kienu għażlu bħala rappreżentanti tagħhom.

Fil-25 ta' Novembru 2025, il-Kummissarju u l-Ombudsman innotifikaw formalment lill-Prim Ministru bir-rifjut tal-Ministeru, billi invokaw l-Artikoli 17C(1) u 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman. Il-Kummissarju esprima t-tama għal riżoluzzjoni mingħajr il-ħtieġa għal aktar eskalazzjoni.

Skont l-Att dwar l-Ombudsman, peress li ma ttieħdet l-ebda azzjoni, fil-5 ta' Diċembru 2025, il-Kummissarju u l-Ombudsman bagħtu r-rapport lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati biex jitqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra.

**Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR)**

# Supply teacher jiġi mħallas inqas minn sħabu minkejja li għandu l-istess dmirijiet

**L-ilment**

Fis-26 ta' Awwissu 2024 persuna lawreata bi grad ta' Baċellerat (Hons.) fil-Business Management ressqet ilment mal-Uffiċċju tal-Ombudsman. Wara li fl-2013 ngħaqdet mas-settur pubbliku tal-edukazzjoni bħala supply teacher, fl-2017 ingħatat post indefinit. Matul l-aħħar 12-il sena, ġiet fdata li tgħallem fis-suġġetti tal-Accounts, Business Studies u VET retail fi skejjel sekondarji. Matul dan iż-żmien, l-istudenti tagħha b'mod konsistenti kisbu gradi għoljin fl-eżamijiet tal-MATSEC tagħhom, indikazzjoni ċara tal-kompetenza u l-impenn tagħha.

Madankollu, il-persuna li ressqet l-ilment fissret li minkejja li twettaq l-istess dmirijiet u għandha l-istess responsabbiltajiet bħal għalliema regolari, hija kienet dejjem titħallas inqas minħabba l-ħatra tagħha bħala "supply teacher". Il-qofol tal-ilment tagħha kien dwar il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali.

**Il-fatti**

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, investiga l-każ bir-reqqa, u stabbilixxa li l-persuna li ilmentat kellha l-istess responsabbiltajiet, ammont ta' xogħol, u impenji bħal għalliema regolari l-oħra kollha. Ma kien hemm xejn li jindika li b'xi mod il-prestazzjoni tagħha kienet inferjuri għal dik tal-għalliema regolari. Fil-fatt, l-impjieg kontinwu tagħha u l-prestazzjoni akkademika konsistenti tal-istudenti tagħha kienu xhieda ta' dan.

Storikament, is-supply teachers kienu jiġu impjegati temporanjament biex jimlew in-nuqqas speċifiku ta' għalliema. Madankollu, minħabba bidliet sistemiċi matul għexieren ta' snin u n-nuqqas persistenti ta' għalliema wasslu biex supply teachers jiġu impjegati fuq bażi fit-tul, ħafna drabi b'mod indefinit, iżda mingħajr is-salarju u l-benefiċċji marbuta mal-impjieg tal-għalliema regolari.

L-investigazzjoni sabet li minkejja li jwettqu dmirijiet identiċi, is-supply teachers, bħal persuna li ressqet l-ilment, kienu esklużi milli jirċievu ċerti allowances. Il-Ministeru nnifsu kkonferma li x-xogħol u d-dmirijiet tagħha kienu ekwivalenti għal dawk tal-għalliema regolari. Il-Kummissarju rrefera għall-Artikolu 27 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), li jafferma li l-impjegati fl-istess klassi ta' impjieg huma intitolati għall-istess rata ta' remunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali.

Il-Ministeru ma ta ebda ġustifikazzjoni kredibbli għad-diskrepanza fil-ħlas, u l-ħolqien ta' klassifikazzjonijiet jew kategoriji separati għas-supply teachers deher li kien mekkaniżmu li jittanta jevita li jiġu applikati l-prinċipji ta' ekwità u ugwaljanza inkorporati fl-Att dwar l-Ombudsman. Il-Kummissarju saħaq li l-liġijiet u l-ftehim kollettivi għandhom jiġu interpretati u applikati in bona fede, u li s-sistema attwali kienet titqies bħala waħda li wasslet għal diskriminazzjoni sistemika u l-isfruttament ta' supply teachers.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Fl-Opinjoni Finali tiegħu tat-30 ta' Mejju 2025, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, ikkonkluda li l-ilment kien ġustifikat. Il-ħlas kontinwu ta' salarju aktar baxx lil persuna li ressqet l-ilment kien inġust, diskriminatorju b'mod mhux xieraq, u żbaljat fil-prinċipju bi ksur tal-Artikolu 22(1)(b) u (d) tal-Att dwar l-Ombudsman. Għalhekk ġie rrakkomandat li l-persuna li ilmentat titħallas l-istess class allowance u tingħata l-istess riżorsi tax-xogħol bħal għalliem fl-iSkala ta' Salarju 9 skont il-ftehim settorjali attwali. Dan l-aġġustament kellu jiġi datat b'lura għat-2 ta' Settembru 2024, id-data li fiha l-ilment kien ġie nnotifikat formalment lill-Ministeru.

**L-eżitu**

Fl-10 ta' Lulju 2025, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni informa lill-Prim Ministru li l-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni, permezz tas-Segretarju Permanenti tiegħu, kien ikkomunika formalment iċ-ċaħda tiegħu li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet. Peress li ma ntbagħtet ebda reazzjoni dwar din l-azzjoni, skont l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman, ir-rapport tressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati għall-attenzjoni tagħha.

**Aġġornament**

Wara li r-rapport tressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati fit-22 ta' Lulju 2025, is-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fid-19 ta' Novembru 2025 kiteb lill-Uffiċċju tal-Ombudsman u tenna l-pożizzjoni tal-amministrazzjoni pubblika. Ir-risposta baqgħet issostni li l-għalliema regolari u s-supply teacher kienu jikkonsistu f'żewġ kategoriji distinti taħt il-ftehim settorjali applikabbli u li din id-distinzjoni, fil-fehma tagħhom, ma tiksirx il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali.

Min-naħa tiegħu s-Segretarju Permanenti Ewlieni argumenta li l-allowances inkwistjoni huma marbuta mal-pussess ta' kwalifika formali fit-tagħlim u ddikjara li s-supply teachers għandhom opportunitajiet biex jiksbu tali kwalifika. L-ittra indikat ukoll li l-Ministeru għall-Edukazzjoni kien se joffri lis-supply teachers il-possibbiltà li jsegwu kors għall-kwalifika fit-tagħlim mingħajr ħlas, u li l-miżati relatati kienu se jiġu assorbiti mill-Ministeru.

Fit-tweġiba tiegħu datata l-25 ta' Novembru 2025, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni esprima d-dispjaċir tiegħu li l-pożizzjoni mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ma kinitx tindirizza s-sustanza tal-inġustizzja identifikata fl-Opinjoni Finali. Il-Kummissarju stqarr li t-tweġiba ma introduċiet l-ebda element ġdid li jista' jbiddel il-konklużjonijiet diġà milħuqa, iżda, kompliet issaħħaħ it-tħassib imqajjem qabel dwar in-natura sistemika tad-disparità li taffettwa lill-persuna li ilmentat u lil oħrajn f'pożizzjoni simili.

**MATSEC**

# Il-MATSEC jiċħad li jikkunsidra Arranġamenti ta’ Aċċess Tard għal Eżamijiet għal studenta bid-dislessija

**L-ilment**

Tressaq ilment minn omm għan-nom ta’ bintha li għandha l-kundizzjoni tad-dislessija u li b’mod konsistenti kienet ingħatat ħin miżjud għall-eżamijiet tal-MATSEC fil-livell Ordinarju u Intermedju, minħabba l-kundizzjoni tagħha fi snin preċedenti. Madankollu, meta applikat għall-eżamijiet tal-MATSEC fil-livell Avvanzat għall-ewwel sessjoni tal-2025, hija naqset milli titlob separatament għal ħin żejjed, omissjoni li ndunat biha biss meta rċeviet it-time-table tal-eżamijiet. B’riżultat ta’ dan, il-Bord tal-MATSEC ċaħad li jikkunsidra t-talba tagħha li tressqet tard għall-Examination Access Arrangements (EAAs). Min-naħa tagħha hi ħasset illi din ċ-ċaħda kienet tammonta għal prattika inġusta u diskriminatorja.

**Il-fatti**

Mill-investigazzjoni rriżulta li din l-istudenta matul l-eżamijiet preċedenti, dejjem ibbenefikat minn ħin addizzjonali (u miżuri oħra ta’ appoġġ), u meta mliet l-applikazzjoni tagħha online għall-eżamijiet fil-livell Avvanzat, immarkat il-kaxxa li tindika li l-applikazzjoni għall-EAAs kellha tiġi sottomessa separatament. Minkejja dan, hija naqset milli ssegwi t-talba tal-EAA—nuqqas li l-Ombudsman sab li kien direttament marbut mad-diżabilità tagħha u d-dipendenza preċedenti tagħha fuq oħrajn biex jimmaniġġjaw dan l-aspett tal-applikazzjoni.

L-evidenza inkludiet ritratti u korrispondenza li jikkonfermaw li l-istudenta ġiet konxja tad-dettalji neqsin tal-EAA biss meta fis-26 ta' Frar 2025 waslet bil-posta t-time-table tal-eżamijiet. Sakemm l-persuna li ressqet l-ilment u bintha kkuntattjaw lill-MATSEC fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu, il-perjodu sa meta setgħu jintlaqgħu r-reġistrazzjonijiet tard laħaq skada, għaliex dan kien intemm fit-28 ta' Frar 2025.

Barra minn hekk, il-komunikazzjoni mill-MATSEC indikat li din iċ-ċaħda tal-Bord li jikkunsidra t-talba tagħha li ġiet imressqa tard, kienet ibbażata fuq applikazzjoni riġida u mhux flessibbli tal-policies. Ir-raġuni li ngħatat għal din id-deċiżjoni kienet minħabba l-biża' li jekk jiġu aċċettati l-applikazzjonijiet tard seta' jinħoloq preċedent, li jista' jkollu impatt u jikkomprometti t-tħejjijiet, l-ippjanar u l-operat għas-sessjoni tal-eżamijiet li kien imiss, anke jekk miżura bħalma kienet qed tintalab bl-ebda mod ma kienet se taffettwa l-integrità tal-eżamijiet. Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni nnota li meta preċedenti jitqies bħala ostakolu li ma jistax jingħeleb wieħed ikun qed jikser il-prinċipji marbuta mal-ġustizzja u l-ekwità.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

Wara konsiderazzjoni bir-reqqa taċ-ċirkostanzi kollha, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni sab li din iċ-ċaħda tal-MATSEC li tintlaqa' l-applikazzjoni tard ta' studenta għall-EAAs kienet waħda irraġonevoli, inġusta, u żbaljata fil-prinċipju, partikolarment fid-dawl tal-Artikolu 22(1)(b) u (d) tal-Att dwar l-Ombudsman.

Il-Kummissarju rrakkomanda li l-MATSEC jikkunsidra immedjatament it-talba li tressqet tard għall-EAAs (speċifikament il-ħin miżjud) u, jekk appoġġjata permezz ta' ċertifikati jew rapporti xierqa, jittieħdu l-passi meħtieġa biex jitwettqu l-arranġamenti neċessarji għas-sessjoni tal-eżamijiet li kien imiss skedati mit-tmiem ta' April sal-bidu ta' Ġunju 2025.

**L-eżitu**

Fl-20 ta' Marzu 2025, id-Dipartiment tal-MATSEC informa lill-Kummissarju li ma kinux f'pożizzjoni li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Konsegwentement, wara li r-rapport intbagħat lill-Prim Ministru u xorta ma ttieħdet l-ebda azzjoni mill-MATSEC, l-Ombudsman u l-Kummissarju għall-Edukazzjoni bagħtu l-Opinjoni Finali lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati għall-attenzjoni tal-Kamra.

**Żvilupp ulterjuri**

Fl-4 ta' Settembru 2025, is-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru informa lill-Ombudsman u lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni dwar il-passi konkreti li qed jiġu proposti biex jipprevjenu każijiet simili fil-futur. Wara laqgħa mal-uffiċjali tal-MATSEC, intlaħaq qbil dwar serje ta' titjib fis-sistema tal-applikazzjoni online.

Dawn il-miżuri jinkludu r-reviżjoni tal-kliem fuq il-formola tal-applikazzjoni biex l-istruzzjonijiet ikunu aktar ċari, li l-istudenti jkunu jistgħu jirreġistraw għal arranġamenti ta' aċċess speċjali sa minn-Form 2, u li jinżamm rekord permanenti tal-applikanti li applikaw qabel. Minn Mejju 2026 'il quddiem, l-applikazzjonijiet se jiġu wkoll ivverifikati ma' dawn ir-rekords sabiex l-istudenti jiġu mfakkra dwar l-eliġibilità tagħhom biex jerġgħu japplikaw.

Inizjattivi addizzjonali oħra jinkludu l-pubblikazzjoni ta' video li jagħti gwida pass pass, l-introduzzjoni ta' chatbot fuq il-portal, u qed tiġi provduta wkoll taqsima komprensiva ta' FAQs. Matul iż-żmien tal-applikazzjonijiet se tkompli topera wkoll il-helpline li hija ddedikata apposta sabiex toffri appoġġ lill-istudenti f'dak il-ħin stess.

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni issottolinea li dawn il-miżuri huma maħsuba biex jiżguraw li d-diffikultajiet li ffaċċjat l-istudenta f'dan il-każ ma jerġgħux jiġu ripetuti, u li l-istudenti li jeħtieġu arranġamenti ta' aċċess speċjali se jingħataw appoġġ aħjar fil-futur.

**Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR)**

# Nuqqas ta' involviment bejn l-awtoritajiet Edukattivi u l-UPE iwassal biex tifel li huwa ddikjarat li għandu xi bżonnijiet jitħalla mingħajr l-appoġġ tal-LSE

**L-ilment**

Omm ta' student ta' seba' snin li huwa ddikjarat li għandu numru ta' bżonnijiet, ressqet ilment mal-Uffiċċju tal-Ombudsman wara li binha, li ġie assenjat one-to-one Learning Support Educator (LSE) fl-Iskola Primarja ta' Tas-Sliema, kellu jibqa' d-dar għal perjodu ta' żmien mhux ħażin. Dan ġara wara li l-LSE li kienet ġiet assenjata ħarġet fuq sick leave fit-tul, u l-awtoritajiet Edukattivi ma setgħux isibu sostitut minħabba direttivi maħruġa mill-Union of Professional Educators (UPE).

Filwaqt li l-persuna li ilmentat esprimiet l-apprezzament tagħha għall-iskola u l-istaff, hija sostniet li binha kien imċaħħad mid-dritt tiegħu għall-edukazzjoni u l-kontinwità tat-tagħlim minħabba nuqqas ta' azzjoni amministrattiva biex tissolva t-tilwima li kienet għaddejja bejn l-awtoritajiet Edukattivi u l-UPE.

**Il-fatti**
Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni nnota li dan ma kienx ilment iżolat. Kien hemm każijiet oħra simili li tressqu lill-Uffiċċju tal-Ombudsman, u kien hemm ukoll investigazzjoni fuq inizjattiva proprja li għadha għaddejja dwar il-listi ta' stennija tal-LSE u l-proċess ta' statementing. L-investigazzjoni ffokat fuq jekk l-awtoritajiet Edukattivi kinux qed jagħmlu dak kollu possibbli biex isolvu t-tilwima industrijali li kienet qed ixxekkel is-sostituzzjoni temporanja tal-LSEs assenti.

Ġie stabbilit li minn Jannar 2024 'il quddiem il-UPE kienet ħarġet diversi direttivi, li kienu jirrestrinġu l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-LSEs biex ikopru l-kollegi li jinsabu fuq sick leave. L-awtoritajiet edukattivi argumentaw li d-direttivi ma kinux raġonevoli u ma kinux proporzjonati, u sostnew li kienu għamlu diversi sforzi biex jindirizzaw din il-kwistjoni. Madankollu, il-korrispondenza bejn il-partijiet żvelat pożizzjonijiet sodi, bi djalogu limitat, u ftit li xejn progress lejn riżoluzzjoni xierqa.

Il-Kummissarju osserva li filwaqt li l-azzjonijiet tal-UPE ma kinux jaqgħu taħt il-mandat investigattiv tiegħu, l-awtoritajiet edukattivi kellhom id-dmir ewlieni li jipproteġu l-interessi tal-istudenti. L-investigazzjoni sabet ukoll li, minkejja ħafna komunikazzjonijiet, sa minn Mejju 2024 'l hawn ma kien hemm l-ebda laqgħa diretta wiċċ imb wiċċ bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-UPE. Dan jirrifletti f'nuqqas ta' impenn ġenwin biex tiġi riżolta din il-kwistjoni.

**Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet**
Il-Kummissarju kkonkluda li n-nuqqas tal-awtoritajiet Edukattivi li jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li l-istudenti affettwati jirċievu l-appoġġ meħtieġ kien jammonta għal ommissjoni li skont l-Artikolu 22(1)(d) tal-Att dwar l-Ombudsman kienet żbaljata fil-prinċipju u kif ukoll skont l-Artikolu 22(2) din titqies bħala ommissjoni li jixirqilha tkun ċensurata.

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni rrakkomanda li l-awtoritajiet Edukattivi jistiednu lill-UPE biex tidħol f'diskussjonijiet diretti mingħajr il-ħtieġa ta' kundizzjonijiet minn qabel sabiex tindirizza d-direttivi industrijali fis-seħħ li jaffettwaw studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali. L-Uffiċċju tal-Ombudsman offra wkoll li jiffaċilita laqgħat bħal dawn.

**L-eżitu**

Wara li l-Opinjoni Finali ntbagħtet lill-Ministeru għall-Edukazzjoni fis-17 ta' Settembru 2025, ma kien hemm l-ebda tweġiba jew reazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fiż-żmien prefiss mill-istess Kummissarju. Konsegwentement, fit-2 ta' Ottubru 2025, skont l-Artikoli 17C(1) u 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman, l-Ombudsman u l-Kummissarju għall-Edukazzjoni rreferew dan il-każ lill-Prim Ministru.

Fis-17 ta' Ottubru 2025 l-Ombudsman u l-Kummissarju bagħtu r-rapport lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati għall-konsiderazzjoni tal-Kamra skont l-Artikolu 22(4).

**Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR)**

# Student li għandu appoġġ ta' LSE fuq bażi one-to-one jiġi miċħud l-aċċess għal catch-up classes

**L-ilment**

Fil-15 ta' Lulju 2025, omm ta' tifel żgħir li matul is-sena skolastika jirċievi assistenza minn Learning Support Educator (LSE) fuq bażi one-to-one, ressqet ilment fl-Uffiċċju tal-Ombudsman.

Il-persuna li ilmentat spjegat li wara sejħa għall-applikazzjonijiet, f'Marzu kienet applikat sabiex binha jattendi il-catch-up classes tas-sajf fir-Rabat, Għawdex. L-applikazzjoni tagħha ġiet innutata, u saħansitra ntbagħtitilha l-link biex tattendi għal-laqgħa online għall-ġenituri skedata għas-7 ta' Lulju 2025. Min-naħa tagħha l-omm, biex tiffaċilita t-tranżizzjoni, ittrasferiet lil binha mill-iSkolasajf lokali tiegħu għall-iskola tas-sajf fir-Rabat.

Madankollu, matul il-laqgħa online, hija saret taf għall-ewwel darba li studenti li għandhom l-appoġġ ta' LSE fuq bażi one-to-one – iżda mhux dawk li għandhom LSE kondiviż – kienu awtomatikament esklużi mill-programm tal-catch-up classes. Il-peruna li ilmentat, li hija hi stess għalliema kwalifikata, offriet li tirrinunzja għall-appoġġ tal-LSE ta' binha għall-finijiet ta' dawn il-klassijiet, għaliex kienet tal-fehma li binha seta' jsegwi l-programm b'mod indipendenti. Madankollu, l-awtoritajiet edukattivi insistew li t-tifel ma kienx eliġibbli.

**Il-fatti**

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, fela bir-reqqa l-provi kollha disponibbli, inkluża s-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-korrispondenza bejn l-persuna li ressqet l-ilment u l-awtoritajiet, u t-tweġiba formali mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR).

Mill-investigazzjoni instab li:

- L-awtoritajiet edukattivi applikaw projbizzjoni ġenerika li teskludi lill-istudenti kollha li għandhom l-appoġġ ta' LSE fuq bażi one-to-one milli jattendu l-catch-up classes, mingħajr ma wettqu xi forma ta' assessjar individwalizzat dwar kemm kien adegwat iben il-persuna li ilmentat.
- Il-fatt li kienu rċevew id-dettalji tat-tifel f'Marzu, juri li kien hemm biżżejjed żmien sabiex jiġi vvalutat il-każ tiegħu b'mod individwali, iżda jidher li ma sar jew ma ġie ikkomunikat l-ebda assessjar bħal dan.
- L-evidenza kkonfermat li d-deċiżjoni ttieħdet fuq kriterji ta' eliġibilità li ilhom jeżistu, iżda ma kien hemm l-ebda evidenza li turi li ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' bin min ilmenta ġew ikkunsidrati.
- Ir-raġunament mogħti – li l-pass u l-intensità tal-catch-up classes jistgħu ma jkunux adattati għal dawn l-istudenti – kien wieħed ġeneriku u mhux meħud fuq xi tip ta' assessjar personalizzat dwar il-ħtiġijiet tat-tifel ikkonċernat.

Il-Kummissarju kkonkluda li dan l-atteġġjament kien wieħed żbaljat fil-prinċipju skont l-Artikolu 22(1)(d) tal-Att dwar l-Ombudsman, peress li kien imur kontra l-impenn għal edukazzjoni inklużiva, u skont l-Artikolu 22(2) dan kien jammonta għal amministrazzjoni ħażina, minħabba n-nuqqas ta' raġunijiet validi u konvinċenti li ġew pprovduti lill-persuna li ressqet l-ilment mill-awtoritajiet edukattivi

**Konklużjoni**
Il-Kummissarju sab li l-ilment kien ġustifikat u għalhekk ġie sostnut.

Il-każ jissotolinea l-importanza li jiġu vvalutati ċ-ċirkostanzi ta' kull student fuq il-merti tagħhom stess, aktar milli wieħed jiddependi fuq esklużjonijiet ġenerali li jdgħajfu l-prinċipji tal-edukazzjoni inklużiva.

Għalkemm ma saru ebda rakkomandazzjonijiet speċifiċi – peress li l-amministrazzjoni ħażina kienet evidenti – is-sejbiet iservu bħala tfakkira ċara lill-awtoritajiet edukattivi li s-setgħat diskrezzjonali għandhom jiġu eżerċitati b'ekwità, trasparenza, u b'konsiderazzjoni xierqa għall-ħtiġijiet individwali.

**Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR)**

# Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni jsostni l-ilmenti dwar il-libertà tal-espressjoni tal-edukaturi

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni investiga żewġ ilmenti separati, iżda simili, relatati mad-Direttiva DG DES 28/2024, li imponiet restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni tal-edukaturi fil-midja. Ilment minnhom tressaq mill-Kap Eżekuttiv tal-Union għall-Edukaturi Professjonali (Union for Professional Educators (UPE)), u l-ieħor minn Membru Parlamentari u għalliem fis-servizz pubbliku. Iż-żewġ persuni li ilmentaw qajjmu tħassib dwar l-impatt tad-direttiva fuq il-libertà tal-espressjoni fis-settur tal-edukazzjoni.

**L-ilmenti**

Il-Kap Eżekuttiv tal-UPE ressaq l-ilment kemm f'ismu personali kif ukoll f'isem l-UPE, fejn sostna li d-direttiva kienet se tiskoraġġixxi lill-edukaturi milli jesprimu ruħhom fil-pubbliku bil-għan li jkun hemm titjib fis-sistema edukattiva. Il-Membru Parlamentari bl-istess mod kien tal-fehma li d-direttiva effettivament isikket lill-edukaturi milli jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-sistema edukattiva tal-Istat u ġġegħilhom sabiex ikunu konformi mal-policy uffiċjali.

F'Novembru 2024 iż-żewġ ilmenti ġew ikkomunikati formalment lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni (MEYR).

**Il-fatti**

Id-Direttiva DG DES 28/2024 kienet titlob li l-edukaturi jiksbu minn qabel approvazzjoni biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-midja u stipulat li kwalunkwe dikjarazzjoni pubblika trid tirrifletti l-policies u l-objettivi tal-Ministeru. Għalkemm id-direttiva suppost saret biex tinkoraġġixxi li jkun hemm dibattitu pubbliku, fl-istess waqt imponiet kundizzjonijiet li jirrestrinġu l-opinjoni personali u jiskoraġġixxu xi tip ta' kritika.

Il-Kummissarju nnota li dan kien jammonta għal forma ta' 'doublespeak' attaparsi jippromwovi djalogu b'saħħtu filwaqt li jesiġi li jkun hemm konformità totali. Pożizzjoni bħal din kienet tikkontradixxi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 5 maħruġa fl-24 ta' Frar 2011 mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ta' dak iż-żmien, li tippermetti li uffiċjali pubbliċi ta' ċerti gradi jesprimu opinjonijiet personali, sakemm ikun magħmul ċar illi dawn huma pożizzjonijiet personali u mhux dawk uffiċjali.

Barra minn hekk, ir-rekwiżit li tinġieb minn qabel l-approvazzjoni mill-maniġers u d-Direttur Ġenerali jista' jingħad li żied saff ieħor ta' kontroll amministrattiv, li jista' jkollu effett fuq l-edukaturi li jaħsbuha darbtejn u jagħżlu li ma jitkellmux jew ma jikkummentawx pubblikament.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissarju kkonkluda li d-direttiva ma kinitx sempliċiment riformulazzjoni mill-ġdid tar-regoli eżistenti, kif argumentat mill-MEYR, iżda minflok introduċiet restrizzjonijiet ġodda li ma kinux konsistenti mal-prinċipji marbuta mal-libertà tal-espressjoni f'soċjetà demokratika. Fi kwalunkwe każ, anke d-Direttiva 5 ma kinitx skont l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem. Dan għaliex ipprojbixxiet lill-uffiċjali pubbliċi kollha, irrispettivament mill-grad, milli jikkummentaw dwar kwistjonijiet li jappartjenu għall-ministeru tagħhom u b'mod partikolari l-qasam tax-xogħol tagħhom, anke meta dan jagħmluh fuq livell personali.

Iż-żewġ ilmenti ġew milqugħa skont l-Artikolu 22(1)(a), (b), u (d) tal-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385). Il-Kummissarju rrakkomanda li l-MEYR terġa' toħroġ linji gwida riveduti li jiżguraw li l-għalliema u l-edukaturi, partikolarment dawk li m'għandhomx rwoli maniġerjali, ikunu liberi li jesprimu l-fehmiet personali dwar il-ħidma tagħhom u dwar is-sistema edukattiva mingħajr biża' li titties

ħed xi azzjoni dixxiplinarja.

**L-eżitu**

Bi tweġiba għall-ilment tal-kap tal-Union, il-MEYR ikkontesta l-pożizzjoni tal-UPE, u ddikjara li kienet biss il-union tal-maġġoranza rikonoxxuta li tista' tindirizza l-kwistjonijiet kollettivi. Madankollu, il-Ministeru afferma mill-ġdid li l-policies tiegħu kienu iggwidati skont, u konformi, mal-Kodiċi tas-Servizz Pubbliku (PSMC).

Bi tweġiba għall-ilment tal-Membru Parlamentari, l-MEYR ikkwota wkoll il-PSMC bħala d-dokument li uża bħala gwida u baqa' ma indirizzax is-sustanza tal-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissarju.

**Żvilupp ulterjuri**

Peress li l-MEYR ma implimentax ir-rakkomandazzjonijiet, l-Ombudsman u l-Kummissarju għall-Edukazzjoni rreferew iż-żewġ Opinjonijiet Finali tagħhom lill-Prim Ministru. Ladarba baqgħet ma ttieħdet ebda azzjoni, iż-żewġ rapporti sussegwentement intbagħtu lill-Kamra tad-Deputati, tqegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra, u għaldaqstant saru pubbliċi.

# Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

KAŻIJIET FIL-QOSOR



**Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar**

# Aġġustamenti tal-multi tal-ippjanar

**L-ilment**

Tressaq ilment lil dan l-Uffiċċju fejn ġie allegat li l-massimu tal-multa għal kull ġurnata kien ilaħħaq għal ammont mhux xieraq fil-konfront ta' żvilupp irregolari sostanzjali. Għal dan il-għan, il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar nieda investigazzjoni dwar kemm huma adegwati r-regolamenti eżistenti li jirregolaw il-penali għal kull ġurnata u l-multi amministrattivi.

**L-investigazzjoni**

Mill-investigazzjoni nstab li l-multi attwali ġew stabbiliti fl-2012 u li l-ammont kien ilaħħaq il-limitu massimu ta' €50,000. Dan l-ammont la jirrifletti r-realtajiet tal-lum u lanqas ma jservi bħala deterrent effettiv kontra żviluppi irregolari fuq skala kbira jew dawk persistenti.

Barra minn hekk irriżulta wkoll li r-regolamenti ma jindirizzawx b'mod adegwat strutturi irregolari mobbli - bħal gabbani, tined, imwejjed u siġġijiet - peress li n-natura mobbli tagħhom tippermetti b'mod faċli li ssir it-tneħħija tagħhom u li jerġgħu jitpoġġew lura, u b'hekk tillimita l-infurzar għal sempliċi twissijiet fejn l-effett prattiku huwa verament limitat.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissarju rrakkomanda li:

- L-ammont massimu tal-multa li wieħed jista' jeħel jiżdied minn €50,000 għal €100,000 biex jirrifletti aħjar il-kundizzjonijiet attwali u jsaħħaħ id-deterrent.
- Ir-regolamenti jiġu emendati biex jippermettu l-konfiska ta' strutturi irregolari mobbli, filwaqt li jallinjaw l-infurzar mad-dispożizzjonijiet eżistenti taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku dwar it-tneħħija ta' oġġetti ingumbranti.

**L-eżitu**

Ladarba r-rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ombudsman dan il-każ ġie riferut lill-Prim Ministru u lill-Kamra tad-Deputati.

**Awtorità tal-Ippjanar**

# Nuqqas ta’ infurzar dwar kundizzjoni marbuta mal-ftuħ ta’ triq ġdida

**L-ilment**

L-ilment ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li żvilupp tħalla jibda u nħarġu ċ-ċertifikati ta’ konformità bi ksur ċar tal-kundizzjoni tal-permess li tesiġi li t-triq għandha tinfetaħ qabel ma jingħata bidu ta’ kwalunkwe xogħol ta’ żvilupp fuq is-sit.

**Il-fatti**

L-Awtorità tal-Ippjanar imponiet garanzija bankarja sabiex tiżgura li t-triq proġettata li tmiss mas-sit inkwistjoni tinfetaħ. L-obbligu għal din il-garanzija bankarja serva bħala soluzzjoni temporanja għall-ħruġ ta’ ċertifikati dwar konformità li jindirizzaw kundizzjonijiet simili li kienu imposti fuq il-permessi kollha li nħarġu qabel it-twaqqif tal-Awtorità tal-Ippjanar. Din il-kundizzjoni m’għadhix tiġi imposta peress li l-ħtieġa li tinfetaħ u tiġi ffurmata triq proġettata taqa’ taħt ir-responsabbiltà ta’ Transport Malta.

Il-kundizzjoni relattiva dwar l-obbligi relatati mal-ftuħ tat-triq tqajjem żewġ kwistjonijiet notevoli. L-ewwelnett, din il-kundizzjoni għandha tikkonċerna direttament il-proprjetà tat-triq, fejn la l-applikant u lanqas l-Awtorità tal-Artijiet m’għandhom dritt li jokkupaw jew iwettqu xogħlijiet fuq proprjetà ta’ terzi. It-tieni nett, kwalunkwe żvilupp awtorizzat mill-Awtorità tal-Ippjanar, inklużi l-kundizzjonijiet f’dawn il-permessi, għandu jkun relatat mal-ippjanar speċifiku tas-sit. Finalment, din il-kundizzjoni partikolari ġiet trasferita mill-kundizzjonijiet ġenerali li jaqgħu taħt l-Awtorità tal-Ippjanar għall-kundizzjonijiet speċifiċi imposti u infurzati minn entitajiet oħra.

Ir-regolamenti ta’ Transport Malta jipprovdu li l-ebda bini li jmiss ma’ triq ġdida f’żona abitata m’għandu jinbena sakemm it-triq ma tkunx ġiet livellata u li jekk ma tiġix iffurmata triq, Infrastruttura Malta tista’ tipproċedi sabiex tifforma t-triq a spejjeż tal-persuna li inizjalment kienet obbligata tagħmel dan. Għalhekk, filwaqt li l-Awtorità tal-Ippjanar mhijiex awtorizzata li timponi jew tinforza dawn ir-regolamenti, l-istess provvediment jelenka proċedura għal meta din it-taqsima ma tiġix osservata b’mod sħiħ, proċedura li bħalissa ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar. Filwaqt li l-individwu li ressaq l-ilment huwa korrett meta sostna li l-Awtorità tal-Ippjanar messha ħarġet avviż ta’ infurzar għan-nuqqas li bdew ix-xogħlijiet mingħajr ma ġiet osservata din il-kundizzjoni, din il-kwistjoni kellha titqajjem fil-ħin xieraq, mhux wara li tlestew ix-xogħlijiet.

L-Awtorità tal-Ippjanar għalhekk aġixxiet b’mod korrett meta imponiet li ssir garanzija bankarja li tindirizza l-istess kundizzjoni. Dan kien meħtieġ għaliex ma jkunx ġust li jitwaqqaf l-użu (il-ħruġ ta’ ċertifikat dwar konformità) ta’ żvilupp meta l-kundizzjoni tkun ġiet imposta bi żball (peress li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar) u meta l-konformità mal-kundizzjoni ma tkunx taqa’ kompletament taħt il-kontroll tal-applikant peress li kienet tikkonċerna proprjetà ta’ terzi.

**Konklużjoni**

L-ilment imressaq dwar in-nuqqas tal-Awtorità tal-Ippjanar li tinforza l-kundizzjoni għall-ftuħ ta’ triq ġdida nstab li huwa infondat.

**Awtorità tal-Ippjanar**

# Tined fissi irregolari li ilhom installati quddiem is-Suq tal-Belt, ġewwa l-Belt Valletta

**L-ilment**

Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga l-każ dwar tined fissi irregolari li ilhom numru ta' snin installati fis-Suq tal-Belt fi Triq il-Merkanti, fil-Belt Valletta. Sa mill-2019, dawn l-istrutturi kienu soġġetti għal Avviż ta' Infurzar maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar.

**L-investigazzjoni**

Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar sab li tħallset biss madwar €7,000 mill-multa imposta għal kull jum li din l-istruttura ilha fuq is-sit b'mod irregolari, multa li tlaħħaq is-somma ta' €46,000. Id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar li tissospendi azzjoni diretta minħabba applikazzjoni pendenti tqieset mhux ġustifikata, peress li l-applikazzjoni mhix biex tissanzjona t-tined eżistenti, iżda pjuttost tipproponi s-sostituzzjoni tagħhom b'umbrelel.

Barra minn hekk, il-Kummissarju ddetermina li appell kontra l-avviż ta' infurzar m'għandux idewwem l-implimentazzjoni ta' tali azzjoni - partikolarment meta wieħed iqis l-ammont ta' żmien kemm kienu ilhom jeżistu, kemm kienu viżibbli minħabba l-għoli tagħhom, u l-iskala tal-iżvilupp illegali. Ġie konkluż li dawn it-tined tħallew għal aktar minn sitt snin f'post, b'mod illegali u b'mod mhux ġustifikat, bi ksur ċar tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u bi ksur tal-obbligi tal-Belt Valletta bħala Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissarju rrakkomanda li l-Awtorità tal-Ippjanar tipproċedi b'azzjoni diretta u immedjata sabiex tneħħi dawn it-tined illegali bi spejjeż ta' min installahom, irrispettivament minn kwalunkwe appell pendenti jew applikazzjonijiet oħra.

**L-eżitu**

L-Awtorità tal-Ippjanar naqset milli twieġeb u tirreaġixxi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju. Għaldaqstant, il-każ ġie riferut lill-Prim Ministru u lill-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ombudsman.

**Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali**

# Monitoraġġ ta’ xogħlijiet fil-Konkatidral ta’ San Ġwann

**L-ilment**

Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga talba rigward dak li ġie rappurtat f’artiklu online dwar ħsarat fil-Konkatidral ta’ San Ġwann, speċifikament fil-Kripta ta’ Bartolott. L-artiklu jallega li sfrondat l-art li kienet għadha kif ġiet installata u li din ikkaġunat ħsara sinifikati f’oqbra storiċi fejn hemm midfuna l-Kavallieri tal-Ordni ta’ San Ġwann. Barra minn hekk, ir-rapport jissuġġerixxi li l-istruttura tal-art li sserraħ fuq dawn l-oqbra hija tqila wisq għal dan is-sit li jinsab taħt l-art u li l-kwistjoni għadha mhux solvuta.

**L-investigazzjoni**

Għalkemm fl-ilment issemmiet ukoll il-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta’ San Ġwann u l-Awtorità tal-Ippjanar, din l-investigazzjoni ffokat b’mod speċifiku fuq l-allegazzjonijiet ta’ nuqqas ta’ immaniġġjar min-naħa tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. L-ilment ma kien jinvolvi l-ebda ksur tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u l-Fondazzjoni ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman. Madankollu, il-Fondazzjoni xorta waħda kkooperat bis-sħiħ matul din l-investigazzjoni.

Ir-ritratt li jidher flimkien ma’ dan l-artiklu juri xi ċangaturi maqlugħin mill-art u li qed iserrħu mal-istruttura fuq l-art mgħollija. F’ritratt ieħor jidhru tliet ċangaturi miksura u li jinsabu taħt l-istess struttura. Fuq in-naħa tal-ġenb tal-ħitan tal-kripta wieħed jista’ jara li jidhru ukoll xi munzelli ta’ żrar.

F'din l-investigazzjoni saret spezzjoni fuq il-post fil-Kripta Bartolott. Matul din l-ispezzjoni, l-istruttura fuq l-art u ċ-ċangaturi dehru kollha f'posthom u l-ġnub tal-kripta kienu nodfa u mingħajr żrar. La mill-immaġini li dehru fl-artiklu online imsemmi u lanqas mill-investigazzjoni ma rriżultaw illi kien hemm lok għal xi tħassib li l-art il-ġdida ċediet jew sfrondat, li saret xi ħsara fil-kmamar ta' taħt l-art jew li huma meħtieġa xi interventi sabiex tiġi rrestawrata xi ħsara. L-installazzjoni tal-istruttura fuq l-art tal-kripta saret wara stħarriġ tal-pedamenti u skont metodi ta' xogħlijiet maħsuba speċifikament biex jipprevjenu kwalunkwe ħsara.

It-tneħħija u t-tqegħid mill-ġdid taċ-ċangaturi li kienu ċedew jew sfrondaw sar skont il-Works Method Statement approvat u ċ-ċangaturi kollha li reġgħu tqiegħdu fuq il-post ġew irreġistrati fuq il-pjanta biex fil-ġejjieni tkun tista' ssir referenza għalihom.

Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali qed tissorvelja x-xogħlijiet b'mod xieraq u b'mod regolari skont il-kundizzjonijiet tal-permess u m'hemm ebda raġuni għaliex wieħed għandu jkollu dubju li x-xogħlijiet li saru fil-Kripta ta' Bartolott fil-Konkatidral ta' San Ġwann b'xi mod jew ieħor ma sarux skont proċeduri amministrattivi xierqa.

**Konklużjonijiet**

Għaldaqstant dan l-ilment li jallega li kien hemm ħsarat lill-Kripta ta' Bartolott u li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tat xi kontribut f'dan ir-rigward instab li mhux sostnut.

**Awtorità tal-Ippjanar**

# L-iżvelar tal-identità tal-Uffiċjali

**L-ilment**
Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga ilment kontra n-nuqqas mill-Awtorità tal-Ippjanar li tiżvela l-identità tal-Uffiċjali li jipproċessaw l-applikazzjonijiet ta' żvilupp kemm fil-fażi ta' rakkomandazzjoni kif ukoll fil-fażi li twassal għad-deċiżjoni. L-ilment jispjega illi b'dan il-mod wieħed ma jistax jikkontesta jekk l-Uffiċjal tal-Każ huwiex relatat jew għandux rabtiet mal-applikant jew għandux konflitt ta' interess.

**L-investigazzjoni**
Mill-investigazzjoni nstab illi din il-kwistjoni tqum kemm fil-fażi ta' rakkomandazzjoni kif ukoll fil-fażi tad-deċiżjoni kull meta tiġi sottomessa Applikazzjoni ta' Proċedura Sommarja mingħajr rappreżentazzjonijiet filwaqt li din tqum biss fl-istadju ta' rakkomandazzjoni meta jkun hemm rappreżentazzjonijiet peress li d-deċiżjonijiet dwar dawn l-applikazzjonijiet jittieħdu pubblikament mill-Bord tal-Ippjanar jew id-delegat tagħha.

Skont l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-laqgħat tal-Bord tal-Ippjanar meta jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-iżvilupp, għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku. Għalhekk, huwa raġonevoli li jiġi konkluż li deċiżjonijiet meħuda mid-delegati tal-Bord tal-Ippjanar għandhom jittieħdu wkoll fil-pubbliku. Dan jitlob mhux biss li tiġi magħrufa l-identità tal-individwu li jieħu d-deċiżjoni, iżda wkoll li tali deċiżjoni ssir pubblikament.

Fir-rigward tal-identità tal-individwu li qed iħejji r-rakkomandazzjoni, ta' min jinnota li l-Awtorità tal-Ippjanar qabel kienet tippubblika l-ismijiet tal-Uffiċjali tal-Ippjanar (Uffiċjal tal-Każ u Uffiċjal tal-Endorsement), iżda minn dak iż-żmien 'l hawn din il-prattika twaqqfet, u dan wassal għal nuqqas ta' trasparenza. L-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp jitlob illi l-Uffiċjali tal-Ippjanar jieħdu ħsieb illi ma jżommux mistura l-interessi tagħhom u saħansitra jipprovdi linji gwida dwar il-proċedura biex jiġu indirizzati konflitti ta' interess. Billi żżomm l-identitajiet tal-Uffiċjali mill-għarfien pubbliku, l-Awtorità tal-Ippjanar qed ikollha kontroll esklussiv fuq din l-informazzjoni, li idealment għandha tkun aċċessibbli għal partijiet terzi, inkluż il-pubbliku ġenerali. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut illi skont l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, l-Uffiċjali tal-Ippjanar huma meqjusa bħala Uffiċjali Pubbliċi, u għalhekk l-identità tal-Uffiċjali tal-Ippjanar responsabbli mit-tħejjija u l-approvazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet isiru pubbliċi. Għal skrutinju effettiv u f'waqtu, din l-informazzjoni għandha tiġi magħrufa fl-istess ħin tar-rakkomandazzjoni u l-approvazzjoni, kif ukoll fil-ħin li tittieħed id-deċiżjoni rilevanti.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

It-tħassib li tqajjem dwar in-nuqqas tal-Awtorità tal-Ippjanar li tiżvela l-identità tal-Uffiċjali involuti fl-ipproċessar tal-Applikazzjonijiet ta' Żvilupp Sommarju kemm matul il-fażi ta' rakkomandazzjoni kif ukoll fid-deċiżjoni huma meqjusa bħala validi. Il-Kummissarju rrakkomanda li:

1. l-identità tal-individwu responsabbli għad-deċiżjoni dwar applikazzjoni għandha tiġi żvelata pubblikament meta tingħata d-deċiżjoni;
2. il-proċess għat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu jitmexxa fil-pubbliku; u
3. l-identità tal-Uffiċjali nvoluti fit-tħejjija tar-rakkomandazzjoni, speċifikament l-Uffiċjal tal-Każ u l-Uffiċjal tal-Endorsement, għandhom ukoll ikunu disponibbli għall-għarfien tal-pubbliku mingħajr dewmien.

**L-eżitu**

L-Awtorità tal-Ippjanar ma aċċettat l-ebda waħda minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet u għaldaqstant skont l-Att dwar l-Ombudsman dan il-każ ġie riferut lill-Prim Ministru u lill-Kamra tad-Deputati.

**Transport Malta**

# Tiġdid tal-Liċenzji ta' Operatur tal-Y-Plate

**L-ilment**

Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga ilment dwar numru ta' anomaliji legali u irregolaritajiet amministrattivi fil-ħruġ u t-tiġdid tal-Liċenzji ta' Operatur LPTS (Y-Plate). Essenzjalment dan l-ilment jiffoka fuq l-introduzzjoni ta' rekwiżiti aktar stretti fejn fost affarijiet oħra hemm li wieħed jeħtieġ illi jissottometti rapport ta' Perit kull sena, liema rekwiżit wassal biex ma tiġix imġedda l-liċenzja tal-individwu li ressaq l-ilment.

**L-investigazzjoni**

Fl-2020, ġew introdotti r-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi. Dawn ir-regolamenti jistipulaw li liċenzja ta' operatur tibqa' valida sakemm ma tiġix revokata, sospiża jew ċeduta u sakemm l-operatur jissottometti lil Transport Malta, fi żmien xahar qabel l-ewwel sena mill-ħruġ tal-imsemmija liċenzja u kull sena ta' wara, applikazzjoni għal tiġdid li għandha tinkludi, fost l-oħrajn, rapport iffirmat minn Perit awtorizzat għal kull faċilità tal-iggaraxxjar. Ir-regolamenti jipprovdu li jrid jiġi pprovdut permess ta' żvilupp fil-każ ta' liċenzja ta' operatur għar-reġistrazzjoni ta' ħames vetturi jew aktar.

Ir-regolamenti jiddefinixxu li *"'faċilità tal-iggaraxxjar' tfisser kwalunkwe post li mhux fit-triq u li fih l-ipparkjar jew l-iggaraxxjar ta' vetturi bil-mutur huwa permess mill-permess rilevanti tal-awtorità tal-ippjanar"*. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet elenkati fir-regolamenti juru li hemm diversi ambigwitajiet li jeħtieġu li jiġu ċċarati:

1. Ir-regolamenti jispeċifikaw illi r-rekwiżit ta' permess ta' żvilupp għar-reġistrazzjoni ta' aktar minn ħames vetturi, iżda l-istess rekwiżit mhuwiex impost għal inqas vetturi filwaqt li l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp ma jagħmilx differenza bejn dawn is-sitwazzjonijiet.

2. Jista' hemm inkonsistenza fir-rwol tal-Perit peress li mhuwiex ċar kif Perit jista' jipprovdi rapport għal kull faċilità ta' garaxx li hija mniżżla fil-liċenzja tal-operatur f'applikazzjonijiet ġodda fejn l-applikanti ma jkollhomx liċenzja ta' operatur.

3. Bl-istess mod, il-kapaċità ta' Perit li jiċċertifika li l-ispazji ta' parkeġġ magħżula huma adegwati għall-vetturi kollha tal-LPTS reġistrati taħt il-liċenzja tal-operatur hija wkoll dubjuża fl-applikazzjonijiet ġodda.

Dawn il-punti jenfasizzaw il-ħtieġa li tingħata aktar spjegazzjoni biex jiġi żgurat li r-regolamenti jiġu applikati b'mod konsistenti u b'mod effettiv.

F'Awwissu tal-2024, l-individwu li ressaq l-ilment ġie nnotifikat li l-liċenzja kienet se tiskadi u ngħata struzzjonijiet biex jissottometti rapport maħruġ u ffirmat minn Perit awtorizzat, li jikkonferma li l-applikant għandu biżżejjed spazju għall-parkeġġ privat fil-garaxx u/jew spazju għall-parkeġġ privat barra mit-triq għall-użu esklussiv tiegħu fejn jipparkja l-vetturi meta dawn ma jkunux qed jintużaw. Dan mhux dak li jistipulaw ir-regolamenti. Ir-regolamenti jgħidu li r-rapport, fir-rigward ta' kull faċilità tal-iggaraxxjar, għandu jiċċertifika li dawn l-ispazji huma biżżejjed biex jipparkjaw il-vetturi żgħar kollha tat-trasport tal-passiġġieri li huma reġistrati taħt il-liċenzja tal-operatur. Ladarba nħarġet liċenzja ta' operatur u din la ġiet revokata, la sospiża u lanqas ċeduta, Transport Malta kellha tinforma lill-individwu li ressaq l-ilment b'mod xieraq. Barra minn hekk, f'każ li ma jitressaqx ir-rapport tal-Perit, Transport Malta kellha tipproċedi bit-tiġdid tal-liċenzja tal-operatur skont id-dispożizzjoni tranżitorja li tippermetti lill-operaturi liċenzjati perjodu ta' tnax-il xahar (sa Ottubru 2024) biex jiġu konformi mar-rekwiżiti.

Il-Kummissarju huwa tal-fehma li Transport Malta għandha tagħti estensjoni addizzjonali ta’ tnax-il xahar mid-data ta’ din l-Opinjoni Finali lil dawk kollha li diġà għandhom liċenzja biex jiġu konformi ma’ dan ir-regolament. Din ir-rakkomandazzjoni hija marbuta mal-fatt li d-diffikultajiet relatati mar-rekwiżit tar-rapport tal-Perit saru magħrufa biss wara l-ħruġ taċ-ċirkulari rilevanti mill-Kamra tal-Periti f’Ġunju 2024 li tinforma lill-Periti dwar il-ħtieġa ta’ Permess ta’ Żvilupp irrispettivament min-numru ta’ karozzi fil-faċilità tal-iggaraxxjar.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

L-ilment kontra Transport Malta dwar in-nuqqas ta’ tiġdid ta’ liċenzja ta’ operatur ta’ ġarr ta’ passiġġieri b’vetturi żgħar minħabba n-nuqqas li jiġi sottomess rapport ta’ Perit huwa meqjus validu.

Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar irrakkomanda li:

1. Transport Malta għandha tipproċedi bit-tiġdid tal-liċenzja fil-kwistjoni.
2. Transport Malta għandha tikkunsidra wkoll li ġġedded il-liċenzji l-oħra kollha tal-operaturi li jikkwalifikaw taħt id-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-regolamenti, peress li huwa ċar li operaturi addizzjonali qed jiffaċċjaw sfidi u diffikultajiet simili.
3. Transport Malta hija mitluba sabiex tirrakkomanda lill-Ministru li tingħata estensjoni tal-perjodu ta’ tranżizzjoni bi tnax-il xahar oħra, fid-dawl tan-nuqqas ta’ azzjoni li hija relatata mal-Att tal-Periti, li nqala’ minħabba inkonsistenzi bejn ir-regolamenti rilevanti u l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.
4. Transport Malta għandha tara li jkun hemm diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar, il-Kamra tal-Periti u l-Operaturi sabiex tiffaċilita l-emendi meħtieġa fir-regolamenti kif deskritti f’din l-Opinjoni Finali.

**L-eżitu**

Wara li Transport Malta baqgħet ma tat ebda reazzjoni, din l-Opinjoni Finali ġiet riferuta lill-Prim Ministru. Aktar tard, Transport Malta wieġbet u saret laqgħa dwar dan, madankollu Transport Malta insistiet li l-individwu li ilmenta għandu jagħmel dikjarazzjoni ġdida li ġiet introdotta wara l-ħruġ tal-Opinjoni Finali.

Il-każ imbagħad ġie riferut lill-Kamra tad-Deputati għall-attenzjoni tagħha. Minn informazzjoni miġbura mill-midja jidher li sussegwentement Transport Malta estendiet il-perjodu ta’ tranżizzjoni b’sitt xhur, jiġifieri sa April 2025.

**Kunsill Konsultattiv dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni (BCCC)**

# L-Esklużjoni tal-Kamra tal-Ġeoloġisti ta' Malta mis-sħubija fil-Kunsill Konsultattiv dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni

**L-ilment**

Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga ilment rigward l-esklużjoni tal-Kamra tal-Ġeoloġisti ta' Malta (MCG) mill-Kunsill Konsultattiv dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni (BCCC), entità stabbilita taħt l-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (Kapitolu 623) biex isservi bħala pjattaforma konsultattiva nazzjonali għall-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni.

L-MCG ilmentat illi l-esklużjoni tal-Kamra, li hija organizzazzjoni professjonali rreġistrata u tirrappreżenta l-ġeoloġisti f'Malta, hija inġusta u diskriminatorja. Hija sostniet li l-ġeoloġisti għandhom rwol kruċjali fis-settur tal-kostruzzjoni, fatt li ġie rikonoxxut b'mod ċar fir-Rapport tal-Inkjesta Pubblika ta' Jean Paul Sofia (2024), li rrakkomanda li l-kompetenza ġeoloġika għandha ssir obbligatorja matul il-proċessi tal-bini u l-iskavar.

Il-BCCC u l-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni (MJRC) infurmaw lill-Kamra li setgħet tattendi laqgħat biss bħala 'guest member' meta jiġu diskussi suġġetti rilevanti. L-MCG irrifjutat dan l-istatus, billi r-Regolamenti tal-BCCC ma jipprovdux għal guest members u billi r-rwol tagħha fis-salvagwardja tas-sigurtà pubblika kien jiġġustifika rappreżentanza sħiħa.

**Il-fatti**
Matul l-investigazzjoni, il-Kummissarju sema' ukoll sottomissjonijiet miċ-Chairperson tal-BCCC, u mis-Segretarju Permanenti fl-MJRC. Il-Ministeru ddikjara li kienet għaddejja reviżjoni interna marbuta mal-kompożizzjoni u r-responsabbiltajiet tal-Kunsill, li ta x'jifhem illi fi stadju aktar tard jistgħu jiġu introdotti xi bidliet. Madankollu, il-Kummissarju nnota li l-Att dwar l-Ombudsman ma jippermettix li l-investigazzjonijiet jiġu sospiżi sakemm isiru reviżjonijiet interni.

Minn eżami bir-reqqa tar-Regolamenti tal-BCCC (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 623.10) ġie ikkonfermat li filwaqt li l-Kunsill jista' jikseb parir espert dwar kwistjonijiet speċifiċi, dan ma jfissirx li hemm lok għall-ħolqien ta' 'guest members'. Il-Kummissarju rrefera wkoll għas-sejbiet fir-Rapport tal-Inkjesta ta' Jean Paul Sofia, li saħaq dwar il-kontribut essenzjali tal-ġeoloġisti għas-sigurtà pubblika, partikolarment waqt xogħlijiet ta' skavar u twaqqigħ. L-Inkjesta rrakkomandat espliċitament li l-valutazzjonijiet ġeoloġiċi jiffurmaw parti mid-dikjarazzjonijiet kollha tal-metodu għall-proġetti ta' żvilupp.

Il-Kummissarju osserva li r-Regolamenti jagħtu s-setgħa lill-Ministru responsabbli biex iżid entitajiet oħra mal-BCCC biex iwessa' r-rappreżentanza "*fl-interess li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati.*" Il-Ministru, għalhekk, għandu d-diskrezzjoni li jaħtar l-MCG bħala membru sħiħ, irrispettivament mill-opinjoni tal-BCCC.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**
Il-Kummissarju kkonkluda li l-ilment kien ġustifikat. L-esklużjoni tal-MCG mis-sħubija sħiħa tal-BCCC instabet li ma kinitx raġonevoli u kuntrarja għall-iskopijiet tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, li għandu l-għan li jiżgura rappreżentanza komprensiva tal-partijiet interessati fl-industrija tal-kostruzzjoni.

Għalhekk ġie rrakkomandat li mingħajr aktar dewmien il-Ministru jaħtar l-MCG bħala membru sħiħ tal-BCCC. Inklużjoni bħal din, iddikjara l-Kummissarju, issaħħaħ l-għarfien espert tal-Kunsill u tkun qed issegwi aħjar mar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà pubblika tal-Inkjesta Jean Paul Sofia.

**L-eżitu**

Fit-13 ta' Awwissu 2025, il-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni informa lill-Kummissarju li filwaqt li apprezza r-raġunament wara r-rakkomandazzjoni, f'dan l-istadju ma kienx se jimplimentaha. Il-Ministeru semma r-reviżjoni interna li għaddejja tal-istruttura tal-BCCC u sostna li jkun prematur li wieħed jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni qabel il-konklużjoni tagħha.

Wara din it-tweġiba, fil-21 ta' Awwissu 2025, il-Kummissarju rrefera l-kwistjoni lill-Prim Ministru skont l-Artikoli 17C(1) u 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman.

Fid-19 ta' Settembru 2025, is-Segretarju Permanenti Ewlieni kkonferma li l-Ministeru mhux se jipproċedi bl-inklużjoni tal-Kamra tal-Ġeoloġisti ta' Malta f'dan l-istadju u tenna li l-proċess ta' reviżjoni fi ħdan il-Ministeru u d-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u l-affarijiet tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol li għadu kif twaqqaf kien għadu għaddej.

Peress li r-rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati, fis-26 ta' Settembru 2025 l-Ombudsman u l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar bagħtu l-Opinjoni Finali lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, għall-konsiderazzjoni ulterjuri tal-Kamra skont l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman.

# Kummissarju għas-Saħħa

KAŻIJIET FIL-QOSOR



**Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva**

# Nuqqas ta' intitolament għall-kura medika peress li l-kundizzjoni medika ma kinitx elenkata fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Parti II tal-Iskeda V)

**L-ilment**

Il-persuni li ressqu l-ilment kienu numru ta' ġenituri li wliedhom isofru minn marda ġenetika rari, severa u progressiva li tikkawża telf fil-muskoli. Meta l-konsulent tagħhom applika sabiex jingħataw mediċina speċifika għal din il-kundizzjoni, ġew infurmati mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva li t-talba tagħhom ma setgħetx tiġi milqugħa peress li din il-kundizzjoni speċifika ma kinitx elenkata fil-lista ta' intitolament uffiċjali tal-Iskeda V. L-Iskeda V hija d-dokument li permezz tiegħu wieħed jiġi intitolat biex jirċievi l-kura mediċinali bla ħlas skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318, Artikolu 23), l-emendi sussegwenti tiegħu (Att Nru. I tal-2012), u l-Ħames Skeda tal-istess Att.

**L-investigazzjoni**

Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ġie infurmat b'dan il-każ u saret talba biex tingħata aktar informazzjoni. Il-Ministeru kkonferma li din il-kundizzjoni ma kinitx fost dawk li jinsabu elenkati fil-lista ta' kundizzjonijiet mediċi tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Parti II tal-Iskeda V). Għalhekk, il-pazjenti li jsofru minn din il-kundizzjoni ma kinux intitolati li jingħataw il-mediċini għat-trattament tagħha li huma ffinanzjati mill-istat.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan l-Uffiċċju sostna li l-fatt li dawn it-tfal ma kinux intitolati għal dan it-trattament speċifiku għall-kundizzjoni medika severa tagħhom sempliċement għax din il-kundizzjoni ma kinitx waħda mill-kundizzjonijiet mediċi li tinsab imniżżla fil-lista tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Parti II tal-Iskeda V) kienet fil-fatt diskriminatorja fir-rigward tagħhom u għandha tiġi rettifikata mill-aktar fis possibbli.

Il-proċess biex kundizzjoni medika ġdida tiddaħħal fil-lista tal-Iskeda V huwa proċess kumpless li jinvolvi numru sostanzjali ta' entitajiet u Ministeri. Madankollu, minkejja dawn l-isfidi, il-proċess ġie solvut b'suċċess u dan ġie ppubblikat fl-Avviż Legali fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,551 fid-9 ta' Diċembru 2025.

**Rakkomandazzjonijiet**

F'dan il-każ tqieset li ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir ebda rakkomandazzjoni oħra, peress li l-problema ġiet solvuta b'mod adegwat mill-Ministeru u nstabet soluzzjoni għall-kwistjoni li ġiet implimentata.

**Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**

# Proċess tal-Għażla għall-Pożizzjoni ta' Kap

**L-ilment**
L-individwu li ressaq l-ilment kien senior clinician li jaħdem fl-Isptar Mater Dei. Huwa applika għal pożizzjoni ta' kap ta' taqsima iżda ma ntgħażilx. Għaldaqstant ressaq ilment ma' dan l-Uffiċċju dwar il-proċess tal-għażla.

**L-investigazzjoni**
Wara li saret laqgħa mal-individwu li ilmenta, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC) ġiet infurmata bl-ilment u ntalbet tagħti l-kummenti tagħha dwar il-każ. Intalbet ukoll sabiex tipprovdi kopja tal-file tal-proċess tal-għażla rilevanti u dan ġie rivedut.

**Kunsiderazzjonijiet**
Matul l-investigazzjoni rriżulta li, skont dan l-Uffiċċju, il-Bord tal-Għażla ma kienx ġie kkostitwit kif suppost skont ma huwa speċifikat fit-Taqsima 2.2 tal-Manwal dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-Proċess tal-Għażla u l-Ħatra taħt l-Awtorità Delegata fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, li jiddikjara li Bord tal-Għażla għal din il-kariga kellu jkun magħmul kif ġej:

*Chairperson:*
*Id-Direttur Ġenerali Mediku jew l-Uffiċjal Mediku Ewlieni (CMO) jew is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika.*

*Membri:*

*i. Direttur Mediku tal-isptar jew wieħed minn dawk ta' hawn fuq.*

*ii. Iċ-Chairperson preferibbilment ikun minn dipartiment ieħor relatat.*

*iii. CEO/COO/Uffiċjal pubbliku anzjan fl-HR ta' sptar jew id-DG mill-MHA.*

*iv. Uffiċjal pubbliku anzjan mhux f'kariga inqas minn DG li huwa minn barra l-MHA* (*People & Standards jew Ministeru relatat).*

Ir-raba' membru tal-Bord tal-Għażla, li kien meħtieġ li jkun uffiċjal pubbliku għoli f'kariga mhux inqas mill-grad ta' Direttur Ġenerali u li huwa minn barra mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva (MHA), kien fil-fatt Direttur Ġenerali fi ħdan l-MHA stess.

Dan l-Uffiċċju nnota wkoll li fir-rigward tal-proċess ta' valutazzjoni, l-istruttura tal-għoti tal-marki ma kinitx tiddistingwi biżżejjed bejn kwalifika ta' Ph.D u pubblikazzjonijiet f'ġurnali mediċi li huma peer-reviewed. Il-lawrji tal-Masters ġew mogħtija marki b'mod inkonsistenti, u ċ-ċertifikati maħruġa għal taħriġ qasir ġew mogħtija valur għoli wisq meta mqabbla ma' kwalifiki ta' livell aktar għoli.

**Konklużjonijiet**

Dan l-Uffiċċju kkonkluda li l-Bord tal-Għażla ma kienx ikkostitwit kif kien xieraq, u b'hekk il-proċess kollu tal-għażla kellu jitqies bħala wieħed invalidu.

Ġie rrakkomandat li l-qafas tal-għażla jiġi rrivedut għal ħatriet futuri biex tiġi żgurata l-ekwità akkademika, il-konsistenza, u li r-regoli stabbiliti jiġu osservati b'mod konformi u strett.

**Rakkomandazzjonijiet**

Dan l-Uffiċċju rrakkomanda li peress li l-Bord tal-Għażla ma kienx ikkostitwit kif suppost, il-proċess kollu tal-għażla għandu jiġi meqjus bħala wieħed żbaljat u għandu jitqies bħala invalidu. Il-proċess għandu jerġa' isir għal darb'oħra b'bord ikkostitwit kif suppost anke jekk sadanittant il-Manwal dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-Proċess tal-Għażla u l-Ħatra taħt l-Awtorità Delegata fis-Servizz Pubbliku ta' Malta kien ġie emendat sabiex jiġġustifika l-kompożizzjoni tal-ewwel Bord tal-Għażla. Din l-emenda seħħet matul il-proċess tal-investigazzjoni ta' dan il-każ.

**L-eżitu**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC) ma qablitx mar-rakkomandazzjonijiet magħmula minn dan l-Uffiċċju u sostniet li l-Bord tal-Għażla kien ikkostitwit kif suppost u li l-kriterji ġew applikati b'mod konsistenti. Il-PSC irreferiet il-punti li tqajmu minn dan l-Uffiċċju għall-kunsiderazzjoni tal-People and Standards Division u l-Ministeru għas-Saħħa u l-Azjanità Attiva.

Peress li baqgħet ma ttieħdet ebda azzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-Uffiċċju, il-każ ġie rriferut lill-Prim Ministru, u aktar tard skont l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman tressaq quddiem il-Parlament.

**Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva**

# Allegat aġir mhux xieraq mill-istaff tal-isptar Mater Dei

**L-ilment**

Individwu ressaq l-ilment mal-Uffiċċju tagħna dwar il-mod kif hu u qrabatu ġew trattati mill-istaff tal-isptar waqt li ommhom kienet qed tingħata kura bħala pazjenta. Fl-ilment tiegħu sostna wkoll li l-informazzjoni klinika li ngħatatlu dwar il-kundizzjoni ta' ommu u eventwalment il-mod kif ġiet trattata klinikament, kienu, fil-fehma tiegħu, mhux ġusti.

**L-investigazzjoni**

Wara l-laqgħa li saret mal-individwu li ressaq l-ilment, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ġie infurmat bil-każ u saret talba uffiċjali għal kopja tal-file mediku ta' omm l-individwu li ilmenta.

Dan l-individwu kien qed jibbaża l-ilment tiegħu fuq żewġ kwistjonijiet;

1. il-mod kliniku u mediku kif ġiet ittrattata ommu; u
2. l-mod kif hu u ħutu ġew trattati mill-istaff fl-Isptar Mater Dei. Huma kienu qed isostnu li ma kinux qed jitħallew jibqgħu ma' ommhom li kienet marida terminali barra l-ħinijiet normali taż-żjarat, anke jekk kien ingħatalha s-sagrament tal-Griżma tal-Morda. F'dan ir-rigward il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ntalab jagħti spjegazzjoni fuq dan il-każ.

Min-naħa ta' dan l-Uffiċċju l-individwu li ressaq l-ilment ġie infurmat li l-Ombudsman ma setax jinvestiga t-trattament kliniku peress li hu u qrabatu kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom mezzi oħra ta' rimedju jekk iħossu li l-pazjenta fil-kwistjoni ma rċevietx il-kura klinika addattata li kienet teħtieġ. L-Att tal-Ombudsman 385, fl-Art. 23 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja, jiddikjara speċifikament li:

> *"Il-Kummissarju għas-Saħħa m'għandu jinvestiga ebda azzjoni li tittieħed minn professjonisti fil-kura medika fl-eżerċizzju tal-ġudizzju mediku u kliniku tagħhom għad-dijanjosi ta' xi marda jew il-kura ta' pazjenti; lanqas m'għandu jinvestiga ebda mertu tekniku tad-deċiżjonijiet li jittieħdu minn professjonisti fil-kura medika, kemm-il darba ma jkunx hemm f'xi każ minn dawn prova ta' amministrazzjoni ħażina minn min jipprovdi s-servizz tas-saħħa fl-eżerċizzju tal-kompetenza professjonali tiegħu jew ta' xi azzjoni professjonali diskriminatorja."*

Dwar it-tieni ilment, il-Ministeru, permezz tad-Direttur tal-Infermiera, ikkonferma li normalment il-prattika addottata kienet li l-qraba ta' pazjenti morda b'mod terminali jitħallew jibqgħu mal-pazjent barra l-ħinijiet normali taż-żjarat. Id-Direttur tal-Infermiera organizza laqgħa mal-Infermiera inkarigati li huma responsabbli għas-sala partikolari involuta f'dan il-każ. L-Infermiera inkarigati spjegaw is-sekwenza tal-avvenimenti li seħħew fil-jumejn li l-pazjenta kienet fis-sala tagħhom. Id-Direttur tal-Infermiera ntalab ukoll jipprovdi d-dokument uffiċjali tal-iStandard Operating Procedure (SOP) tal-Isptar Mater Dei li fih l-istruzzjonijiet bil-miktub dwar kif għandhom jiġu trattati sitwazzjonijiet bħal dawn. Il-Ministeru informa lil dan l-Uffiċċju li tali dokument kien ġie revokat minħabba l-pandemija tal-Covid-19 u sfortunatament, ma setgħux jipprovdu kopja ta' dan l-imsemmi dokument.

**Konklużjonijiet**

Mill-investigazzjoni deher ċar li, fil-fatt, l-individwu li ressaq l-ilment u qrabatu ma tħallewx jibqgħu fis-sala ma' ommhom, li kienet marida b'mod terminali, barra mill-ħinijiet normali taż-żjarat. Kien impossibbli li jiġi kkonfermat jekk l-attitudni tal-infermiera kinitx waħda maledukata jew b'mod żorr minħabba l-evidenza konfliġġenti mogħtija miż-żewġ partijiet ikkonċernati. Madankollu, huwa ċar li l-ħin li l-qraba tħallew joqogħdu ma' ommhom, li kienet marida b'mod terminali u li kienet anke ngħatat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda, kien limitat. L-infermiera saħqet li dan kien minħabba l-esiġenzi tal-ħidma tagħhom u fil-kura ta' pazjenti oħra li kienu fl-istess kamra tal-pazjenta li kienet marida b'mod terminali. F'dan ir-rigward l-infermiera jridu jmexxu s-sala b'mod effiċjenti, madankollu xorta waħda jridu jżommu f'moħħhom l-istress li jkunu għaddejjin minnu l-qraba ta' pazjenti bħal dawn li huma morda b'mod terminali. Il-komunikazzjoni, bħal dejjem, f'ċirkostanzi bħal dawn hija kruċjali.

Matul l-investigazzjoni nstab ukoll li ma kien hemm l-ebda policy uffiċjali attwali fl-Isptar Mater Dei dwar il-ħinijiet taż-żjarat tal-qraba ta' pazjenti li huma morda terminali. Il-management ta' Mater Dei jsostni li kien hemm policy bil-miktub iżda meta mbagħad ġie mitlub biex jipprovdi kopja ta' din il-policy ma pprovdihiex. Sitwazzjonijiet delikati bħal dawn iridu jkunu rregolati minn policy approvata uffiċjalment li tkun iddokumentata kif suppost u mqassma lill-ħaddiema kollha tal-kura tas-saħħa. Policy li tiġi applikata b'mod uniformi tiżgura li s-swali kollha jaġixxu bl-istess mod f'sitwazzjonijiet delikati bħal dawn. Inkella, wieħed jifhem għaliex il-qraba ta' xi pazjenti jistgħu jħossuhom offiżi meta jiġu trattati b'mod differenti minn sala għall-oħra, kif jidher li ġara f'dan il-każ.

**Rakkomandazzjonijiet**
Sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet sfortunati bħal dawn fil-futur, ġie rrakkomandat li għandha titfassal policy approvata uffiċjalment li tirregola sitwazzjonijiet bħal dawn, u din għandha tiġi ppubblikata u ċċirkolata immedjatament lill-professjonisti kollha tal-kura tas-saħħa. Din il-policy jew Standard Operating Procedure (SOP) għandha tinkludi l-partijiet interessati kollha sabiex ma jerġgħux iseħħu episodji simili. Ladarba tiġi ppubblikata huwa importanti ħafna li s-swali kollha japplikawha bl-istess mod biex ma jerġax jiġri li jkun hemm sitwazzjonijiet sfortunati bħal dan il-każ.

Barra minn hekk, il-pazjenti u l-qraba tagħhom għandu jkollhom mezzi disponibbli fejn jistgħu jappellaw deċiżjoni ta' infermier/a. F'dan il-każ, l-Infermiera inkarigati ħadu deċiżjoni li l-qraba ma qablux magħha, iżda dak iż-żmien il-qraba ma kellhomx mod kif jistgħu jitolbu li ssir reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni. Ma kellhom l-ebda possibbiltà li jappellaw deċiżjoni bħal din. Sabiex tiġi indirizzata sitwazzjoni bħal din, għandu jkun hemm persuna maniġerjali għolja li hija disponibbli biex tirrevedi każijiet bħal dawn fil-pront u tieħu deċiżjoni aħħarija. Il-qraba li jiffaċċjaw sitwazzjoni bħal din għandhom isiru jafu li jistgħu jappellaw id-deċiżjoni tal-Infermiera inkarigata.

**L-eżitu**
Ir-rakkomandazzjonijiet kollha ġew aċċettati mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva. Fi żmien tliet xhur minn meta saru r-rakkomandazzjonijiet, ġiet ippubblikata SOP uffiċjali mill-Maniġment tal-Isptar Mater Dei.

**Taqsima tal-Ortotiċi u Prosteżi**

# Tiġi riżolta kwistjoni marbuta ma' iffitjar ta' prosteżi

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment kien missier ta' pazjenta żagħżugħa li kellha problemi bil-prosteżi għal-parti t'isfel ta' riġlejha. L-individwu li ilmenta kien qed jallega li l-prosteżi li kienet ġiet iffittjata lil bintu ma kinitx qed toqgħodilha sew u minkejja li hu għamel diversi tentattivi biex jindirizza l-kwistjoni mal-fornituri ta' dan is-servizz ma rnexxilux jikseb soluzzjoni.

**L-investigazzjoni**

Wara li saret l-ewwel laqgħa mal-individwu li ressaq l-ilment, il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ġie infurmat b'dan il-każ u ntalab sabiex jagħti l-kummenti tiegħu. Min-naħa tal-awtoritajiet tas-saħħa ntbagħat rapport dettaljat dwar il-prosteżi mit-Taqsima Ortotika Prostetika (Orthotic and Prosthetic Unit - OPU) fl-Isptar Karin Grech. Saret żjara fuq il-post tal-faċilitajiet fl-OPU u ġew spjegati s-servizzi li jiġu offruti f'din it-taqsima. Dan l-Uffiċċju għamel ukoll laqgħa mal-Kap Eżekuttiv. Mill-investigazzjoni deher li l-OPU fil-fatt kienu qed jippruvaw jaqdu l-bżonnijiet tal-pazjenta, iżda kien hemm element ta' nuqqas ta' komunikazzjoni ċara bejn il-fornituri tas-servizz u l-klijenti. Għalhekk ġie deċiż u saret laqgħa bejn il-partijiet kollha interessati fl-Uffiċċju tagħna. Matul din il-laqgħa kien jidher ċar li kien hemm element ta' nuqqas ta' fiduċja. Wara li l-kwistjonijiet ġew diskussi fit-tul, dan l-Uffiċċju ppropona li dak li għandu jsir kien li jittieħdu passi speċifiċi fi żmien stabbilit. Rapporti regolari kellhom jinħarġu u jiġu ċċirkolati mal-partijiet interessati kollha. Dan kien maqbul bejn dawk kollha preżenti (inklużi l-klijenti u l-fornituri tas-servizzi). Matul din il-laqgħa ġie stabbilit li kien jeħtieġ li jiġi pprovdut tagħmir għall-manifattura tas-sieq artifiċjali.

**Kunsiderazzjonijiet**

Wara l-laqgħa min-naħa tal-OPU ġie mfassal perijodu speċifikat ta' żmien uffiċjali u dan ġie mgħarraf lill-individwi li ressqu l-ilment. Ir-rakkomandazzjoni magħmula minn dan l-Uffiċċju dwar l-akkwist ta' tagħmir meħtieġ għall-produzzjoni tal-prosteżi ġiet aċċettata u dan ġie pprovdut.

Il-pazjenta ġiet iffitjata bil-prosteżi l-ġdida u ġie nnutat titjib fil-mobilità tagħha.

**Rakkomandazzjonijiet**

Ir-rakkomandazzjonijiet li saru dwar dan il-każ ġew aċċettati u l-każ ġie solvut għas-sodisfazzjon ta' dawk kollha kkonċernati.

**Sptar Mater Dei**

# Jiġi sostitwit l-oġġett li ġie mitluf fl-Isptar Mater Dei

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment kien sofra puplesija u ddaħħal fl-Isptar Mater Dei. Meta ġie trasferit u sakemm baqa' għall-kura fl-isptar, id-dentatura tiegħu ntilfet.

**L-investigazzjoni**

Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ġie infurmat b'dan il-każ, u ġie mitlub sabiex jagħti l-kummenti tiegħu. Mill-investigazzjoni rriżulta li l-individwu li ilmenta kien qabel kiteb lill-Customer Care dwar dan it-telf. Il-Ministeru kkonferma li d-dentatura tneħħiet fid-Dipartiment tal-Emerġenza, iżda minn hemm 'il quddiem, ma setgħet tinstab l-ebda traċċa oħra ta' din id-dentatura.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva aċċetta r-responsabbiltà għall-fatt li d-dentatura ntilfet fl-Isptar Mater Dei u qabel li din tiġi sostitwita mingħajr ħlas. Eventwalment deher ċar li qabel ma tiġi sostitwita d-dentatura mitlufa, min ilmenta kien jeħtieġ li jsirlu trattament dentali. Għalhekk inqalgħu s-snien u saru l-interventi dentali meħtieġa u mbagħad kellu jingħata żmien adegwat biex l-għadam u l-ħanek ifiequ sew qabel ma teħel id-dentatura l-ġdida.

**L-eżitu**

L-individwu li ressaq l-ilment ġie trattat għal kura dentali meħtieġa u wara ġie mogħti ukoll sett ġdid ta' dentatura.

**Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva**

# Servizzi ta' Riabilitazzjoni għal pazjent li sofra trawma kbira

**L-ilment**

Il-persuni li ressqu l-ilment f'dan il-każ kienu l-ġenituri ta' tifel ta' 15-il sena li wara inċident tat-traffiku sofra minn korriment trawmatiku fil-moħħ. Bħala parti mill-proċess ta' riabilitazzjoni tiegħu, dan it-tfajjel kellu bżonn trattament f'ċentru ta' riabilitazzjoni speċjalizzat barra minn Malta. Dan sfortunatament ma seħħx minħabba ċirkostanzi li ma kienux previsti.

**L-investigazzjoni**

Wara li saret laqgħa mal-persuni li ilmentaw, il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ġie mitlub biex jipprovdi d-dettalji dwar dan il-każ. Il-Ministeru informa lil dan l-Uffiċċju li dan il-pazjent ġie rriferut għal ċentru privat fir-Renju Unit permezz tat-Taqsima ta' Trattament Barra minn Malta għal aktar evalwazzjoni u mmaniġġjar tal-kundizzjoni kumplessa tiegħu.

Madankollu, irriżulta li t-Taqsima ta' Trattament Barra minn Malta ma kellhiex qafas legali li joffri sapport finanzjarju għal kura u trattament fis-settur privat fir-Renju Unit. Barra minn hekk, filwaqt li l-leġiżlazzjoni dwar il-Cross Border Healthcare tippermetti sapport finanzjarju għal trattament f'ċentri privati, din il-leġiżlazzjoni ma tkoprix is-servizzi ta' riabilitazzjoni. Barra minn hekk, wara l-Brexit, dan lanqas ma għadu applikabbli għar-Renju Unit.

F'dak l-istadju, inġibdet l-attenzjoni li kienet ir-responsabbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa flimkien mal-uffiċjali relattivi tal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva li jidentifikaw ċentru ieħor ekwivalenti li jissodisfa l-kriterji meħtieġa

biex il-pazjent jirċievi t-trattament ta' riabilitazzjoni xierqa skont il-fehma tat-tim mediku tiegħu.

Il-Ministeru qabel ma' dan l-Uffiċċju li l-ħtieġa tal-pazjent għar-riabilitazzjoni kienet diġà stabbilita mit-tim kliniku tiegħu. Il-Ministeru qabel ukoll li tali kura għandha tifforma parti mill-kura kontinwa tal-pazjent.

It-Taqsima ta' Trattament Barra minn Malta u l-konsulent inkarigat ippruvaw jidentifikaw ċentru ta' riabilitazzjoni li jista' jassisti fil-kura f'dan il-każ. Huma rnexxielhom isibu ċentru ta' riabilitazzjoni fil-Ġermanja li seta' joffri r-riabilitazzjoni li kellu bżonn dan it-tfajjel. Ġie mfassal pjan ta' azzjoni flimkien maċ-ċentru Ġermaniż.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-pazjent siefer u mar il-Ġermanja fejn ingħata l-kura u kellu programm ta' riabilitazzjoni. Matul il-programm ta' riabilitazzjoni, il-pazjent wera titjib notevoli tant li l-ispeċjalisti fiċ-ċentru ta' riabilitazzjoni fil-Ġermanja issuġġerew li l-pazjent ikompli għaddej b'din il-kura għal erba' ġimgħat oħra ta' riabilitazzjoni. Dan ġie approvat ukoll u matul l-2026 il-pazjent se jerġa' jitla' għall-kura fil-Ġermanja.

**Rakkomandazzjonijiet**

Ir-rakkomandazzjoni li saret minn dan l-Uffiċċju ġiet aċċettata u implimentata fl-aħjar interess tal-persuni li ressqu l-ilment.